**Impose**—ordni, cmand ; *according to your ladyship's impose*, (**Shakespear,** *Two Gent. of Verona*), scond il cmand (l-ordni) tas-sinjuria tiegħec, Sinjura

**Imposement**—ara *imposition.*

**Imposer** — min ikiegħed fuk, min jordna, iġagħal jew jagħfas ; min jidħak bi, min idaħħal fix-xcora lil, min ikarrak bi.

**Imposing** — tkegħid fuk ; ordnar, ġagħil, cmand ; daħk bi, tkarrik; cbir, li jagħmel impressioni ; *an imposing spectacle*, spettaculu li jagħmel impressioni (cbir,sabiħ ferm, imponenti).

**Imposing stone (imposing table)** — il wiċċ jew ic-ċangatura tar-torchiu ta stampatur fejn icunu marbuta il facciati composti bit-tipi ta ctieb etc. lesti għal ġbid jew għal li stampa.

**Imposition**—tkegħid fuk ; twaħħil fi ; għamil ta taxxi etc. ; haraġ, sisa ; chitba, xoghol etc. li jatu penitenza jew castig lil li studenti fi schejjel etc.; kerk, daħc bi, takrik.

**Impositor**—ara *imposer.*

**Impossibilitate**—tagħmel, tirrendi, jġġagħal li icun impossibli ( li ma jistax icun.

**Impossibility** — haġa li ma tistax tcun, jew li ma jistax icun li issir.

**Impossible**—li ma jistax icun ; *nothing is impossible for you*, għalic collox jista icun ; *impossible*, ħaġa li ma tistax tcun ; *this is an impossible*, dina ħaġa li ma tistax tcun.

**Impossibly**—b'mod li ma jistax icun.

**Impost**—taxxa, sisa, ħaraġ ; il post (ras ta colonna) fejn l-ewwel gebla ta ħnejja tcun poġġuta fuk colonna jew ħajt; il post fejn tcun poġġuta l'ewwel filata ta ħnejja ta arc f'bini.

**Imposthumate** - tigbor il materia, ġbir ta materia jew marċa ( meta jiġbor xi axxess jew tumur) ; minfuħ u mimli bil marċa jew bil materia ; mdenni, li fih il marċa, li ġabar il marċa ; demla.

**Impostumation**—gerħa, demla ; ferita mdennija li fiha il marċa jew il materia.

**Imposthume** – ġabra (ġbir) ta marċa jew materia ; demla axxess jew tumur (ferita mdennija, li ġabret jew għamlet il marċa) ; tagħmel jew tiġbor il marċa (ferita etc ).

**Impostor** — impustur, karrieki, li jidħac bin-nies, li juri ħaġa b'oħra ; *don't you believe him, he is an impostor*, temmnux, dac impustur (jidħak bic).

**Impostorship** – ix-xogħol; is-sengħa, il carattru ta impustur, ta karriek ecc.

**Impostress** – mara impustura, karrieka li tidħac bic, jew li turi ħaġa b'oħra.

**Imposture**—impostura, kerk, wiri ta ħaġa b'ohra, ingann.

**Imposturous** – karrieki, impostur, li juric ħaġa b'oħra.

**Impostury** – kerk, ingann, wiri ta ħaġa b'ohra.

**Impotence** – impotenza, nukkas ta ħila, debulizza, fiacchizza ; nukkas ta siwi ( sewwa f'ragel chemm ucoll f'mara ).

**Impotent** – li ma jistax, ma għandux ħila, ma jiswiex ; marid, deboli, fiacc.

**Impound** – tagħlak f'makiel, f'razzett etc. ; tagħlak.

**Impoundage** — għeluk ta bhejjem, f'makiel etc.

**Impounder** - min jagħlak bhejjem f'makiel etc.

**Impoverish** — tfakkar ; ma thallix art actar għammiela ; *the payment of one shilling a week will not impoverish you, I am sure*, jena naf li xelin fil gimgħa m'hux sejjer ifakkrec ; *these impoverished lands will not yield good crops this year*, dawn l-artijet (irraba) għajjien ma jatix uċuħ tajbin dis-sena.

**Impoverisher** – min ifakkar.

**Impoverishment**—fakar, għaks.

**Impower** – tati is setgħa.

**Impracticable** – li ma jistax isir, li ma jistax icun, li ma jistax jintgħamel ; ta rasu, stinat, li ma tistax tghaddi minnu ; *this plan although specious is impracticable*, dan il pian (progett) għad illi sabiħ, iżda ma

Digitized by Google

jistax icun li isir (li jintghamel); *he is a man of an irritable and impracticable temper,* dac bniedem li jiżbel minn xejn u stinat (ta rasu); *that is an impracticable road,* dic triek li ħadd ma jista ighaddi minnha (triek li ma jistgħux igħaddu minnha nies).

Impractical—li m'hux pratticu, li ma għandux mid-dinja; li m'hux prudenti, li ma għandux għakal biżżejjed.

Imprecate—tixtiek id-deni, tidgħi lill xi ħadd; tixtiek, titlob li jiġri xi deni, xi disgrazia lil xi ħadd, (tgħejd narrac jew narraħ imut jeghrek, tixorbu sajetta etc.)

Imprecation — dagħwa, dagħa; xewka ta deni jew disgrazia lil xi ħadd (bħal meta tgħejd lill xi ħadd: narrac tmut etc )

Imprecatory— tad-dagħa, tax-xewkat tad-deni lill xi ħadd; li jidgħi jew jixtiek id-deni jew disgrazï lil xi ħadd.

Imprecision — nukkas ta esattezza jew precisioni.

Impregn—tħabbel; taghmel, għammiel; timla.

Impregnable — li ħadd ma jiflaħ għalih, li ħadd ma jeħdu, li ħadd ma jegħelbu; li ma jintrebaħx, shiħ ferm, kawwi; *the battery, guarded well, remains as yet impregnable,* (**Byron**, *Siege of Corinth*), il batteria ( fortizza ) magħmmra tajjeb bis-suldati u'l canuni, bakgħet s' issa ma ittehditx (kegħda iżżomm li ma għelbuhix. )

Impregnant—li m'hix tkila jew hobla; dac li jimla, dac li jagħmel art etc. għammiela.

Impregnate—tħabbel; tagħmel art etc għammiela; timla; ixxabba, toħbol; *to impregnate the hearts with hatred,* biex timla il klub bl-odiu, Lil mibgħeda.

Impregnate — tkila, ħobla; għammiela (art etc.)

Impregnation—ħbiela; milja, tilja.

Imprejudicate — li ma iżomm ma ħadd; li ma hu maklub jew miżmum lejn ħadd; imparziali, tal ħakk.

Imprenable—ara *impregnable.*

Impreparation—nukkas ta tħejjia.

Impresa—chelmiet, scrizioni li na raw fuk xi arma.

Impresario — Impresariu, dac li imixxi l-andament ta teatru.

Imprescriptible — li ma għandux prescrizioni; li ma jispiċċalux iżżmien; li ma hux suggett għal *prescription* (ara); naturali, li m'hux gej minn, jew li ma għandux x'jaksam ma, ħaġ'oħra; minnu in-nifsu, ċar; *the imprescriptible laws of reason,* il-ligijet ċari (naturali etc.) tar-raġuni.

Imprese—impresa ta teatru; chelmiet, scrizioni li icun hemm f'xi arma (fl-armi tal cunjomijet etc.)

Impress—tistampa, titba; timpressa (tistampa billi tagħfas timbru etc); tagħfas tross l-isfel; tagħmel impressioni cbira; twaħħal, tħalli mwaħħal fil moħħ; iġġagħal shiħ jew ferm; tingaġġa in-nies fis-servizz bil fors; tarfa, twarrab flus, provision etc. għas-servizz tal poplu (tal pubblicu); stampa, marca; rassa; għafsa, sinjal, impronta; ingaġġar, ġbir ta nies bil fors għas-servizz; chitba, scrizioni dwar arma (tal cunjiomijet etc); *they are the image of his own mind impressed on our souls* (**Sharp**, *Vol. III Sermon I*), huma ix-xbija stess tiegħu (ta moħħu, tr chif jaħsibha) stampata fina stess; *his air impressed a troubled memory in my breast* (**Byron**, *Giaour*), l-aria (il ħarsa jew l-imgiba) tiegħu stampatli ( ħallietli ) tifchira ħazina (mkalba) f'kalbi (gewwa fia); *impress upon him the necessity of coming,* ġagħlu jara shiħ il bżonn cbir li hemm biex jigi; *the chief his foot impressed on the strong neck of that destructive beast,* (**Dryden**), il cap għafas l-isfel (rass) b'sieku il għonk ta dac l-annimal kerried (li jagħmel tant ħsara); *his duty was to impress seafaring men for the service by the King's Commission* ( **Blackstone**, *Commentaries* ), xogħlu chien li jingaġġa bil fors nies tal baħar għas-servizz ta fuk il baħar bl-ordni tas-Sultan (tar-Re); *they had to impress sums of money and provisions for the troops,* Chellhom iwarrbu flejjes u provisionijet għas-suldati; *why such impress of men?* għa-

liex dan l-ingaġġar collhu ta nies bil fors?

Impressible—li jeħu, li iżomm fil, suxxettibli.

Impression—twaħħil, rass, għafis; ħiel; idea; tbih, stampa, marca; edizioni, ħarġa ta ctieb etc.; impressioni; *the impression of an object upon the mind,* l'impressioni li jibkagħlec (li tħallilec) ħaġa f'moħħoc; *soft wax yields to every light impression,* ix-xama artab iciedi (jistampa fih) cul għafsa żgħira; *it still bears the impression,* għadu igib il marca (għadu imbullat jew stampat).

Impression—lewwel passata jew il culur (iż-żebgħa) tal fond ta quadru dic il passata żebgħa li jatu l-it-travi tal ħadid etc biex ma isaddux.

Impressionable — li jimpressiona ruħu, li jeħu, li ihoss malair.

Impressionless — li m'hux *impressionable* (ara).

Impressive—li jagħmel impressioni, li iwaħħal fil moħħ; suxxettibili.

Impressment—ingaġġar fis-servizz ta bil fors; servizz ta bil fors jew obligatoriu.

Impressure—għafsa, rassa; tixlifa, tagħtina.

Imprest—flus mislufa, self ta flus; flus li wieħed jati jew iħallas kuddiem; capparra; tislef flus.

Imprest money—ix-xelin etc. li jehdu l-ewwel darba dawc li jingaġġaw suldati.

Imprest office—l-Officiu tal Armiraljat minn fejn joħorġu il flus (jinsilfu il flus) kuddiem lil *pay masters* (pagaturi) u ufficiali oħra li icollhom bżonn.

Imprevalence — nukkas ta setgħa jew kawwa fuk, nukkas ta cmand; nukkas ta siwi jew ħila f'dac li icun.

Imprevaricable—għal cnlħadd; li jaħtieġlu culħadd jokgħod għalih; *it is an imprevaricable law with all bodies,* (**Digby**), hia ligi għal culħadd (li ħadd ma jista jeħles minnha).

Impreventable — inevitabli li ma tistax teħles minnu; li ma tistax iżżommu li ma isirx

Imprimatur—in-*Nihil Obstat* jew il permess li għandhom ic-censuri li jatu biex wieħed icun jista jistampa ctieb etc għal publicu wara li icunu rawh u flewh li ma icun fih xejn immorali etc; marca, sinjal ta approvazioni ta censur.

Imprimery — stamperia; stampa, stampar jew is-sengħa ta stampatur.

Impriming—l-ewwel, il bidu; bidu.

Imprimis — lewwelnett; *imprimis, pray observe his hat* (**Goldsmith**, *A new Simile*), lewwelnett, jecc jogħġboc ara sewwa il cappell tiegħu.

Imprint—tistampa; timprimi (tħalli il marca jew is-sinjal bil għafis); twaħħal, tħalli impress jew stampat fil moħħ; l-isem ta li stampatur jew ta li stamperia, id-data etc. li icun hemm (li jagħmlu li stampaturi) fil frontispiziu ta ctieb etc; *he was fined £ 5 for issuing that pamphlet with out the printer's imprint,* weħel hames liri għaliex ħareġ dac il ctieb żgħir (librett) minn għajr l-isem ta li stamperia fejn hu stampat, id-data etc; *I found imprinted there the shape of her dainty foot,* (**Drayton**, *inquest of Cynthia*), sibt stampata hemm il marca (is-sinjal jew il forma) tas-siek tagħha żgħira (ċkejcna); *there is the science of imprinting and the craft of making paper,* (**Sir T. More**, *Utopia*), hemm ix-xienza ta li stampa (ta li stampar) u is-sengħa li tagħmel il carta.

Imprison—ticcalzra, taħbes, id-daħħal il ħabs; *they took the prince and imprisoned him,* kabdu il princep u iccalzrawh (daħħluh il ħabs).

Imprisoner—min jiccalzra, iżomm calzrat jew idaħħal il ħabs.

Imprisonment—calzri, żamma (għeluk) f'ħabs; *he was condemned to perpetual imprisonment,* mar (bagħtuh) il ħabs għal għomru.

Improbability—improbabiltà, ħaġa etc li ma tantc tista tcun; dac li ma tantx jista icun, li isir, jew jiġri; jew li ma jistax jingħata.

Improbable—improbabli, li ma tantc jista icun, li ma jistax icun li wieħed ma jistennihx; li m'hux ta min jemmnu; li ma jistax jingħata.

Digitized by Google

IMPROBATE—ma tipprovax, ma tħallix li isir (li issir ħaġa).

IMPROBATION—disapprovazioni; (filligi) prova ta xbieda falza jew ta ħaġa falza, ta trodi etc.

IMPROBITY — disonestà, hażen, ħżunija.

IMPRODUCED—m'hux migiub.

IMPROFICIENCE — nukkas ta *proficiency* (ara).

IMPROGRESSIVE—li ma igħaddix il kuddiem, li m'hux ta l-avanz.

IMPROLIFIC — li ma jagħmilx frott; ħawli.

IMPROLIFICATE—tagħmel għammiel; tagħmel mod li iż-żerrigħa tinbet u tagħmel il frott etc.

IMPROMPT—m'hux lest, m'hux mhejji; *so imprompt to stand the shock* (**Sterne**, *Tristram Shandy I, 219*), hu ma chienx hecc mhejji ghall din li scossa.

IMPROMPTU—bla mhejji, bla tħejjia jew studiu xejn; għal għarrieda; improvvisat; *everybody was surprised at the impromptu speech he delivered to the assembly*, culħadd baka mistgħageb għal dac id-discors improvisat (bla studiu xejn u għal għarrieda) li għamel f'dic il lakgħa ta nies.

IMPROMPTUIST — improvisatur, min jagħmel discors etc. għal għarrieda, bla studiu xejn: *he is a most prolific impromptuist*, dac bniedem (wieħed) li jagħmel discorsi etc. minn għajr xejn ma ilestihom kabel, u mil l-isbaħ (li jatu piacir, sbiħ ferm etc.)

IMPROPER—generali, comuni, m'hux propriu, m'hux adattat, m'hux sewwa, m'hux xierak; ħażin, cuntlariu, m'hux tajjeb; *this is an improper medicine for you*, din il medicina ħażina għalic (contra li għandec bżonn int); *he delivered an improper speech*, għamel discors m'hux adattat li ma jokgħodx, m'hux tajjeb, jew li ma jiswiex għalecc; *his conduct is an improper conduct*, il condotta tiegħu hia condotta ħażina; *and did him service improper for a slave*, (**Shakespear**, *Lear*) u għamillu azioni li ma tixrakx lil wieħed rsir; *it is improper speech to say he died, say: he was exhaled*, (**Dryden**), tgħejd ħażin meta tgħejd li hu miet, għandec tgħejd spira (ħarget ruħu).

IMPROPER FRACTION—frazioni (vulgari) impropria—frazioni li in-*numeratur* icun acbar mid-*denominatur* bħal $\frac{9}{8}$.

IMPROPERATION—cliem jebes, insulti, tmegħir, tmakdir; *omitting these improprerations and terms of scurrility*, (**Brown**, *Webster*), inħallu barra (ma ngħoddux) dan it-tmegħir u'l cliem ħieragħ u li iwaġġa.

IMPROPERLY—ħażin, m'hux sewwa, b'mod li ma jixrakx jew li ma imurx.

IMPROPITIOUS—li m'hux *propitious* (ara).

IMPROPORTIONABLE—li m'hux scond id-daks sewwa chif imur, jew scond il proporzioni.

IMPROPORTIONATE—m'hux mdakkas m'hux scond il proporzioni.

IMPROPRIATE—tieħu f'idejc, tagħmel ħaġa tiegħec, tieħu għalic jew taħt idejc; titlak, tħalli ir-renti etc. ta cnisia etc. f'idejn wieħed secular; mħolli, mitluk (procura, renti etc. ta cnisia) f'idejn secular.

IMPROPRIATION—tħollija ta procuri, dħul ta renti etc. ta cnisia f'idejn wieħed secular; renti etc. ta cnisia mħollijn fidejn wieħed secular; *all the impropriations might easily have been purchased in those days*, (**Nelson**, *Life of Bishop Hall*), ir-renti collha etc. tal cnisia li chienu mħollijn f'idejn is-seculari setgħu inxtraw collha f'dawc il ġranet

IMPROPRIATOR—secular li għandu mħollijin f'idejh ir-renti etc. ta cnisia (benefizii etc.)

IMPROPRIATRIX—mara li għandha mħollijin f'idejha ir-renti etc. ta cnisia (benefizi).

IMPROPRIETY—ħaġa ħażina, m'hix f'loca, m'hix xierka, li ma tmurx.

IMPROSPERITY—nukkas ta *prosperity* (ara)

IMPROSPEROUS—li m'hux *prosperous* (ara).

IMPROSPEROUSNESS—nukkas ta *prosperity* (ara).

IMPROVABLE—li jista icun mgħmul

Digitized by Google

aħjar irrangat jew migiub il kuddiem, ighaddi il kuddiem ; li jista jitieb.

IMPROVE—tagħmel aħjar ; iggib il kuddiem, ittajjeb ; tgħaddi il kuddiem, titjeb; iżżid jew tcabbar; *to improve one's estates*, tcattar dejjem l-artijet etc. li icolloc ; *prices improve*, il prezziet joctru, jiżdiedu, jew jogħlew; *the writing of these boys might be improved*, il chitba ( il calligrafia ) ta dawn it-tfal tista tcun jew issir aħjar; *if you can improve on my work I shall be only two pleased*, jecc inti għandec il ħila li tagħmel ix-xogħol tiegħec ahjar minn tiegħi jena nieħu piacir cbir.

IMPROVE—turi li hu falz ; tipprova il cuntlariu; tmakdar, tmiegher, twaħħal fi, issib xi tgħejd fi ; tati il ħtia ; *there is always something that he improves*, dejjem isib xi ħaġa xi igħejd (xi makdar jew imiegħer).

IMPROVEMENT — mogħdija il kuddiem, titjib.

IMPROVER – min igħaddi il kuddiem min icattar jew iżid ; min jagħmel aħjar jew itajjeb ; lavrant, apprendista ma ħajjat jew ħajjata.

IMPROVIDED—li wieħed ma chienx jistennih ; ta bla ħsieb; li m'hux lest ; li m'hux mheiji ; *he was not to hope for any aid from Maximilian, for that he was altogether improvided*, ( **Bacon**, *Henry VII*), ma chellux għaliex jittama li icollu ebda għajnuna minn għand Massimilianu, ghaliex dana ma chien mhejji xejn affattu.

IMPROVIDENCE — nukkas ta *thrift* (ara), nukkas ta *forethought* (ara).

IMPROVIDENT—li ma jaħsibx għal li gej; li ma jaħsibha xejn ; li ma ghandu ghakal xejn ; trascurat bla cont ; *improvident soldiers ! had your watch been good, this sudden mischief could never have fallen*, ( **Shakespear**, *Henry VI*), suldati trascurati, li chiecu għassistu tajjeb, chiecu din il ħsara ma ġratx.

IMPROVING—li għaddej il kuddiem; li kigħed miexi aħjar.

IMPROVING LEASE—cens ( ghata ta art etc.) bil patt li isiru il beneficati minn għand dac li jeħu ic-cens.

IMPROVISATE — improvisat ; magħmul bla studiu xejn kabel ; bħal *impromptu* ( ara ) ; timprovisa, tgħejd, titchellem ticteb poesia etc. millewwel min għajr ma tokgħod taħseb xejn jew tistudia kabel.

IMPROVISATION—recitar, chitba etc. ta poesia etc. minn ghajr studiu xejn kabel.

IMPROVISATOR—min ( dac li ) jicteb jew jgħejd poesia etc. mil-lewwel minn għajr ma jistudia jew jaħseb kabel.

IMPROVISE —timprovisa ( ara *improvisate*.

IMPROVISER—ara *improvisator*.

IMPROVISION—ara *improvidence*.

IMPROVISO—li m'hux mħejji jew li icun lest kabel (bħal *impromptu* (ara.)

IMPROVISATORE—chittieb jew min jirrecita poesia, versi etc. min għajr xejn ma icollu żmien kabel, poeta estemporaneu.

IMPROVISATRIX — mara li tirrecita jew ticteb versi, poesia etc. bla ma taħseb jew icollha żmien xejn kabel poetessa estemporanea.

IMPRUDENCE — nukkas ta ghakal, imprudenza.

IMPRUDENT—imprudent, bla prudenza, bla ghakal.

IMPUBERAL—li għadu ma wasalx fl-età (fis snin) tal *puberty* (ara).

IMPUDENCE — nukkas ta mistħija, sefka, wiċċ tost ; *I can't bear his impudence any longer*, ma nistax għalih actar il wiċċ tost li għandu (għat-tustaġni jew ghas-sefka ta wiċċu).

IMPUDENT—tost, wiċċ bla mistħija; sfik ; *don't be so impudent !* la tcunx hecc tost (wiċċ ta bla mistħija).

IMPUDICITY — tustaġni, nukkas ta mistħija.

IMPUGN—iżomm jebes ; tiekaf lill ; tmieri, tħakkak ; *to impugn them with arguments...* (**Boyle**, *Works*) ; imierihom (iħakkakha magħhom) b-argumenti jew ragiunijet... ; *the Venetian law, cannot impugn you* (**Shakespear**, *Merchant of Venice*) ; il-ligi ta Venezia ma tistax iżżomloc jebes.

IMPUGNABLE—li jista icun mħakkak

Digitized by Google

li tista tmerih; li jista icun miżmum jebes.

IMPUGNATION — bħal *opposition* ara.

IMPUGNER — ara (*opponent*); *he is one of the impugners of the King's authority* (Stiyne, *Memorials*), hua wiehed minn dawc li marru (ħaduha) contra is-setgħa tar-Re.

IMPUGNMENT — żamm jebes; tħakkik, tmerija.

IMPUISSANCE — nukkas ta kawwa jew saħħa; impotenza, debulizza; *I felt myself so safe in impuissance and despair* (E. B. Browning, *Aurora Leigh, IX*), jena sibt ruħi aħjar form fid-debulizza u id-disperazioni tiegħi (meta cont deboli u mdejjak).

IMPUISSANT — li ma jiswa xejn; deboli.

IMPULSE — tefgħa, tixjira; sfiċċa, ħsieb ta mument, attacc; ħabta għall; promozioni, avanz; *the first impulse is wanted now*, lewwel tixjira jonkos issa; *you acted under the impulse of the moment*, inti għamilt chif gietec li sfiċċa f'rasec minn għajr ma kgħadt taħsiba jew tirriflettì xejn); *you have to sustain the impulse and receive the war* (Prior, *Ode to the Queen*), icolloc tokgħod għall attacc u issofri il gwerra.

IMPULSIVE — li jitfa jew jimbotta, li jati it-tixjira; li imixxi jew isuk il kuddiem.

IMPULSOR — min (dac li) jitfa jew jimbotta jew li jati ix-xejra.

IMPUNCTATE — m'hux bil ponti; itticchiat jew mnicchet (li ma fihx nichet jew nictiet).

IMPUNCTUAL — li m'hux *punctual* (ara).

IMPUNCTUALITY — nukkas ta *punctuality* (ara).

IMPUNIBLY — bla castig.

IMPUNITY — ħelsien (mil ħlas ta castig jew piena); *he had not escaped with impunity*, ma ħelesiex ħafif, jew b'xejn.

IMPURATION — ħmieġ, tidnis, ingiez; tcasbir, titbigħ.

IMPURE — m'hux safi; mokżież, maħmuġ, mnigges; faħxi; bil ħtija, ħati; tkażżeż, tħammeġ, tnigges, tcasbar.

IMPURENESS — (bħal *impurity* ara) — sbalji fil grammatica.

IMPURITY — ngiesa, ħmieġ, tcasbir.

IMPURPLE (tagħmel *purple*) — tati illewn ħamrani, tħammar, tiżboħ aħmar.

IMPUTABLE — ta min jwaħħal fih; ta min jugħżah.

IMPUTATION — twaħħil fi, cawża; xi ħaġa, xi sinjal, xi chelma; *have you heard my imputation to the contrary?*, (Shakespeare, *Merchant of Venice*), smajt xi ħaġa oħra cuntlariu?

IMPUTATIVE — li jwaħħal fi, li jixli għall.

IMPUTE — twaħħal fi; tixli għall; *this cannot be imputed to me*, dana ma jistgħux iwaħħlu fia li għamiltu jena (ma jistgħux igħejdu li dan għamilta jena).

IMPUTER — min iwaħħal fi, min jugħża, min jixli għall.

IMPUTRESCIBLE — li ma jintinx; li ma jitħassarx u jinten.

IMRICH } (akra *imrich*) xorta ta
IMRIGH } soppa jew brodu li jagħmlu li Scozzisi b'biċċa mil gewwieni ta għendus.

IN — fi, fil, gewwa; *in a week*, f'gimgħa; *in time*, fil ħin, fil wakt; *come in*, għaddi (idħol) gewwa; *is he in?*, hua gewwa?; *in blank*, voit, m'hux mimli (bla isem u bla numri, bħal ma icun *cheque*), *in name of*, bħala; *money paid in name of damages*, flus mħalsin bħala ħsara; *in the name of*, għall; *to keep in with*, tibka ħabib ma, iżżom il ħbeberija ma; *to keep a ship in with the land*, iżżomm dejjem (b'bastiment) lejn l-art jew mal l-art il-l-art; *in-and-in*, tiegħec f'tiegħec, fli stess nies, bejn li stess nies tal familja jew ta gewwa.

IN — iddaħħal, tigbor gewwa, taħżen (ħsâd etc.); *he treshed and inned*, (Tusser, *Husbandrie*), hua dires u ħażen (ġabar gewwa) il kamħ etc.

INABILITY — nukkas ta setgħa, ħila jew kawwa.

INABLEMENT — ara *ability*

INABSTINENCE — nukkas ta astinenza (ara).

INABUSIVELY — minn għajr *abuse* (are).



Digitized by Google

INACCESSIBLE—li ħadd ma jista jersak lejh; li m'hux lkugħi jew dħuli, li ma tistax tieħdu; *he is an inaccessible person*, dac bniedem żorr, increpativ, m'hux dħuli, li ħadd ma jersak lejh; *that document you asked me for is inaccessible*, dac id-document li tlabtni ħadd ma jista isibu (ma tistax tieħdu), ma jinsabx.

INACCURACY—nukkas ta *accuracy*, (ara).

INACCURATE — li m'hux magħmul bir-rekka; li m'hux dehwien; niekes, m'hux magħmul sewwa; jonksu xi ħaġa.

INACQUAINTANCE — nukkas ta *acquaintance* (ara).

INACT—iġġagħal, tħaddem; iċċaklak għax-xogħol.

INACTION — għass, nukkas ta xogħol; kgħad.

INACTIVE—li ma jagħmel xejn; li kiegħed kgħad, għażżien; ċass, li ma jistax jiċċaklak; li ma jagħmilx l-effett li imissu jew li icun soltu jagħmel.

INACTIVITY—għażż, kgħad.

INACTOSE—zoccor li jinsab f'xi werak ta siġar (bħal ma hu il werak tas-siġra tat-tabacc etc.)

INACTUATE — iġġagħal, iċċaklak għax-xogħol; tħaddem; tkankal.

INACTUATION—xogħol, għemil, ħidma.

INADEQUACY—nukkas,insufficienza.

INADEQUATE — li m'hux tajjeb, li m'hux adattat, li m'hux biżżejjed, li m'hux mdakkas.

INADHERENT—li ma iżommx ma; li ma iwaħħalx ma.

INADMISSIBLE — li m'hux ta min idaħħlu jew jilkgħu, li m'hux ammessibli.

INADVERTENCE, INADVERTENCY — inavvertenza, nukkas ta attenzioni, nukkas ta dehwa jew ta għakal; trascuraġni; tħollija (ta xi ħaġa); *small faults and inadvertencies should be excused*, ħtijet żgħar, u tħollia ta xi ħwejjeġ żgħar, għandhom icunu maħfura (huma ta min jaħfirhom).

INADVERTENT—li m'hux dehwien, bla għakal.

INAFFABLE—li m'hux *affable* (ara).

INAIDABLE—li ma jistax icun mgħejun; li ma jistax icollu għajnuna; bla għajnuna.

INAJA—xorta ta palma (siġra tal palm) li ticber (togħla) fuk il mitt pied fil widien tax-xmara *Amazoni* (fl-America).

INALIENABLE—li ma jistax jitneħħa jew jimbiegħ; li ma jistax igħaddi minn idejn bniedem għal l-jeħor.

INALIMENTAL—li ma jatix (ma fihx) għajxien jew sustanza; li ma iżommx, ma isostnix, ma igħajjix.

INALTERABLE—li ma jistax jimbidel, li ma jistax icun mibdul; li ma hux ta min jibdlu.

INAMISSIBLE — li ma jistax icun mitluf.

INAMORATA — namrata (għarusa); *the fair inamorata, who from far had spied the ship*, (**Sherburne**, *Forsaken Lydia*), is-sbejħa xbejba namrata, li mil bogħod chienet rat il bastiment (gej).

INAMORATO — namrat; *these gentlemen are of that sort of inamoratoes who etc.* (**Steele**, *Spectator*), dawn issinjuri huma minn dic ir-razza ta namrati illi etc.

INANE — fieragħ, vojt; ibleħ, bla sens, stupidu.

INANGULAR—li m'hux bla anguli jew bil cantunieri.

INANILOQUENT—li ma igħejdx ħlief ħafna discors jew cliem fieragħ, bla sens, bla sugu jew bla sustanza; paċpaci.

INANIMATE — tati ir-ruħ; tkankal, tati il ħajja.

INANIMATE—bla ruħ,mitruħ; *stones, rocks etc. are what we commonly call the inanimate parts of the creation*, gebel u blat huma dawc li aħna actarx insejħu il ħwejjeġ ta bla ruħ (li ma fihomx ruħ) fil ħolkien.

INANIMATED—bla ruħ, bla ħajja, li m'hux ħaj; *a senseless corpse an inanimated clay*, (**Pope**, *Homer*, *Iliad*, *XXII*), gisem mejjet, bla ħajja (coċċ trab bla ruħ).

INANITIATE—tħalli min inin (imut rkiek rkiek) bil ġugħ (bin-nukkas ta ichel jew għajxien),

Digitized by Google

INANITION — fruha; tmewwit binnukkas ta ichel jew għajxien.

INANITY — frugħa; loc jew post vojt jew fieragħ; bluha, moħħ fieragħ; frugħa ta moħħ.

INAPERTOUS—(fjur) m'hux miftuħ, li ma jiftaħx (għad illi icun imissu jiftaħ).

INAPPEALABLE—li ma jistax icun appellat; inappellabli; li ma jokgħodx għal appell.

INAPPETENCE—inappetenza, nukkas ta ġugħ jew ta aptit.

INAPPLICABLE—li m'hux tajjeb, li m'hux adattat; li ma jokgħodx għalecc.

INAPPLICATION—nukkas ta applicazioni jew ta xogħol; għass.

INAPPOSITE — li m'hux f'locu, li m'hux adattat, li m'hux tajjeb; li ma jakbilx; *this is an inapposite argument,* dana argument li ma għandu xejn x'jaksam (m'hux tajjeb etc) għal custioni li għandna f'idejna.

INAPPRECIABLE—li m'hux *appreciable* (ara).

INAPPREHENSIBLE — li wieħed ma jistax jifhmu; li m'hux ta min jifhmu.

INAPPREHENSION—nukkas ta *apprehension* (ara).

INAPPREHENSIVE — li ma jakbadx, li ma jifhimx; stupidu, indifferenti.

INAPPROACHABLE—li ħadd ma jista jilħak miegħu, li hadd ma ibattih, jiesru, jew jista jagħmillu xejn.

INAPPROPRIATE—li m'hux xierak; li ma imurx; m'hux sewwa; li m'hux adattat.

INAPT—m'hux adattat, m'hux tajjeb.

INAQUATE—magħmul ilma; mibdul f'ilma.

INARABLE—li ma jistax jinħarat

INARCH — tlakkam billi tressak u torbot ma xulxin il friegħi tas-siġar.

INARCHING — tilkim ta siġar billi tressakhom lejn xulxin (u torbot il friegħi ta siġra waħda ma l-oħra).

INARM—thaddan ġo dirgħajc.

INARTICULATE—li m'hux ċar jew distint fil cliem (li m'hux ippronunziat jew maħruġ mill fomm, b'mod ċar li jiftihem); li ma jitchellimx ċar, li għandu lsienu iżomm; *the poor earl who is inarticulate with palsy* (**Walpole** *in Annandale*), li msejchen conti għandu lsienu iżomm (ma jitchellimx ċar) billi magħtub (marid bil għotba).

INARTICULATELY — m'hux ċar jew distint li jista jiftihem fil cliem.

INARTICULATENESS } nukkas ta
INARTICULATION } cliem ċar.

INARTIFICIAL—m'hux magħmul bissengħa jew scond (chif titlob) issengħa; semplici, naturali.

IN AS MUCH—billi.

INATTENTION — nukkas ta attenzioni jew ta dehwa, trascuraġni; *this is due to inattention,* dana sar mħabba nukkas ta attenzioni (mħabba fittrascuraġni).

INATTENTIVE —m'hux attent, trascurat li m'hux dehwien.

INATTENTIVENESS—ara *inattention*

INAUDIBLE—li ma jinstamax; li ma jistax jinstama.

INAGUR—ara *inaugurate*

INAUGURAL—tal inaugurazioni; li jinaugura; (tiftaħ stabiliment, ufficio, xogħol etc. b'festa, b'cerimonia sabiħa biex tibda jew thalli tifchira); *my brother read the inaugural address,* ħia kara (indirizz tal inaugurazioni (tal ftuħ).

INAUGURATE—tibda, tati bidu, tiftaħ (ufficiu, renju etc. b'festa jew b'cerimonia solenni li tibka tifchira ta dic il ġurnata); *to inaugurate a reign,* tibda renju jew saltna; *to inaugurate a statue,* tagħmel festa meta tcun lesta statwa billi turiha fil pubblicu etc.

INAUGURATION—bidu, ftuħ ta ufficiu, tkegħid u l-ewwel bidu ta xogħol f'ufficiu, f'impieg etc.; wiri ta l-ewwel darba ta statwa etc.; *I happened to be in Paris on that occasion and I remember I was invited to assist at the inauguration of the exhibition,* inzertajt cont Parigi dic il ħabta, u niftacar cont mistieden għal ftuħ tal Esibizioni.

INAUGURATOR—min jinaugura, jiftaħ jew jibda xi ufficiu, xogħol etc.

INAUGURATORY—ara *inaugural*

Digitized by Google

**Inaurate** — durat; micsi, mghotti bid-deheb; mdieheb; tindura; tati id- (jew ticsi bid)-deheb, iddieheb.

**Inauration** — doratura, chisi bid-deheb.

**Inauspicate**—li juri sfortuna, jew xorti hażina; li iħabbar ħażin ta mal auguriu.

**Inauspicious**—sventurat, sfortunat, xortiħ ħażina.

**Inauthoritative**—min għajr autorità, omand jew setgħa.

**Inbarge**—timbarca, titla fuk tarcun, dgħajsa, gondla etc; *his friends she caused him to imbarge* (**Dreyton**, *Miseries of Queen Margaret*); hia ġagħlitu li jimbarca (italla) il ħbiebu fuk il gondla.

**Inbeaning** — dħul ta raggi taxxemx minn xi xakk, tokba jew fetha.

**Inbeing**—proprietà ta ħaġa li tcun bil fors fiha stess (meta il ħaġa tcun, chif ngħejdu aħna, isimha magħha); *we say the bowl is round because it has a sort of inbeing in the substance itself*, (**Watts**, *Logic part. 1, Chap. 11*), nghejdu il boċċa tonda, għaliex isimha magħha.

**Inbind**—tagħlak gewwa, iddawwar (b'ħaġa).

**Inboard**—il gewwa mil genb, jew il murata ta bastiment; abbord gewwa fuk bastiment.

**Inbond**—tkegħid ta gebla mit-tul fil bini ta ħajt (cuntlariu ta *outbond* jew tkegbid ta gebel parallel jew faċċata tal (mal wiċċ) ħajt.

**Inborn**—mnissel fi, mwieled fi.

**Inbound common**—raba, artijet etc., immarcati biss sa fejn jaslu ta min huma b'sinjali, u m'hux bil ħitan.

**Inbreak**—tidħol fuk xi hadd, billi tiscassa u tchisser; tidhol bil forza.

**Inbreaking** — dhul fuk xi ħadd (f'dar jew x'imchien) bil forza.

**Inbreathe**—tati, titfa, man-nifs.

**Inbreathing**—tfiħ man-nifs.

**Inbred**—mnissel jew mwieled fi; fid-demm.

**Inbreed**—tnissel.

**Inburst**—xcattar, sparatura minn gewwa.

**Inca**—Inca, jew chif dari chien jissejjah ir-Re tal Perù (America); xorta ta wirdien

**Incage**—tagħlak f'gaġġa.

**Incagement**—għeluk f'gaġġa.

**Incalculable**—cbir ferm jew tal għageb; li ma jistax jitchejjel jew li ma jistax jingħadd; li m'hux ta min jati cas tiegħu; *they may even in one year of such false policy do mischiefs incalculable*, (**Burke**, *On Scarcity*), għallavolia f' sena ta politica hecc falsa (karrieka) huma jistghu jagħmlu ħsara cbira ferm.

**Incal·scence** / **Incalescency** — bidu tas-sħana, sħana li tibda tielgħa jew cull ma tmur tiżdied.

**Incalescent**—dejjem iżid fis-sħana; li cull ma imur dejjem jisħon actar.

**Incambration** — tkegħid f' camra jew f'ufficiu; żieda ta artijet etc. ma l-artijet tar-renju tal Papa.

**Incandescence**—chiwi nar.

**Incandescent**—li hu micwi nar, micwi li juri bħal dawl.

**Incandescent lamp**—lampa tal *luce elettrica* (tad-daul elettricu).

**Incanescent** / **Incanous** — li bjad, sar abjad; abjad.

**Incantation**—seħer, magħmul

**Incantatory**—tas-sħarijet; li jagħmel is-sħarijet; *fortune tellers and the like incantatory impostors, daily delude them*, (**Browne**, *Vulgar Errours*), nies li jakraw il venturi u saħħarin (nies li jagħmlu is-sħarijet jidħcu bihom ta cull jum

**Incanting**—li isaħħar, li igħaxxak.

**Incapability**—nukkas ta ħila.

**Incapable** —bla ħila, dgħajjef; li m'hux capaci, li ma jistax; li ma jasax iżjed; li m'hux tajjeb actar; *he was drunk and incapable*, chien fissacra mormi (li ma chellux ħila jiċċaklak etc.); *he is incapable of dishonesty*, m'hux capaci jagħmel ħaġa li ma tixrakx (li icun disonest); *decrepit age... incapable of pleasures*, (**Dryden**, *Art of poetry*), xjuħja għacca ma tistax actar tgawdi (tiehu sehem fid-divertimenti etc.); *incapable of more, replete with you*, (**Shakespear**, *Sonnet 113*), ma jasax iżied, mimli bic; *he should be incapable of ever holding an*

Digitized by Google

*office*, ma ghandux icun tajjeb actar biex iżomm ufficiu (jew biex icollu impieg).

INCAPACIOUS—dejjak, ma jasax; li moħħu ma jarfax.

INCAPACITATE—tneħħi il ħila; ma tħallix tajjeb jew jiswa actar; *old age incapacitates man for work*, ix-xjuħja tneħħi il ħila (mil bniedem) għax-xogħol; jew ma tħallix actar il bniedem tajjeb għax-xogħol.

INCAPACITATION } INCAPACITY } nukkas, taħlita

INCARCERATE—ticcalzra, tibgħat jew iżżomm f' ħabs; calzrat, miżmum f'ħabs; *when they no longer be incarcerate in this dark dungeon*, (**Nort**), meta huma ma jibkgħux actar calzrati f'dan il ħabs mudlam.

INCARCERATION—calzrar, żamma fil ħabs, prigunia.

INCARCERATOR—calzrier

INCARDINATE—ara *incarnate*

INCARN—tgħatti bil laħam (meta fil gisem jitla laħam ġdid wara li icolloc xi katgħa jew ferita etc.), *the flesh will soon arise in that cut of the bone and incarn it* (**Wiseman**, *Surgery*), il-laħam dal wakt jitla f'dic il katgħa tal għadma u jgħattiha.

INCARNADINE—lewn il laħam, ħamrani; tlewwen aħmar, tiżboħ lewn il-laħam jew ħamrani rosa.

INCARNATE—tincarna, tieħu il gisem u issir bniedem; trabbi jew ittalla laħam ġdid (fejn icun hemm ferita etc.); lewn il-laħam, ħamrani; *some of them are of a glittering incarnate and rosate colour*, (**P. Holland**, *Plinie*), x' uħud minnhom huma ta lewn ħamrani (rosa) lewn il warda ilekk.

INCARNATION — Incarnazioni (meta sar bniedem l-Iben t'Alla); il veru xebħ; lewn il-laħam; ħamrani (bħal wardiet tal ħaddejn); *he is the incarnation of mischief*, hua il veru ħsara (il veru deni); *how lovely he appears! his little cheeks, in their pure incarnation, vying with the rose leaves*, (**Byron**, *Cain III, 1*), chemm jidher sabiħ! il ħaddejn żgħar tiegħu b'dac il veru lewn aħmar li donnom il werak tal warda.

INCARNATIVE—li italla laħam ġdid, dua li ittalla laħam ġdid fil gisem.

INCARNIFICATION—ara *incarnation*.

INCASE—tgħalak f'caxxa, ticsi jew tkiegħed f' inforra.

INCASEMENT—għeluk f'caxxa; għata.

INCASK—tagħlak f-bittja

INCASTELLATED } INCASTELLED } magħluk f'castell

INCATENATION—rbit (b'catina), rabta ma xulxin.

INCAUTION—trascuraġni, nukkas ta għakal jew ta prudenza.

INCAUTIOUS—bla għakal, li ma ikisa xejn; ibleh.

INCAUTIOUSNESS—nukkas ta għakal.

INCAVATE—tħaffer.

INCAVATION—ħofra.

INCAVERN—tagħlak gewwa għâr.

INCEDINGLY—maestusament; bħala Re, ta Re.

INCEND—tkabbad, taħrak, tati in-nar.

INCENDIARISM—ħruk.

INCENDIARY—li jixgħel, ikabbad, jew jati in-nar; tal ħruk ta dawc li jatu in-nar jew li jaħarku (ikabbdu) id-djar; wieħed li b'vendetta etc. jati in-nar (ikabbad) dar etc.: dac li ixewwex, ikankal in-nies għal li rvell; xuxxatur, rvellatur; *he is the writer of those incendiary letters*, hua li chien chiteb (il chittieb) ta dawc littri xewwiexa (li kajmu in-nies etc għar-rvell.

INCENDIOUS — xuxxatur, rvellatur, li jirvella jew ixewwex in-nies; li ikabbad, li jati in-nar.

INCENSANT—(fl-armi tal cunjomijet) ħanżir salvaġġ li jidher incurlat jew irrabiat.

INCENSATION—incensar (bic censier jew bl-incens) ta xi ħaġa fi cnisia.

INCENSE—incens, lubien; tincensa, toffri incens lill; taħrak, tkabbad, tati in-nar; tkankal, iġġagħal; tinbex, iġġagħal, issewwes, ixxewwex, issaħħan; *the altar is to be incensed first*, lewwel ma tincensa l-altar; *I still smell the perfumes of incens*, għadni inxomm ir-riħa (tad-duħħan) tal incens; *virtue is like precious odours, most fragrant when they are incensed*

Digitized by Google

*or crushed*, (**Bacon**, *Essay of Simulation*), il virtù (il għemil it-tajjeb) hua bħal fwejjah preziusi) ifuħu l-actar meta icunu meta maħruka (meta taħrakhom) jew tfarrachom (tishakhom); *by which speech he incensed the English to go on with him*, (**Fuller**, *Holy War*, *book IV*, *Chap. VIII*), b'dan id-discors hua ġagħal (ħajjar) lil Inglisi li icomplu (sejrin) miegħu; *the knight was much incensed by these lewd words*, (**Spenser**), il cavalier actar sibel (saħan jew xegħel) b'dan il cliem faħxi.

Incensed — incensat; mxewwex, msaħħan, mgiegħel, incurlat; (fl-armi tal cunjonijiet etc.) annimal etc. incurlat, b'għajnejh imkabbżin il barra donnom żewġ xrariet.

Incensement — corla, killa, rabia, saħna.

Incenser — min iġagħal jincorla jew jisbel lil ħadd jeħor; vessatur, minn isaħħan jew igħaddab.

Incension — ħruk, kbid, għati innar.

Incensive — li isaħħan, iġagħal lil min jisbel jew jincorla.

Incensor — ara *incenser*.

Incensory — censier

Incensurable — li m'hux ta min igħejd xejn fih (li m'hux ta min imakdru, li ma ħakkux tmakdir); li isewwes, li isaħħan.

Incentive — li igighel; li jakbad malajr, li jeħu in-nar malajr; *incentives*, ħwejjeġ li iġagħlu jew iħajru (incentivi).

Incepting — li kieghed jibda; tal bidu.

Inception — dħul; bidu; *the inception of water into the lungs*, id-dhul tal ilma fil pulmuni; *at the inception*, fil bidu (għal-lewwel).

Inceptive - tal bidu, li jibda, ewlieni, *the grand inceptive caution is to think*, (**Byron**, *Art of English Poetry*), l-ewwel ħaġa cbira (l-ewwel attenzioni tal bidu) biex tibda hia li taħseb.

Inceptor — wieħed li għadu chemm jibda; principiant; wieħed li sejjer (li wasal biex) jeħu il lawria tal *Arti*.

Inceration — incirar; għati, jew ghata ta xama; dlic bix-xama.

Incerative — li idellec jew iwaħħal bħax-xama; li ghandu mix-xama, bħax-xama.

Inceremonious — bla cumplimenti xejn; semplici, semplici.

Incertain — li m'hux żgur, dubbius, li għandu id-dubiu.

Incertainty } dubiu
Incertitude }

Incertum — bini ta ħajt tas sejjeħ; ħajt tas-sejjeħ.

Incessable — li ma jiscot katt, li sejjer dejjem.

Incessant — li ma jakta xejn; *the roar of the musketry was incessant*, **Macaulay**), li sparar tal canuni ma kata xejn.

Incessantly — bla mistrieħ

Incession — mixi, mgħodija il kuddiem.

Incest — taħlit ta (żwieġ bejn) nies li icunu jiġu minn xulxin, l-actar iżda bejn il parrinjiet u il filiozzi; iżżamma ta (li icollu) kassis ta żewġ benefizi (f'idejh) li benefiziu wieħed icun dependenti mill-jħor.

Incestuous — ħati tal *incest*

Incestuousness — żwieġ ta tnejn minnies — ragel u mara — li ma icunux jistgħu iżżewġu billi icunu jiġu minn xulxin (l-actar bejn il filiozzi u'l parrinijiet).

Inch — pulzier (kies); tal pulzier; *an inch board*, tavla tal pulzier (ta pulzier ħxuna); *inch stuff*, fallacchi tal pulzier (twavel isserrati pulzier ħxuna; *an inch breaks no square*, ħaġa l'hawn u l'hemm ma jimpurtax (ma hemmx bżonn li wieħed jissicca wisk); *he is a gentleman every inch of him*, dac hu il veru sinjur, jew dac sinjur sa kaddisu (sa ruħu); *death by inches*, mewta bil mod il mod; *we watched you at an inch*, rajniec fil wakt sewwa.

Inch — gżira (żgħira, actarx minn dawc ta ma dwar Scozia); *Inchcolm*, il gżira ta Malcolm; *to inch and rock the sea etc* (**Scott**, *Lay of the last minstrel*), mal gżejjer u mal blat, il baħar etc.

Digitized by Google

**Inch**—titfa il barra, issuk bil mod il mod, timxi bil mod; timxi bil mod il kuddiem jew lura; *he gets too far into the soldiers graces, and inches out my master*, (**Dryden**, *Cleomenes)*, hua diehel il gewwa jinhabb mas-suldati u kieghed jitfa il barra ġmielu bil mod il mod lil xi mghallem tieghi; *he with low paces measures back the field, and inches to the wall*, (**Dryden**, *Virgil Æneid)*, hua b'pass bil mod kieghed jarġa ichejjel il ghalka (il camp) u jarġa lura bil mod lejn il hajt.

**Inchain**—tincatna, tkieghed jew torbot fil ctajjen.

**Inchamber**—tokghod, tkieghed, f'camra.

**Incharitable**—m'hux tal carità, bla hniena, li ma ihennx.

**Incharity**—nukkas ta carità.

**Inched**—tal pulzieri, ta pulzieri; *four inched bridges*, pontijet ta erba pulzieri (tul jew wisa).

**Incheer**—tferrah, thenni il kalb

**Inchest** — tarfa, tghalak, f'bagoll, f'caxxa.

**Inchoate**—mibdi, m'hux complut

**Inchoation**—bidu

**Inchoative**—tal bidu, li juri bidu, li tibda bih.

**Inçicurable**—li ma jistax jimmansa; li ma tistax timmansah.

**Incide**—takta, tfellel, ixxokk

**Incidence**—chif tigi jew tahbat haġa meta taka jew tahbat fuk ohra; ġrajja, haġa li tiġri (tahbat jew issir).

**Incident**—li jaka jew li jahbat (chif jahbat) fuk haġ'ohra (bhal ma jahbat raġġ tad-dawl fuk xi haġa li tcun tlekk, bhal mera etc); li jiġri; ġrajja; biċċa li ġrat; li jista jiġri; ta; incidentali; *an incident proposition* jew *additional proposition, is introduced by the pronouns; "who, which, whose, whom etc"*, proposizioni incidentali jew miziuda bil pronomi *who*, *whose*, *whom* etc.

**Incidental**—li isir, jiġri, bla hsieb li ma icunx mahsub; li isir, li taghmlu, tghejdu etc, xhin tcun taghmel jew tghejd haġ'ohra, x'hin tcun titchellem.

**Incidentary**—li isir, li jiġri, li jahbat darba fill, jew fil boghod.

**Incindernment**—tibdil fi rmied, mgiba fi (meta iggib haġa jew taghmilha) rmied.

**Incinerable** — li tista taghmlu rmied.

**Incinerate** — tahrak u taghmel rmied; mahruk ghal collox, maghmul rmied.

**Incipience**—bidu.

**Incipient**—tal bidu, li beda (jidher etc).

**Incircumspect** — bla ghakal, bla mohh li ma jkesiex, ibleh.

**Incircumspection**—nukkas ta ghakal, bluha.

**Incise**—takta, tiscolpi, tfellel, ixxokk; *I on thy grave this epitaph incise*, (**Carew**, *on the death of Dr. Dorme*), jena niscolpi fuk kabrec dawn il chelmiet.

**Incised** — bid-dahliet, bil katghiet, mfellel, maktugh; scolpit.

**Incision**—katgha, tfellila.

**Incisive**—li jakta, li ifellel; li jidhol.

**Incisive-bones** — il ghadam taxxedak tal halk ta fuk, fein icun hemm (minn fejn johorġu) is-snien ta kuddiem.

**Incisor**—sinna ta kuddiem.

**Incisorium**—dic is-sodda, mejda etc. fejn it-tabib imidd lill dac (il marid) biex jaghmillu xi operazioni, ifellillu etc gismu; gisem lest ghat-taktih (dissezioni) ghal li studiu u esami etc tat-tobba.

**Incisory** — li jakta, bhas-snien ta kuddiem.

**Incisure**—katgha, tfellila.

**Incitant**—li ikankal, li isewwes, li inigghes.

**Incitation** — tkankil, tiswis, tnigghis.

**Incitative**—li ikankal, li iġaghal, li isewwes.

**Incite**—ixxewwex, iġġaghal, tkankal, thajjar; taghmel il kalb.

**Incitement**—tkankil, tixwix, ġaghil, ghemil il kalb.

**Inciter** — min (dac li) ixewwex, iġaghal ikankal jew jaghmel il kalb.

**Inciting**—ara *inciment*.

**Incivil**—bhal *Rude* (ara).

Digitized by Google

Incivility—mgiba ħazina, nukkas ta chirjanza; *I had been treated with some incivility,* ittrattauni ftit ħażin (giebu rwieħħom ftit ħażin miegħi).

Incivilization — nukkas ta *Civilization* (ara).

Incivism – nukkas ta mħabba jew gibda lejn il patria jew il pajjis fejn wieħed icun twieled.

Inclamation—għajta; *these now rend their throats with inclamations,* (**Bishop Hall**), dauna issa iċarrtu griżmejhom bil għajjât.

Inclandent—(fjur etc) li ma jagħlakx.

Inclavated—mwaħħal fil post li ma jistax jiċċaklak.

Inclave — (fl-araldica fl-armi tal cunjomijet etc.) li gej bħal, li għandu għamla ta, *cul di rondni.*

Inclemency — killa, ħruxija; *they all complained against the inclemency of their late chief,* huma collha lmentaw contra il killa (jew il ħruxija ta kalb) ta l'aħħar Cap li chellhom; *we had to withstand the inclemencies of the season,* chelna nokgħodu għal killa jew il ħruxija ta li staġuni.

Inclement — kieraħ, aħrax, jebes; m'hux ħami, bla ħniena, kalil; *inclement and boisterous days* (**Wordsworth** *Excursions*), il ġranet kliel u tempestusi; *we spent the inclement winter among those mountains,* għaddejna ixxitwa il kiergħa kalb dawc il muntanji.

Inclinable — li hu immejjel jew mixħut lejn; mħajjar, miġbud.

Inclinableness } ġibda, ħajra, timjila
Inclination } lejn; rieda, raj; *he did it of his own inclination,* għamlu minn rajh (jew minn kalbu); *inclination of the orbit,* (fl-astronomjia) l-anglu li fih l'orbita (jd-dawra li tagħmel ix-xemx, etc.) tiltaka ma l-eclittica (jew ic-circu li nistħajlu li miegħu ix-xemx iddur).

Inclinatory – li jitmejjel jew jinxteħet lejn.

Incline — tmejjel, tiġbed, tħajjar; tmil, tingibed, titħajjar, *he seems inclined to go,* iħossu mħajjar li imur; *they were taught to incline their head before the prince as an act of reverence,* għalmuhom imejlu (ibaxxu) rashom kuddiem il princep bħala sinjal ta kima; *our hearts were inclined to keep this law,* chelna kalbna miġbuda biex nobdu (nokgħodu għal)dawn il-ligijiet.

Incline—niżla, żurżieka, telgħa (jew niżla).

Inclined —mħajjar; *I was not inclined to go,* ma contx mħajjar li immur.

Inclinometer—strument biex tara chemm hi cbira it-timjila (chemm hu it-timjil), l'element verticali tal forza tal calamita.

Inclip – tħaddan.

Incloister—tagħlak f'cunvent etc., tagħlak.

Inclose—tiġbor fi, tagħlak fi, issorr, tgħeżwer; tkieghed carta, document etc magħluk gewwa carta oħra, envelopp etc magħluk; *I now dispatch the inclosed copies of the treaty,* (**Sir W. Temple,** *Letter to Lord Arlington*), issa jena nibgħat (issa bgħattlec) il copi tat-trattat li hawn magħluka hawn gew.

Inclosure—għalka; ħajt li idawwar jew jagħlak biċċa art jew raba, ħaġa (ittra, document etc) mibgħuta magħluka gewwa ittra oħra.

Include—iddaħħal, iggib ma.

Includible—li jista icun mdaħħal jew migiub ma.

Inclusive—mdaħħal, migiub ma, li jinsab ucoll fi; *justice is inclusive of all other virtues,* il giustizia (il ħakk) fiha ucoll fiha stess il virtù l-oħra collha.

Inclusively—li jiġbor ucoll, magħdud ucoll, li hu mdaħħal ma; *from the first to the sixteenth page inclusively,* mil l-ewwel pagina sa is-sittax ucoll magħduda.

Incoact—m'hux obligat, m'hux mgiegħel bil fors.

Incoagulable—li ma jagħkadx; li ma jistax jagħkad.

Incocted—m'hux misjur fli stoncu, m'hux digerit.

Incoercible—li ma jistax icun obligat jew mgigħel bil fors.

Digitized by Google

Incog—chelma li jusaw floc *incognito* (ara).

Incogitable – li ma tistax tahsbu; li ma jistax icun maħsub.

Incogitance—nukkas ta ħsieb.

Incogitant – li ma jaħsibx, bla cont; li jagħmel addoċċ bla ma ikis xejn

Incogitantly — bla ħsieb, addoċċ bla ma wieħed ikisha xejn; *I do not incogitantly speak of irregularities*, jena ma nitchellimx addoċċ (chif gie gie jew bla l-ewwel ma inkisha) fuk l-irregularitajet, jew il ħwejjeġ li m'humiex sewwa.

Incogitative—li ma jahsibx; li ma għandux il ħila jahseb.

Incogitativity — nukkas tal ħsieb jew tas-setgħa li wieħed jista icollu biex jahseb.

Incognita—mara li m'hix mgħarufa; liebsa b'mod biex ma tingħarafx xi tcun.

Incognito – m'hux magħruf, ragel li icun ħaġa u jidher b'isem jew b'titlu jeħor; *the King is travelling as an incognito*, ir-Re kieghed idur m'hux bħala Re, b'isem ieħor privat; *he preserved his incognito*, żamm ma weriex min hu (ħadd ma għarfu min hu).

Incognizable—li ma jistax jingħaraf jew icun magħruf; li ma jistax icun misjub jew mifli

Incognoscible – li wieħed ma jistax jagħarfu; li ma jintgħarafx.

Incoherence — incoerenza, nukkas ta kbil ma; ħalla, firda ta bicciet, ta frac, trab etc. minn xulxin.

Incoherent—ma jakbilx ma.

Incoherentific—li igib *incoherence* (ara).

Incoherentness—ara *incoherence*.

Incohering—li ma jakbadx, li ma jakbilx ma.

Incoincidence—nukkas ta kbil.

Incoincident – li ma jakbilx fil ħin, fiż-żmien, jew fil principiu.

Incolumity — sliema, saħħa, salvezza; sicurtà; *the incolumity and welfare of a country*, (Howel, *Letters*), is-sliema u il mogħdija il kuddiem ta pajjis.

Incombine – ma takbilx.

Incombrous—li iħabbat, li idejjak; li inicchet; incwiet.

Inconbustible—li ma jakbadx binnar, li ma jicbisx; li ma jixgħelx.

Income—daħla, dħul; renta; *pain pays the income of each precious thing* (Shakespear, *Rape of Lucrece*), l-ugigħ (id-dwejjak, mrar etc.) iħallas id-dħul ta cull ħaġa għażisa jew li tcun għal kalb dac li icun; *he lives on his own income*, igħix bir-renti tiegħu; *what is his income?* chemm għandu renta?

Income tax—taxxa fuk is-salariu, renti etc. li icollu bniedem.

Incomer—wieħed li (min) jidħol; min jidħol wara ħadd jeħor fil chera ta dar jew fil kbiela ta għalka etc; wieħed li icun jokgħod f'pajjis iżda ma icunx minn dac il pajjis; min jidħol sieħeb (sieheb ġdid) f'cumpanija etc.

Incoming—li jidħol, li jicri, li jeħu pussess ta artijet etc renta; dac li jidħol, dħul; li jigi wara; *the incoming week*, il gimgħa li giet (jew li tigi) wara; il gimgħa ta wara.

Incomity—guffaġni fli mgiba; nukkas ta ħlewwa fli mgiba.

Incommensurable—bla kies, m'hux mdakkas, li ma jistax icun mdakkas.

Incommensurate—(bħal *incommensurable*) li m'hux biżżejjed; bla kies, *his improvement grows continually more incommensurate to his life* (*Rambler*, *No. 127*), il mogħdija tiegħu il kuddiem (il progress tiegħu) jicber dejjem actar milli kiegħed jicber hu fis-snin.

Incommiscible — li ma jistax icun mħallat flimchien.

Incommixture – tgħarbil, naka (tnokkija) ta ħaġa mill-oħra.

Incommodate—tincomoda tati l-incomodu, tfixchel.

Incommode—tincwieta, tati fastidiu, iddejjak, tincomoda, tissicca; incwiet, siccatura; *to avoid incommodes and inconveniences that might follow thereof*, (Strype, *Memorials*), biex wieħed jeħles mis-siccatura u l-inconvenienzi li jistgħu jiġu wara mħabba f'hecc.



Digitized by Google

Incivility—mgiba ħazina, nukkas ta chirjanza; *I had been treated with some incivility*, ittrattauni ftit ħażin (giebu rwieħħom ftit ħażin miegħi).

Incivilization — nukkas ta *Civilization* (ara).

Incivism – nukkas ta mħabba jew gibda lejn il patria jew il pajjis fejn wiehed icun twieled.

Inclamation—ghajta; *these now rend their throats with inclamations*, (**Bishop Hall**), dauna issa iċarrtu griżmeihom bil għajjât.

Inclandent—(fjur etc) li ma jagħlakx.

Inclavated—mwaħħal fil post li ma jistax jiċċaklak.

Inclave — (fl-araldica fl-armi tal cunjomijet etc.) li gej bħal, li ghandu ghamla ta, *cul di rondni*.

Inclemency — killa, hruxija; *they all complained against the inclemency of their late chief*, huma collha lmentaw contra il killa (jew il ħruxija ta kalb) ta l'aħħar Cap li chellhom; *we had to withstand the inclemencies of the season*, chelna nokgħodu għal killa jew il ħruxija ta li staġuni.

Inclement — kieraħ, aħrax, jebes; m'hux ħami, bla ħniena, kalil; *inclement and boisterous days* (**Wordsworth** *Excursions*), il ġranet kliel u tempestusi; *we spent the inclement winter among those mountains*, ghaddejna ixxitwa il kiergħa kalb dawc il muntanji.

Inclinable — li hu immejjel jew mixħut lejn; mħajjar, miġbud.

Inclinableness } ġibda, hajra, timjila
Inclination } lejn; rieda, raj; *he did it of his own inclination*, għamlu minn rajh (jew minn kalbu); *inclination of the orbit*, (fl-astronomjia) l-anglu li fih l'orbita (jd-dawra li tagħmel ix-xemx, etc.) tiltaka ma l-eclittica (jew ic-circu li nistħajlu li miegħu ixxemx iddur).

Inclinatory — li jitmejjel jew jinxtehet lejn.

Ingrain — tiżboħ, tivvina; ixxabba raba etc. bl-ilma etc.; jissappap; tagħmel suppapa waħda; msappap; miżbuħ; ħajt tal insiġ miżbuħ kabel ma hu minsuġ; *ingrain carpet*, tapit minsuġ (m'hux stampat) minsuġ bil ħajt miżbuħ minn kabel.

Ingrapple — takbad, taħfen, takbad f'idec; titkabad, tigi fl-idejn.

Ingrate / Ingrateful } aħrax, li ma jatix piacir; ingrat, li iħallas il gid b'deni, li ma jaflicx il gid li tagħmel miegħu.

Ingratiate — tħabbeb ma; tressak lejn; iddaħħal fil ħbeberija etc.

Ingratefulness / Ingratitude } ingratitudni, ħlas tal gid b'deni; gid mħallas b'deni.

Ingravidate — tħabbel.

Ingravidation — ħbiela.

Ingreat — tcabbar; tfaħħar, tgħolli.

Ingredience — daħla, intrata, mogħdija għal gewwa.

Ingredient — ingredient; biċċa minn ħaġa; cull ma jidħol f'xi ħaġa u lilha iħawwar.

Ingress — dħul, tidħol.

Ingression — dħul, daħla.

Ingrowing — meta jicber id-difer tas-saba tas-siek u jidħol fil-laħam tas-saba; meta id-difer jincarna.

Inguilty — bla ħtija, innocenti.

Inguinal — tal *groin* jew tar-rkiek ta bejn il coxxa u iż-żakk.

Ingulf — tibla (bħal ma tagħmel belligħa, riefnu etc.); tixħet gewwa golf.

Ingurgitate — tibla bħal serduk għama; tixrob jew tbecbec sħiħ; tintxeħet fil fond; tidħol, tingolfa ruħec; *let him ingurgitate himself never so deep*, (**Fotherby**), la tħallih katt



Digitized by Google

jidħol hecc fil fond ( la tħallih katt jingolfa ruħu daks hecc).

Inhabile — m'hux tajjeb jew adattat, ma igħoddx għall; ma jiswiex jew ma jinkalax ( biex jagħmel haġa etc.)

Inhabit — tgħammar, tokgħod, tabita.

Inhabitable — li m'hux ta min igħammar jew jokgħod fih; *that is an inhabitable house*, dic dar mhux li jokgħdu fiha in-nies.

Inhabitable—li jokgħdu, li igħammru fih; li tokgħod jew li tgħammar fih; *all which live in the inhabitable world*, li colla chemm huma igħixu fid-dinja li igħammru fiha in-nies.

Inhabitance — kgħad, għamara f'belt, pajjs etc.; dar, għamara jew post fejn wieħed jokgħod jew igħammar.

Inhabitant —għammâr, min jokgħod jew igħammar; *the first inhabitants of Malta were the Phoenicians*, lewwel nies li chienu igħammru f'Malta chienu il Fenici.

Inhabitate—ara *inhabit.*

Inhabitation — għamara, kgħad f'dar etc.; dar, post, loc, fejn wieħed jokgħod jew igħammar.

Inhalation —ġbid il gewwa tal aria (man-nifs); l-aria li wieħed jiġbed il gewwa man-nifs.

Inhale—tiġbed fil pulmuni l-aria man-nifs (tieħu, tiġbed in-nifs il gewwa.

Inhaler—min jiġbed in-nifs, (min jeħu in-nifs) min jirrespira; biċċa tal filtrù (filtru) li ikegħdu ma halkhom dawc li jaħdmu f'xi minieri, cloachi etc. biex iżommu l-aria ħażina u velenusa ma tidħolx f'sidirhom.

Inharmonic / Inharmonious — m'hux armonicu, m'hux ħelu fil widna; scurdat, aħrax fil widna, stunat.

Inhaul—isem ta cima li jisaw biha (jew idaħħlu) il bastun tal flocc etc. abbord.

Inhaust—tixrob bil għaġla; tibla bħal serduk għama.

Inhere — tcun ta, twaħħal ma, tcun dejjem haġa waħda ma.

Inherent—mwaħħal, mghakkad, li ma jinfired kadd minn; li jitwieled ma bniedem, li icun natural fih ( fiddemm).

Inherit—tiret.

Inheritable—li jista jintiret.

Inheritance—wirt.

Inheritant—ara *inherent*

Inheritor—werriet.

Inheritress / Inheritrice / Inheritrix — werrieta; mara li tiret.

Inherse—tkigħed f'tebut.

Inhibit—iżżomm, ma tħallix, tgħakkes, timpedixxi; trażżan, tliggem; tissospendi kassis (li ma ikaddisx etc).

Inhibition — żamma, lġim, rażna, impediment, sospensioni ta kassis (li ma icunx jista ikaddes etc).

Inhospitable—li ma jilkax il barranin għandu; li ma jehenninx, li ma jatix chenn.

Inhuman—chiefer, kalbu ħażina, bla ħniena; li ma iħossx.

Inhumanity—chefrija, kalb ħażina, nukkas ta ħniena.

Inhumate—tidfen.

Inhumation—dfin.

Inhume - tidfen; (fil chimica) tgħaddas tubu, flixcun, jew buccetta, b'xi haġa fit-trab sħun biex li icun hemm fit-tubu etc. jisħon flimchien u xorta waħda.

Inial—tal *inion* (ara).

Inimical — tal għadu, cuntlariu, tan-nemic.

Inimitable—li ma jistax jintgħamel bħalu; li ħadd ma jista jimitah.

Inion—il ħofra tal għonk.

Iniquitous—ħażin.

Iniquity—hażen, ħżunija.

Iniquous—ħażin.

Inisle—iddawwar ( art bl-ilma, li tagħlaka minn cullimchien bħal gżira. )

Initial—tal ewwel, ewwel; tagħmel l-iniziali jew l-ewwel ittri ta ismec u cunjomoc; *those were the initial symptoms of the disease*, dawc chienu l-ewwel sinjali tal marda tiegħu; *initial this paper and go*, għamel l-iniziali tieghec ( l-ewwel ittra ta ismec u ta cunjomoc ) u mur.

Initially—għal l-ewwel, għal bidu

Digitized by Google

INITIATE—tibda, tati bidu; iddaħħal għal l-ewwel darba, tibda biex iddaħ-ħal; tgħallem, turi jew tati il princi-piu ( bidu ta tagħlim, xogħol etc. ); iddaħħal f'xi società sigrieta billi tib-da tgħallem bil mod il mod is-sigrieti u il principii ta dic is-società li tcun; wieħed li hu mdaħħal ġdid f'società

INITIATION—il bidu, id-dħul (f'so-cietà etc.)

INITIATIVE—li jibda, li jati bidu, li idaħħal.

INITIATOR — min jibda, jati bidu, idaħħal.

INITIATORY—ara *initiative.*

INITION—bidu.

INJECT—titfa, tixħet gewwa; twaħ-ħal fir-ras jew fil moħħ; iddeffes.

INJECTION — tfiħ, xħit, twaħħil ta ħaġa fir-ras jew fil moħħ.

INJECTOR—armar (apparat) biex ji.n-la il caldarun ta macni, l-actar imma tal vapuri tal art, bl-ilma, sewwa wakt li icun miexi chemm ucoll meta ma icunx.

INJEER — twebbel fir-ras, iddaħħal.

INJUDICIAL—m'hux scond il-ligi.

INJUDICIOUS—bla għakal, li jagħmel collox addoċċ, bla ma ikis.

INJUNCTION—ordni; *my injunction was to bar the doors,* l'ordni tiegħi (li tajt) chienet li tagħalku il bwieb bil gebel (timbarrawhom).

INJURE—tagħmel il ħsara jew deni; tgħarrak, twaġġa, tmiegħer, tinġuria, tagħmel inġuria; *when have I injured thee? when done thee wrong,* (**Shakespear**, *Richard III*), meta għamiltlec xi ħsara, meta għamiltlec id-deni? *Erasmus that great injured name* (**Pope**, *Essay on Criticism*), Erasmu dac il-cbir isem immiegħer.

INJURER—min (dac li) jagħmel il ħsara jew deni; min imiegħer jew ica-sbar isem ħadd jeħor.

INJURIA—inġuria (fil ligi).

INJURIOUS—li jagħmel il ħsara jew id-deni; li imiegħer; ħażin, pernicius

INJURIOUSNESS—ara *injury.*

INJURY—ħsara, deni, tmegħir, inġu-ria; tagħmel il ħsara, id-deni, tmie-għer.

INJUSTICE—inġustizia; għamil li ma hux scond il ħakk; nukkas tas-sewwa jew tal ħakk; *he committed an inju-stice in giving him that post,* għamel inġustizia (ma għamilx sewwa) li tah dac il post.

INK—linca, inchiostru, iċċappas, it-tabba bil-linca.

INK BAG—fejn iżomm il-linca il cla-mar tal baħar.

INK BLURRED—mċappas, collu tiċ-pis, bil-linca.

INK-BOTTLE—flixcun tal-linca.

INK CYLINDER—cilindru ta l-inchio-stru ta li stampaturi.

INK ERASER—gomma li tħassar il-linca.

INK FISH—il clamar (tal baħar).

INK POT—clamar; affettat, pedan-ticu; *thought by his ink-pot terms to get a good parsonage,* (**Wilson**, *Art of Rhetorique*), deħerlu li bil cliem tie-għu affettat (pedanticu) sejjer icollu xi post tajjeb ta cappillan.

INK SLICE—rħama etc fejn iħabbtu l-inchiostru bic-cilindru li stampaturi.

INK WELL — clamar (vasett għal-linca)

INKHORN—clamar.

INKING—iċċappas bil, (tati il) linca.

INKING TABLE—fejn iħabbtu l-inchio-stru bic-cilindru li stampaturi.

INKLE—ara *murmur.*

INKLE — xorta ta ħajt tar-raccmu; xorta ta curdicella spinata.

INKLING—xamma, riħa, ħjel.

INKNOT—torbot (b'għokda).

INKSHED—tixrid, ħala ta linca.

INKSTAND—clamar tal linca.

INKY—tal-linca, bħal linca, iswed daks il-linca, iswed, mudlam.

INLAID—intarsiat.

INLAID WORK—xogħol intarsiat, in-tarsiar, intarsiatura.

INLAND—ta ġo l-art, ta gewwa; leju l-art; tal pajjis, (m'hux ta barra, jew ta pajjis jeħor); bniedem minġur, pulit, li jaf igib ruħu, *an old religious uncle of mine was in his youth an in-land man,* (**Shakespear**, *As you like it*), ziu xiħ, ragel tajjeb, li chelli, chien, fi żgħużitu ragel pulit ħafna.

INLANDER—wieħed li igħammar il gewwa, fl-intern, ġo l-art, f'pajjs.

Digitized by Google

INLAPIDATE — issir ħaġar, tbiddel jew titbiddel f'ħaġar, tippetrifica ruħec.

INLARGE—ara ENLARGE.

INLAY—tintarsia, ( taħdem disiniji b'injam ta lewn fuk njam ta lewn jeħor maktub għal dawc id-disiniji biex jidħlu ingastati fih); tħawwar (iżżejjen) storia, raccont etc.

INLAYER—intarsiatur, min jintarsia

INLAYING — intarsiar, xogħol tal intarsiar, intarsiatura.

INLEEK—tokba mnejn inixxi l-ilma

INLET—daħla ta baħar, mogħdija.

INLY—sigriet, ta gewwa, tal kalb; minn gewwa, fil kalb, internament; *save him my God! she inly cries* (**Moore**, *Fire Worshippers*), eħilsu o Sinjur! hia tcun tgħid bil mod fil kalb taħħa.

INMATE—min jgħammar, jokgħod f'dar, cherrej; wieħed min-nies li icun hemm fi sptar, ospiziu etc; *what is the number of the inmates in the Lunatic Asylum now?*, chemm hemm nies li Spiziu issa?

INMEAT—il gewwieni, l-interjuri ta tigieġ, tal porcu etc.

INMESH—tħabbel; titħabbel f xibca.

INMEW—tagħlak f'caġġa etc.

INMOST—ta gewwa nett; l-actar sigriet, moħbi; *still there within the inmost thought he grew* (**Byron**, *Lara*), ma dana collu hemm fl actar ħsiebijiet sigrieti (moħbija) hu chiber.

INN — lucanda, alloġġ; talloggia, tmur tirtira f'lucanda; taħżen.

INNASCIBILITY — esistenza ta minn dejjem.

INNATE—naturali, fid-demm, mwieled jew mnissel fina.

INNER — actar ta gewwa; dic il marca sinjal f'*target* li tcun il barra mill *bull's eye*, (mil marca fejn għandu wieħed jolkot); balla li tolkot il barra mil *bull's eye* f'*target*

INNER PARTS—(fil musica) biċċiet mil (tal) armonia li ma icunu u la fuk u l-ankas isfel.

INNERLY—actar il gewwa, actar lejn in-nofs.

INNERMOST—ta gewwa nett.

INNERVATION—nervi, nerviar, eccitament nervus, (meta wieħed jinnervia jew iħoss ruħu li hu nervus).

INNERVE—issaħħaħ; tati is-saħħa.

INNHOLDER—lucandier, tal alloġġ.

INNIN.—ġbir tal ħsad (tgħam etc) iż-żmien li wieħed jagħmel impiegat f'ufficiu; fil *cricket*, il ħin li wieħed jilka bil pala f idu (jew minu gewwa).

INNITANCY—għafis, rass.

INNKEEPER—lucandier, tal lucanda, sid l-alloġġ.

INNOCENCE—innocenza, nukkas ta cull ħtija.

INNOCENT—innocenti, bla ħtija; semp'ici, belhieni, moħħu ħafif, imbecilli; tifel żgħir, tarbija; *Herod caused the massacre or slaughter of the Innocents*, Erodi ġagħal li jinkatlu it-tfal collha żgħar.

INNOCENTS-DAY—il festa tal Innocenti (li tigi fit-28 ta Decembru).

INNOCENTLY — bl-innocenza, m'hux bil malizia; innocentement.

INNOCUOUS—li ma jagħmilx ħsara; innocenti.

INNOCUOUSLY—bla ħsara, innocentement.

INNODATE—torbot, tagħmel għokda.

INNOMINABLE—li ma jissemmix, innominabli; *trousers are also called innominables or inexpressibles*, il kliezet (kalziet) igħedulu ucoll "innominables" jew, "inexpressibles".

INNOMINATE — m'hux msemmi; bla isem; isem ta arteria; l-*innominate artery*, l-arteria li titla mil l-aorta (jew waħda mit-taksimiet tal kalb) għal carotide jew l-arteria tal għonk.

INNOVATE—iġġedded, tbiddel ħaġa billi tagħmel oħra ġdida f'loca.

INNOVATION — geddid, bdil (fil botanica) rimia li għada ma chibritx sewwa (li għada ma laħkitx biżżejjed).

INNOVATOR — min igedded, ibiddel billi idaħħal dejjem ħwejjeġ ġodda.

INNOXIOUS — li ma jagħmilx ħsara (bħal *innocuous*).

INNOXIOUSNESS — nukkas ta ħsara, innocenza.

INNUATE—tħassar, tati l-wieħed x'jifhem.

Digitized by Google

**Innubilous** — bla sħab, li m'hux msaħħab, ċar.

**Innuendo** — insinuazioni, chelma jew cliem għal xi ħadd (fuk xi ħadd).

**Innumerable** — li ma jistax jingħadd, li ħadd ma jista ighoddu.

**Innumerably** — bla għadd.

**Innutritious** — m'hux nutritiv; li ma iżommx, ma ighajjix.

**Inobedience**—disubbidienza.

**Inobservant**—ara *heedless.*

**Inoculable** — li jista jitlakkam jew icun mlakkam.

**Inoculate**—tlakkam il gidri.

**Inoculation**—tilkim, tilkima.

**Inoculator** — min ilakkam is-siġar, min ilakkam il gidri.

**Inodiate** — tbigħed; iggib mibgħeda.

**Inodorate** } bla riħa.
**Inodorous** }

**Inoffensive** —li ma jagħmilx ħsara; cwiet, innocenti, li ma jagħmillec xejn (deni jew ħsara).

**Inofficial**—li m'hux *official* (ara).

**Inofficious** — li ma jobligacx, li m'hux attent jew li ma jokgħodx għad-dmir tiegħu jew għal dac li għandu jagħmel; li m'hux compit jew compiacenti.

**Inoil** — tidlec biż-żejt.

**Inolite** —isem ta ħaġra (mineral).

**Inoperative**—mejjet, li ma jagħmel ebda effett, li m'hux tajjeb għal fejn tridu.

**Inoperculata**—dac il frott tal baħar, bebbux etc li ma għandux ħlief koxra waħda (li m'hux b'zewġ koxriet jew tebkat).

**Inoperculate**—bla għatu; frott tal baħar etc li ma għandux ħlief koxra waħda, m'hux bħal arzell jew il gandoffli.

**Inopinable**—li m'hux ta min jistennieh.

**Inopinate** — li ma tistennihx, ta bla ħsieb; *these are casual and inopinate cases,* dawna casi tal cumbinazioni (li jiġu darba fill) u ma li ma tistennihomx (li jiġu bla ħsieb).

**Inopportune**—ta barra miż-żmien; li m'hux fil wakt, jew fil ħin.

**Inopulent** — m'hux għani, fkir.

**Inordinacy**—disordini, irregularità.

**Inordinate** — żejjed, ta barra mill kies, irregulari.

**Inordinateness**—ara *inordinacy.*

**Inorganic**—bla sensi; inorganicu; li ma għandux ħajja, li ma iħossx; *inorganic chemistry,* chimica inorganica (tal metalli, ħaġar, melħ etc.) chimica li m'hix tal pianti jew tal annimali).

**Inorganized**—bla ħajja, bla għajxien, *inorganic* (ara).

**Inosculate**—tingħakad, issir ħaġa waħda ma; tilkim (tas siġar).

**Inosculation** — għakda ta żewġ ħwejjeġ ma xulxin li isiru ħaġa waħda.

**Inower**—ekreb lejn, ma genb sewwa, ħdejn.

**Inoxidizable** — li ma jagħmilx sadid, li ma isaddadx.

**In partibus**—(f'pajjisi ta nies infidili, li m'humiex Insara); "bishop in partibus" *is a bishop consecrated to a see formely existing, but which, owing chiefly to the rise of Mohammedanism, has long been lost to the Roman Catholic Church,* Iskof "*in partibus*" hua iskof iccunsagrat għal xi diocesi li chienet dari tesisti iżda li tcun spiċċat mħabba filli dic l-art tcun wakgħet taħt idejn l-Infidili jew Toroc etc., u li għalecc ma tcunx iżied f'idejn il Cnisja tagħna.

**Inpatient** —wieħed marid li sptar; wieħed mil morda ta li sptar.

**Inpravable** —incorruttibili.

**Input** — contribuzioni, għati ta flus etc.

**Inquartation**—ara *quartation.*

**Inquest**—access; tiftixa, ftakida, secsic, fili, mistoksija; *that man was found dead and so he cannot be moved before the Coroner's inquest,* dac ir-ragel sabuh mejjet għalecc ma jistax jintmess kabel ma isir (jigi) l-access (il magistrat etc. biex igħid chif u biex miet).

**Inquietude**—inquiet, inquietudni.

**Inquiline**—min jokgħod f'dar ħadd jeħor, cherrej.

**Inquinate**—ara *pollute.*

**Inquination**—ara *pollution.*

**Inquirable**—li jista wieħed ifittex,

Digitized by Google

jistaksi, jew jifli tuku; *this is an inquirable case*, dana cas (biċċa) li wieħed imissu jistaksi u jara sewwa chif in hi.

INQUIRENDO—setgħa illi tati il-ligi lill xi ħadd biex jifli u jara fuk xi ħwejjeġ li huma tal gvern.

INQUIRENT—li ifittex, li jifli, curius, li isecsec, secsichi.

INQUIRER—min jara, jifli sewwa il biċċa chif in hi, min jagħmel inchiesta.

INQUIRING—curius, li iħobb jistaksi, jifli, isecsec jew jara sewwa il ħaġa chif in hi, secsiechi; *he is of a very inquiring disposition*, secsiechi wisk (iħobb ferm jara sewwa il ħaġa chif in hi etc.)

INQUIRIST—ara *inquirer*.

INQUIRY—inchiesta, esami, fili, tfittix bil mistoksijet biex tara sewwa il ħaġa chif in hi.

INQUISIBLE — suggett għal inchiesta li hakku inchiesta.

INQUISITE—ara *inquire*.

INQUISITION — inghisizion, inghisizioni (fili, tfittix fl-ordni tas-Santu Uffiziu ta delitti, abusi etc. li chienu isiru contra ir-Religion).

INQUISITIVE—curius, secsiechi; *how inquisitive you are!* chemm inti curius (chemm tħobb issecsec; jew chemm int secsiechi).

INQUISITIVENESS—cursità, secsic.

INQUISITOR—inghiżitur; min ifittex jew isecsec fuk xi delitt jew fuk xi ħadd li icun għamel xi delitt; bniedem curius jew secsiechi.

INQUISITORIAL—tal inghisizioni; li ifittex, li jesamina; secsiechi.

INQUISITRESS—mara curiusa, secsieca.

INQUISITURIENT - ara *inquisitorial*.

INRACINATE — tħawwel, tgħaddas zocc ta siġra bil għeruk fl-art biex jeħu.

INRAIL—tagħlak gewwa rixtellu, iddawwar b'rixtellu.

IN RE—fil causa ta.

IN REM (fil-ligi) ta ħaġa; *civil actions are divided into actions "in rem" and actions "in personam"*, il causi civili huma ta żewġ xorta, causi għal ħwejjeġ (proprietà etc.) u causi " in personam ".

INROAD—tidħol fi ħwejjeġ ħadd jeħor; tattacca, taħbat għal; attacc; dħul fi ħwejjeġ ħadd jeħor (minn għajr ma icolloc dritt); *the Saracens conquered Spain, inroaded Aquitaine*, (Fuller, *Church History*), is-Saracini daħlu gewwa Spanja u attaccaw (kabtu għal) Aquitaine.

INRUNNING - il post fejn jiltakgħu, u jinxteħtu gewwa xulxin, żewġ xmajjar; il post fil baħar fejn jintafa ilma ta xmara.

INSALIVATION—it-taħlit tar-rik mal ħwejjeġ tal ichel fil ħalk wakt li incunu nomgħodu jew nieclu.

INSALUBRIOUS } li m' hux tajjeb
INSALUTARY } għas-saħħa.

INSANABLE—li ma ifikx, li ma jitfejjakx; m'hux tal fejkien.

INSANE—miġnun, mħerwel, tal imgienen; *an insane hospital*, ospiziu tal imgienen; ta francuni; *an insane action*, għemil ta mħerwel.

INSANE ROOT—ic-cicuta (ħaxixa).

INSANELY—ta miġnun, ta mħerwel.

INSANENESS }
INSANITY } genn.
INSANIE }

INSANITARY—li m'hux tajjeb għas-saħħa, li jagħmel il ħsara fis-saħħa.

INSAPORY—bla togħma, insipidu.

INSATIABILITY—chilba.

INSATIABLE—li ma jixba katt, li għandu chilba; miclub.

INSATIABLENESS—chilba.

INSATIABLY—li ma jixba katt.

INSCIENCE — injuranza, nukkas ta għerf.

INSCIENT—injurant, m'hux għaref, li ma jaf xejn; għaref, bravu.

INSCRIBE—ticteb, tniżżel, iddaħħal ma, jew fi ctieb; ticteb indirizz lill; tħożż fi, tagħmel figura tal geometria etc. gewwa figura oħra; *can you inscribe a pentagon in a circle?*, taf tagħmel pentagonu f'circulu ?

INSCRIPTIBLE—li jista icun *inscribed* (ara).

INSCRIPTION—chitba, scrizioni, tniżżil fi ctieb; dedica, ħażż; (fil ligi) obligazioni bil chitba.

Digitized by Google

INSCROLL—ticteb fuk żagarella etc. jew fuk scartoċċ.

INSCRUTABLE—li ma jistax jinsab; li ma jistax jitfisser; moħbi, mistur.

INSCULP — tħożż, ticteb, tiscolpi chitba etc.

INSCULPTION—ara *inscription.*

INSEA—iddawwar bil baħar.

INSEAL—tissigilla.

INSEAM—tħalli sinjal ta gerħa jew cicatrici; tmerrec.

INSECABLE—li ma jistax jinkata.

INSECT—insett; duda.

INSECTATION—persecuzioni.

INSECTATOR—persecutur.

INSECTICIDE-min (dac li) joktol jew jekred l-insetti; trab tal brieghed etc.

INSECTILE—li għandu mill; (li donnu) insett jew duda.

INSECTION — katgħa, tiflila, (fil-laħam etc)

INSECTIVORA—annimali, tjur etc, li igħixu bl- (li jeclu l-) insetti.

INSECTIVORE—annimal (tajra etc) igħejx bid-dud jew bl-insetti.

INSECTIVAROUS—li jecol jew ighix bl-insetti; tal *insectivora* (ara).

INSECTOLOGER — (jew *entomologist*) min jistudia fuk l-insetti jew id-dud.

INSECTOLOGY—(*entomology*) studiu, chitba, trattat fuk l-insetti jew id-dud.

INSECURE-li m'hux sigur, li jibża minn xi disgrazia.

INSECURITY—periculu.

INSECUTION—ara *pursuit.*

INSEER—spettur, esaminatur.

INSEMINATE—tiżra, timla.

INSEMINATION—żriegħ.

INSENSATE — bla sens, bla dehen, ibleh.

INSENSATENESS—bluha, genn.

INSENSE-tgħallem.

INSENSELESS-li ma iħossx.

INSENSIBLE—li ma iħossx, indifferenti; li ma jinħassx; *insensible as steel,* jebes (ma jiħossx) bħal azzar.

INSENSIBLIST— bniedem indifferenti, li ma iħossx; jebes.

INSENSIBLY—bil chemm il chemm; bil mod il mod, ftit ftit; *they insensibly subdued the fears,* huma neħħew bil mod il mod il biża li chellhom.

INSENSITIVE—ara *insensible.*

INSENSUOUS—m'hux tas-sensi.

INSENTIENT—li ma iħossx, li ma jarax.

INSEPARABLE —inseparabli, li ma jinfiridx; li icun (jibka) dejjem ma; *the faults inseparable from poverty, ignorance, and superstition,*(**Macaulay**, *Hist. of England*),il ħtijet li huma inseparabli (li ma jinfirdu katt) mil fakar, injuranza, u superstizionijet.

INSEPARATE—m'hux mifrud; magħkud ma.

INSEQUENT—ara *subsequent.*

INSERT—iddaħħal, tkiegħed bejn; iggib fi; *please insert this letter in your paper,* jecc jogħgboc gib din l-ittra fil ġurnal (gazzetta) tiegħec.

INSERTED — mdaħħal; migjub fi.

INSERTING } dħul; tidħil; gvornizion

INSERTION } ta lbiesi tan-nisa etc.; *that letter was ready for insertion in yesterday's number,* dic littra chienet lesta għad-dħul (biex tcun migiuba fin-numru (tal ġurnal) tal bieraħ; *I paid more for the insertions than for the stuff,* ħallast actar tal gvornizion milli ħallast tad-drapp tal-libsa (actar swieli il gvornizion, mid-drapp tal-libsa).

INSERVE—tiswa għal, isservi.

INSERVIENT—li iservi, jiswa għal.

INSESSION—kagħad bil keghda fi jew fuk ħaġa; dac, dic il ħaġa li wieħed jokgħod fuka; fejn wieħed jokgħod bil kegħda.

INSESSORES — dawc il għasafar li għandhom sakajhom magħmulin biex jokgħodu fuk iz-zcuc tas-siġar jew fuk passiggiera.

INSET — tkiegħed, twaħħal ħaġa foħra; tkieghed fi; inserzioni, dħul fi.

INSEVERABLE—li ma jistax jinħall jew jinfired minn.

INSHADED—bil-lewnijiet scala.

INSHAVE—sicchina, bokxiex tal buttara ( għax-xogħol ta gewwa il btieti).

INSHEATHE—iddaħħal fil għant; iżżomm fil għant.

INSHORE—mal moll.

Digitized by Google

INSICCATION—nixfa.

INSIDE— gewwa fi; il gewwieni, l-interiuri ta annimal, tigieġa etc, il fehma (sigrieta) ta bniedem; *come inside*, ejja (idħol jew għaddi gewwa); *inside a circle*, f'circulu.

INSIDE CALIPERS — cumpass għal chejl ta tokob minn gewwa.

INSIDE SCREW — vit bil cammini minn gewwa.

INSIDIATE—tágħmel il għassa biex takbad; tgħasses mistoħbi.

INSIDIATOR—min igħasses biex jakbad jew idaħħal fin-nassa.

INSIDIOUS—li jistad, jonsob, igħoss jew jokgħod għassa ghal xi ħadd; karrieki, ħażin, nassies.

INSIDIOUSNESS — kerk, ħażen, wiri ta ħaġa b'oħra.

INSIGHT—dehen, ħila li icollu bniedem li jara jew jagħraf sewwa il ħaġa chif inhi; għarfa ta ħaġa sewwa minn għankudha.

INSIGHTED—bniedem li għandu iddehen; capaci, jew li għandu il ħila jara chif inhi il ħaġa minn għankudha.

INSIGNIA — insinja; sinjal; marca (biex tagħraf ir-ranc jew l-ufficiu ta bniedem minn jeħor).

INSIGNIFICANCE—nukkas ta impurtanza ta pis; nukkas ta tifsir.

INSIGNIFICANT — insignificanti; m'hux ta impurtanza, żgħir, m'hux impurtanti, li m'hux ta min jati contu; li ma ifisser xejn.

INSIGNMENT—sinjal, tagħlima, biex tagħraf żewġ ħwejjeġ jew actar minn xulxin.

INSIMULATE—taccusa,tagħmel causa, tugża.

INSINCERE—falz, m'hux sincier,karrieki.

INSINCERITY—wiri ta ħaġa b'oħra, kerk, ipocrisija, falsità.

INSINEW — is-saħħaħ, tgħakkad il musculi jew tati is-saħħa lill gisem.

INSINUANT—insinuanti, li jaf jindihies jew jingieb ma, li jaf jidħol bil mod il mod.

INSINUATE—iddaħħal bil mod; iddaħħal f'ras xi ħadd; tberren; twebbel; tħallem; tidħol ftit ftit (binnakra in-nakra) tindiehes.

INSINUATING—dħuli, li jaf jindihes, li jidhol bil mod il mod, li iwebbel, idaħħal fir-ras, (fellus etc).

INSINUATION—insinuazioni, li chif wieħed jidħol jew jindihes, dħul; tberrin, twebbil, tħallim.

INSINUATIVE—ara *insinuating*.

INSINUATOR—min *insinuate* (ara).

INSINUATORY—ara *insinuating*.

INSIPID — bla togħma, bla ebda togħma, togħma ta xejn, insipidu, bla benna; chiesaħ; indigest; ibleh; *an insipid writer*, wieħed li jicteb bla gost (bla benna).

INSIPIDITY—nukkas ta togħma jew benna; csuħa.

INSIPIENCE—bluha, nukkas ta melħ jew ta għakal.

INSIPIENT—ibleh, bla għakal, bla melħ.

INSIST—tinsisti, tokrom fuk; issus fuk; tlaħħ; iżżomm shiħ fil fehma li icolloc biex issir ħaġa; *I insist on what I said yesterday*, ninsisti (nibka insus) fuk dac li għedt il bieraħ.

INSISTENCY—żamma shiħ fil fehma biex issir ħaġa chif tcun għedt jew tcun trid; insistenza.

INSITU (fil geologia) fil-loc tiegħu sewwa li chien fih mil-lewwel.

INSNARE—ara *Ensnare*.

INSNARING—ara *Ensnaring*.

INSNARL—tħabbel, tgħakkad (ħabel etc.).

INSOCIABLE — magħmul għalih, m'hux fabbli, mkit, żorr.

INSOLATE — issajjar jew tnixxef, (tkadded) fix-xemx, tkigħed għaxxemx.

INSOLATION — xemxata; tixmix, tkaddid (tkegħid ta ħaġa fix-xemx biex tinxef jew biex issir.

INSOLE—suletta (f'żarbuna).

INSOLENCE — insolenza, tmegħir, żebliħ, mgiba ħażina jew insolenti (ta wieħed mcabbar u li irid iżeblaħ lil culħadd); tinsulta.

INSOLENT — insolenti, li imigħer jew icasbar lill culhadd; cburi, impertinent.

Digitized by Google

INSOLENTLY—ta insolent, bl' insolenza.

INSOLIDITY—debulizza, nukkas ta saħħa.

INSOLIDO—flimchien, f'dakka.

INSOLUBLE—li ma jinħallx, li ma idubx fl-ilma jew fil mishun; li ma jistax jitfisser jew icun spiegat.

INSOLVABLE—m'hux solvibbli, li ma jistax jitfisser jew icun spiegat; problem etc. li má jistax icun maħdum, li ma jistax jitħallas jew icun meħlus; li ma jistax jinħall jew icun maħlul.

INSOLVENT—li ma għandux flus biżżejjed biex iħallas; li ma iħallasx dejjem.

INSOMNIA—nukkas ta nghas; marda li wieħed ma jistax jorkod.

INSOMNIOUS—mkajjem, li ma jistax jorkod; li ma jitħollux ngħas.

INSOMNOLENCE—nukkas ta ngħas.

INSOMUCH—tant illi; *insomuch that there could not be found a single one,* tant illi ma setgħux isibu wieħed biss.

INSOUCIANCE (akra *ansusian*)—trascuraġni, indifferenza; csuħa, bruda.

INSOUCIANT (akra *ansusian*)—indifferenti, trascurat, biered, chiesaħ, li ma jimpurtah xejn.

INSPAN — torbot fil maħanka jew madmad żewġ gniedes jew bakar etc. flimchien.

INSPECT—tispeziona; tagħmel spezion; tifli sewwa; tara, tiftakad.

INSPECTING - li jispeziona, jifli jew jagħmel spezion; *an inspecting officer,* ufficial li jispeziona; spettur.

INSPECTION—spezzion, filja, ftakida.

INSPECTIVE—tal *inspection* (ara).

INSPECTOR—spettur; fellej; min, dac li, jispeziona schejjel etc.

INSPECTORATE } spetturat, il post,
INSPECTORSHIP } l-ufficiu ta spettur.

INSPECTRESS—ispettrici.

INSPERSE—ixxerred, tbixx, troxx.

INSPERSION—tixrid, bexx, traxxix.

INSPIRABLE—li tista tieħdu mannifs (aria, duħħan etc).

INSPIRATION — ispirazioni, leħma, nebħ, dawl tal moħħ.

INSPIRATORY—tal *inspiration* (ara).

INSPIRE—tati il ħajja bin-nifs, tilħem, tnebbeh, tati id-dawl tal moħħ; tonfoħ fi strument biex id-dokk; tispira; tati lewn, xeħta etc. f'articulu ta ġurnal jew ta periodicu; *a paragraph, obviously inspired, appears in a local journal this evening and runs as follows...* (*Daily Telegraph*), il-lejla deher f'ġurnal locali paragrafu, li milli naraw, ispirat (iddettat) minn xi ħadd ufficiali, li igħejd hecc...

INSPIRED—spirat, mnebbeħ.

INSPIRER—min (dac li) inebbeħ jew jati id-dawl (jispira).

INSPIRIT — tati il ħajja, tkankal, tħeġġeġ, tkawwi il kalb.

INSPISSATE—tħaxxen; tagħmel actar carg, kawwi jew grass; *the sugar doth inspirate the spirits of the wine,* (**Bacon,** *Natural History*), iz-zoccor jiggrassa (jagħmel actar magħkud jew dens) li spiritu di vinu.

INSPISSATE—iggrassat, actar grass jew magħkud.

INST—(f'loc *instant*) ta dan ix-xahar li aħna fih; *on the 15th inst,* fil 15 ta dan (ix-xahar li aħna fih).

INSTABILITY—nukkas ta saħħa; nukkas ta żamma fil fehma; dawran bħal pinnur (li wieħed jaħseb jew igħejd issa ħaġa u issa oħra); dawran ma cull riħ; *I lament your instability,* nibchi id-dawran ma cull riħ tiegħec.

INSTABLE — incostanti, li idur ma cull riħ, li m'hux sod; li ibiddel.

INSTABLENESS—ara *instability.*

INSTALL—tati post; tkighed fil post; tati pussess.

INSTALLATION—pussess; tkeghid ta xi ħadd f'postu jew f'locu; armar, tkeghid fil loc ta affarijiet ta macchina, tagħmira ta lampi etc. tal-luce elettrica.

INSTALMENT—pussess, tkegħid ta xi ħadd f'post; post, loc, fejn wieħed jokgħod meta jeħu pussess; ħlas ta somma. ta dejn etc. bil ftit il ftit; bit-tant fix-xahar etc.; *I told him to pay his debt of £ 20 by instalments, say 5 shillings a week,* għeddtlu iħallas il għoxrin lira li għandu jati ftit ftit, nghejdu aħna (mkar) ħames xelini fil gimgħa; *the instalment of this noble duke in the seat royal,* (**Shakespear,** *Richard III*), il pussess ta dana id-duca



Digitized by Google

nobbli fil post reali; *all the chair and instalments were engaged*, is-siggiet u'l postijet collha chienu meħudin.

**Instamp**—tistampa b'sigill, côn etc.

**Instance**—esempiu, turija; leħha; talb bla mistriħ; raġuni, scusa il għaliex, causa jew motiv; sinjal, prova; proverbiu; provar, argument; turi, iggib esempiu; *now, for instance, take the case we have before us*, issa per esempiu, hu dan il cas li għandna kuddiemna; *this was done at my instance*, dana sar tant chemm cont lħiħ jen (chemm tlabt jew ħakkakt jena); *his fears are shallow, wanting instance*, (**Shakespear**, *Richard III*), il biża tiegħu hu fieraħ, ma għandux caġun (il għaliex); *full of wise saws and modern instanees*, (**Shakespear**, *Much ado about nothing*, mimli (collu) għajdut u proverbi sbieħ u ġodda (ta dażżmien); *what instance of the contrary?* (**Shakespear**, *Two gentlemen of Verona*), xi prova (argument) hi diu tal cuntrariu? *I shall not instance that author*, jena ma ngibx esempiu lill dac l-autur.

**Instant**—wakt; hin; urgenti; ta malajr; malajr; dana, li miexi; li aħna fih; *come now, at this very instant*, ejja issa issa dal wakt; *that was an instant business*, dic chienet affari urgenti; *we are to leave on the 20th inst.*, għandna nitilku (nsiefru) fil 20 ta dan (ix-xahar li aħna fih).

**Instant**—malajr, bla telf ta żmien; *come Philomelus! let us instant go*, (**Thompson**, *Castle of Indolence*), ejja Philomelus, isa ejja immorru malajr.

**Instantaneity**— ara *instantaneousness*.

**Instantaneous** — magħmul f'dakka waħda, f'hin wieħed; ta malajr malajr, ta ħeffa cbira; bla telf ta żmien xejn.

**Instantaneously** — ta malajr malajr, ta ħin wieħed; b'ħeffa cbira.

**Instantaneousness**—ħeffa, żmien ta malajr malajr.

**Instanter**—malajr malajr; bla telf ta żmien xejn; *there their hearts would sadden instanter*, hemmec huma iddejku klubhom (jiddejku) malajr (minnufiħ).

**Instantly**—f'dakka waħda, malajr malajr; bla ebda telf ta żmien; issa dal wakt; *come instantly*, ejja issa dal wakt.

**Instar**—ittabba; timla (werak etc.) ticchi ticchi.

**Instate**—tkiegħed fil post, iddaħħal fil loc (bniedem etc.)

**Instatement** - tkegħid fil post.

**Instaurate**—iggedded, tirriforma, tirristaura; issewwi.

**Instauration**—riforma; ristaur, tiswija.

**Instead**—minn f'loc, f'loc; *come in my stead (instead of me)*, ejja minn flochi; *milk instead of beer*, ħalib f'loc birra.

**Insteadfast**—li m'hux sħiħ jew sod.

**Insteep**—tgħaddas fl-ilma.

**Instep**—għaksa tas-siek; xichel.

**Instigate**—tagħwi, issewwes; iġġagħal; tipprovoca; *he did it because he was instigated*, għamlu (għamel dan) għaliex chien mgiegħel (chien mogħwi jew provocat).

**Instigation**—għawi, ġagħil; provacazioni; *at his instigation*, bil għawi tiegħu.

**Instigator**—min jagħwi, min isewwes, iġagħal, jew jipprovoca.

**Instil**—tnissel, tħallem; twebbel; twaħħal fil moħħ; tkattar; titfa katra katra; *the juice is boiled and then dropped or instilled into the head, is good for the pains thereof*, (**P. Holland**), is-sugu jitgħalla u imbgħad ikattruh (jixtuh katra katra) fir-ras, icun tajjeb għal ugigħ; *thus you will be instilling into their minds good principles*, u hecc (b'dan il mod) tcun kiegħed twebblilom (tnisslilom jew twaħħlilhom) f'rashom principī tajba.

**Instillation** — twebbil, tnissil, twaħħil fil moħħ.

**Instillator** } min inissel, iwebbel,
**Instiller** } jew idaħħal fir-ras.

**Instimulate**—ara *stimulate*.

**Instimulation**—ġagħil.

**Instinct** — istint, gibda; għakal, dehen li icollom il għasafar etc li jagħmlu il ħwejjeġ.

Digitized by Google

**Instinctive**—ta l-istint, spontaneu; li wieħed (annimal, għasafar etc) jagħmlu waħdu għaliex icun jaf li għandu icun hecc.

**Instinctly**—bl-*istinct* (ara).

**Instipulate**—bla *stipules* (ara)

**Institorial-power** — setgħa, autorità, li icollu scrivan li jimmaniġġa u imixxi l-affarijiet tan-negoziu jew l-avviament ta ħanut jew stabiliment.

**Institute**—tibda, tiftaħ xirca jew ħaġ'oħra; tagħmel, twakkaf, tgħallem; tinnomina, tagħmel jew tagħżel bniedem (wieħed) għal post f'ufficiu; *our Lord Jesus instituted the Holy Sacrament of Eucharist*, Sidna Gesù għamlu is-Sacrament tat Tkarbin Mkaddes; *the end for which all Governments had been instituted*, (Macaulay, *History of England*, il fini li għalih il Gvernijet collha gew (chienu) magħmula; *I had to institute an inquiry*, chelli nibda (niftaħ) inchiesta; *your duty is simply to institute the lads*, id-dmir tiegħec hu biss (m' hux ħaġ'oħra ħlief (li tgħallem il ġuvnotti); *we institute your grace to be our regent*, (Shakespear, *Henry VI*), aħna nagħżlu lilec biex tcun il cap tagħna.

**Institute**—stitut, xirca; massma, principiu, precett, tagħlima; *Soldiers and Sailors institute*, stitut, (xirca) tassuldati u'l baħrin, *we all have to meet at the institute this evening*, aħna il coll irridu niltakgħu fli stitut il-lejla.

**Institutes**—ctieb elementari (jew l-ewwel elementi, il bidu) tal ligi.

**Instituter**-min jistituixxi; jagħmel, jibda, jew jiftaħ xirca etc., min igħallem, għalliem, surmast.

**Institution**—għamil, bidu; ftuħ; tagħlim; fundazioni; istituzioni; *the Institution of the Blessed Sacrament of Eucharist*, l-Istituzioni tas-SSmu. Sacrament tal Altar; *at the institution of the enquiry*, fil bidu (il ftuħ) tal inchiesta; *I am compiling a Dictionary for the institution of the people*, kiegħed nagħmel Diziunariu għat-tagħlim tal poplu.

**Institutional** / **Institutionary** (tal *institution*), elementari; tat-tagħlim, tal bidu, tal ftuħ.

**Institutist**—chittieb l-elementi tal istruzioni; min (dac li) jicteb il bidu tat-tagħlim.

**Institutive**—li jistabilixxi, jati bidu, jiftaħ; stabilit bl-autorità.

**Institutor** — istitutur, fundatur, min jistabilixxi, jibda, jew jiftaħ (xirca etc.); min igħallem, surmast, għalliem.

**Institutress**—fondatrici, istitutrici; majjistra, mara (dic li) tgħallem

**Instop**—tagħlak, issodd.

**Instruct**—tgħallem, tgħarref; tati ordni, tordna, iġġagħal li wieħed jagħmel ħaġa; tautorizza avucat li jidher f'cawsa f'loc avucat jeħor, iggib xhieda favur; ticconferma; tipprova; *to instruct a claim against a bankrupt*, tipprova dritt li għandec contra wieħed li icun iddichiara falliment; *your duty as a teacher is to educate and to instruct*, id-dmir tiegħec bħala surmast hua li teduca u tgħallem; *she being before instructed of her mother, said: give me here John Baptist's head on a charger*, hia, billi kabel chienet mgħarrfa mn'omma x'għandha tagħmel, kalet: atini hawn ir-ras ta Ġwanni Battista, fi platt cbir.

**Instruct** — mgħammar, armat; mgħallem; *ships instruct with oars*, (Chapman), bastimenti mgħammrin (armati) bli mkadef.

**Instructer**—f'loc *instructor* (ara).

**Instructress**—f'loc *instructress* (ara)

**Instruction** — tagħlim, istruzioni, tagħrif; *I went to England for a course of instruction*, mort l-Ingilterra għal cors ta tagħlim (studiu); *he is waiting to receive your instructions*, kiegħed jistenna xi tgħejdlu jagħmel inti, (jistenna li tgħarrfu inti, x'għandu jagħmel).

**Instructional** — tat tagħlim, tal educazioni, li igħallem jew jeduca.

**Instructive**—istruttiv, li igħallem.

**Instructiveness**—is-setgħa li icollu wieħed li jgħallem; is-setgħa tat tagħlim.

**Instructor**—għalliem, min (dac li) igħallem, surmast, istruttur.

**Instructress**—dic li tgħallem, majjistra (sinjura) ta li scola.

Digitized by Google

**Instrument** — strument, (sturment tad-dakk) għodda; mezz, agent, autur; att pubblicu, cuntratt, digriet; *the violin is a string instrument*, il violin hua strument tal corda; *I had for a prize a box of mathematical instruments*, klajt caxxa għodda, cumpassi etc. premiu; *your brother was the instrument of my ruin*, ħuc chien il mezz (il causa, il cagun) tar-rovina tiegħi; *he, however, had, under the authority of this instrument, been consecrated* (**Macaulay**, *History of England*), hua iżda, b'dan id-digriet, chien icconsagrat (Iskof).

**Instrumental** – li igħejn, il mezz, il cagun, li jiswa biex issir ħaġa.

**Instrumentalise**—tagħmel, toħlok, tifforma.

**Instrumentalist**—dakkâk ta (min idokk) strument.

**Instrumentality**—mezz, cagun.

**Instrumentary** — bħal *instrumental* (ara).

**Instrumentation** —strumentazioni; li strumenti tad-dakk collha flimchien is-sengħa tad-dakk (chif wiħed idokk) fuk strument.

**Instrumentist** — bħal *instrumentalist.*

**Instyle** — tati isem; issejjaħ, issemmi.

**Insuavity** -- nukkas ta ħlewwa; imgiba żorra jew mkita; mkata (meta wieħed icun mkit, m'hux ħelu).

**Insubordinate** – disubbidient; li ma jobdix; li ma jokgħodx għalli wieħed igħejdlu.

**Insubordination** — dissobbidienza.

**Insuetude**—inconsuetudini, li ma icunx soltu, li m'hux tas-soltu.

**Insufferable**—insoffribbli, li ħatt ma jista isofriħ, jew igerrgħu, li m'hux ta min isofriħ; *we are having insufferable heat this summer*, kiegħed icolna sħana tremenda (li ħadd ma jista jissoportiha) das-sajf.

**Insufficience** — nukkas; li m'hux biżżejjed; nukkas ta sotgħa jew kawwa; incompetenza.

**Insufficient**—li m'hux biżżejjed, li ma iservix; li m'hux capaci, li ma jinkalax; li m'hux tajjeb biex jagħmel ħaġa; *a single hand is insufficient for such a harvest*, bniedem waħdu m'hux biżżejjed għal din il ħasda ta kamħ collha.

**Insufflate** — titfa in-nifs, tonfoħ fuk xi ħaġa.

**Insufflation** — nfiħ, tfiħ tan-nifs fuk xi ħaġa (meta is-sacerdot li icun igħammed jitfa in-nifs tiegħu fuk it-tarbija).

**Insuitable** — li m'hux adattat, li m'hux tajjeb; li ma igħoddx jew ma jakbilx għal dic il ħaġa.

**Insular** — ta gżira, mdawwar bil baħar minn cullimchien; tan-nies ta gżira; dejjak, ċchejchen, żgħir, m'hux liberali; min igħammar fi gżira; *our insulars who think so much for themselves*, in-nies tal gżira tagħna li jaħsbu tant għalihom stess.

**Insular climate** – (fil Meteorologia) il clima ta gżira, li fis-sajf ma icunx hemm sħana wisk u fix-xitwa bard wisk mħabba fil baħar ta mad-dwar.

**Insularity**—tal gżejjer jew ta gżira; l-opinioni baxxa u'l mod żgħir u baxx li bih jaħsbu in-nies ta gżira; *they know no better, you must excuse their insularity*, ma jafux aħjar, trid tiscusahom billi huma nies ta gżira (ma jistgħux jaħsbu ħlief ċchejchen jew baxx).

**Insulate**—tagħmel bħal gżira; tbiddel fi gżira; tagħlak jew iddawwar port etc. minn cullimchien biex dan il port ma jista icollu comunicazioni ma ħadd u ma mchien; tissepara, tifred post etc. għal collox minn postijiet etc. oħra.

**Insulated column**—colonna kiegħda għaliha (li magħandiex x'taksam ma 'l ħitan etc. ta 'l bini l-jeħor fejn tcun.

**Insulated wire** — fildiferru miżmum fuk ħwejjeġ li ma jigbdux l-elettricità, biex ma iħallix li il current tal elettricità igħaddi jew jinżel fl-art.

**Insulation** — insulazioni; firda, għażla.

**Insulator**—min jifred jew jagħżel; ħaġa li ma tħallix tgħaddi elettricità jew sħana minn gewwa fiha, li tit-

Digitized by Google

kiegħed dwar oggett bix dana ma icunx mimsus bil current elettricu jew bis-sħana.

INSULOUS—mimli gżejjer.

INSULPHURED—mimli jew collu cubrit

INSULSE—insipidu,stupidu, chiesaħ, li ma fiħ ebda gost.

INSULT — insult, tmegħir, żebliħ; tinsulta, tmiegħer, iżżeblah; *some of you offered me gross personal insults*, x'uħud minncom insultajtuni bil bosta (sħiħ); *why do you insult me?* għaliex tinsultani (tmegħirni jew iżżeblaħni)?

INSULTANCE—insult, insolenza, tmegħira.

INSULTER—min jinsulta, imiegħer jew iżeblaħ.

INSULTING — insolenti, li jinsulta, jew imiegħer.

INSULTINGLY — bl-insolenzi, b'mod insultanti, li imiegħer.

INSULTMENT—ara *insult*.

INSUME—tieħu fi, iddaħħal fi.

INSUPERABLE—li ħadd ma jisbku, jegħelbu, jicsru, jeħdu, jew ibattiħ; li ħadd ma jagħmillu xejn; li ħadd ma igħaddiħ.

INSUPPORTABLE — li ħadd ma jista isofriħ jew jokgħod fiħ; *the cold in England in winter is almost insupportable*, il bard l-Inghilterra fix-xitwa tista tgħejd ħadd ma jista isofriħ.

INSUPPRESSIBLE—li ma tistax taħbiħ jew iżżommu moħbi; li ma jistax jokgħod fejn ma jidhirx jew moħbi.

INSURABLE—li jista icun assigurat (għal xi ħruk, mewt etc.)

INSURANCE — assicurazioni, sicurtà, għamil tajjeb.

INSURANCE POLICY—il polza, il carta, il cuntratt li jatu il cumpannija tas-sicurtà lil dac li iħallas flusu biex jisgura ħajtu, ħwejġu etc.

INSURE—tassigura, tagħmel tajjeb; *why don't you insure your life? I have already insured mine;* il għala ma tassicurax ħajtec jena ġa assicurajt ruħi; *we insured our house and shop*, aħna assicurajna id-dar u'l ħanut tagħna.

INSURER—min jassicura jew jagħmel tajjeb.

INSURGE—tkum, tirvella.

INSURGENCE—kawmien għall, rvell.

INSURGENT — min ikum għal jew jirvella; *we drove away the insurgents*, aħna checcejna lill dawc li rvellaw.

INSURMOUNTABLE—li ma jintrebaħx, li ma jisbku, jeħdu, jgħaddiħ jew jicsru ħadd; li ħadd ma jagħmillu xejn.

INSURRECTION—kawma għall; rvell; *all efforts to quell the insurrection proved fruitless*, cull ma sar biex jiccuetaw rvell chien għal xejn.

INSURRECTIONAL — tal *insurrection* (ara).

INSURRECTIONARY—li igib rvell, li ikankal rvell; tar-rvell; *that was a murderous insurrectionary system*, (Burke), dac chien sistema tal ktil u tar-rvell (li igib il ktil u tar-rvell).

INSURRECTIONER } wieħed li (min)
INSURRECTOR } ikum għall jew jagħmel rvell.

INSUSCEPTIBLE } li ma iħossx; li xejn
INSUSCEPTIVE } ma ikanklu.

INSUSURRATION—tgħergħir.

INSWATHE—tgeżwer (fil fiskija etc)

INTACT—li m'hux mimsus; li ma fiħ jew li ma ġralu xejn; kawwi sħiħ.

INTACTABLE—li ma jinħassx.

INTAGLIO—intall, scultura, incisioni ta disinn; figura etc. mħaffra f dic il biċċa njam jew gebla li tcun stess.

INTAKE—dħul, dac li wieħed idaħħal.

INTAKER—min (dac li) iżomm għandu ħwejjeġ misruka (li icunu ta ħadd jeħor biex jerfaħħom għandu).

INTAMINATED—safi, m'hux mħallat b'xejn.

INTANGIBLE—li ma jinħassx li ma tħossux b'subgħajc jew bit-teftif ta idejc.

INTANGLE—ara *Entangle*.

INTASTABLE—bla togħma.

INTEGER — numru sħiħ, collox, intier; *four integers and a half*, (4½) erba intieri jew numri sħaħ u nofs (4½).

INTEGRABLE—li jista icun *integrated*.

Digitized by Google

INTEGRAL—collu, shih; is-shih, collox.

INTEGRANT—li jinhtieġ biex numru isir jew icun shih.

INTEGRATE—taghmel shih, taghmel haġa shiha; tiġbor collox u taghmel f'haġa wahda; *the soul and the body go to compound and integrate the man*, (**South**) ir-ruh u'l gisem flimchien jaghmlu il bniedem.

INTEGRATE—turi, timmarca, is-somma collha jew collox.

INTEGRATION—integrazioni; il chif taghmel numru somma jew quantità shiha; (fil Matematica) ix-xoghol chif issib l-intier jew in-numru shih ta żewġ quantità differenti li icunu moghtija.

INTEGRITY—is-shih, is-sewwa; purità, tisfija; *language continued long in its purity and integrity*, (**Hall**), il-lingua damet ghal żmien safia safia u sewwa m'hi mhalta b'ebda cliem ta lsien jehor.

INTEGRO—shih.

INTEGUMENT—il koxra, il gilda, ir-rita, il fosdka ta żerrigha.

INTEGUMENTARY—tal, jew maghmul mil *integument* (ara).

INTEGUMENTATION—il ghata b'*integument* (ara).

INTELLECT — mohh, dehen, fehma, ghakal; *he is disordered in the intellects*, ghandu mohhu m'hux f'locu (rasu mhawda); *the intellect of a country*, in-nies collha bravi (bil ghakal u tal iscola), ta pajjis; *he is a man of great intellect*, hua bniedem ta dehen cbir.

INTELLECTED—intelligenti, li ghandu il mohh, id-dehen, jew bil ghakal.

INTELLECTIVE—tal *intellect* (ara).

INTELLECTUAL—intellettuali, tal intellet, tal mohh; bid-dehen, bil ghakal; *he is pursuing a course of intellectual studies*, kieghed jaghmel cors ta studï tal mohh (jebsin).

INTELLECTUALIZE — tidealizza; tati jew iżżejjed bl-intellett jew bid-dehen; tirraġuna bid-dehen jew bil ghakal.

INTELLIGENCE—intelligenza, ghakal, fehma; ahbar; gharrfa; *he is a lad of great intelligence*, hua ġuvnott ta intelligenza cbira (jifhem malajr cull ma tghejdlu jew cull ma jara jew jakra); *no sooner did this sad intelligence reach him than he rushed out like a madman*, ma lahkitx waslitlu f'widnejh din l-ahbar hażina, illi ma harigx jiġri il barra bhal wiehed miġnun.

INTELLIGENCE DEPARTMENT— (fil militar) l-ufficiu tal intelligenza minn fejn jatu it-tgharifiet u l-informazionijet collha li icun hemm bżonn, sewwa bis-sinjali sewwa bil chitba etc lill official cmandant (general etc).

INTELLIGENCE OFFICE—uffiziu, post, minn fejn wiehed icun jista imur jehu xi informazionijiet jew jistaksi fuk xi sefturi li icun irid idahhal mieghu.

INTELLIGENCER—min igharraf jew jati informazioni; spiun, messaggier.

INTELLIGENCY—f'loc *intelligence*, ara.

INTELLIGENT—intelligenti, li ghandu mohhu tajjeb, li jifhem malajr; mżejjen bid-dehen.

INTELLIGENTLY—bl-*intelligence* (ara)

INTELLIGIBILITY—intelligenza, mohh tajjeb; li icolloc mohh tajjeb.

INTELLIGIBLE—ċar, hafif biex tifmu, li jiftiehem.

INTEMERATE—nadif, safi, bla tebgha, pur.

INTEMERATENESS—ndafa, purità.

INTEMPERANCE — iżżejjed; ichel u xorb bla kies; *his malady has been aggravated by intemperance*, (**Macaulay**), il marda tieghu żdiedet bix-xorb iżżejjed li chien jixrob.

INTEMPERANT—wiehed li (min) jixrob iżżejjed (sicran, sponża).

INTEMPERATE—li ma ghandux kies jew regula fil ghemil tieghu; li jixrob etc. iżżejjed; kalil, kawwi; *we are having an intemperate weather this winter*, kieghed icolna tempijiet kliel (horox) dix-xitwa.

INTEMPERATELY—iżżejjed, bla kies.

INTEMPEROUS—ara *intemperate*.

INTEMPESTIVE—li m'hux taż-żmien; ta kabel il wakt; ta kabel żmienu; *I am afraid your question has been intempestive*, nibża li il mistoksija tieghec chienet kabel il wakt.

INTENABLE—li m'hux *tenable* (ara).

INTEND—tifhem, icolloc il fehma

jew il ħsieb; iżżid, tcattar; tiġbed lejn, tmur; *do you intend what I am saying?* kiegħed tifhem x'kiegħed ingħejd? *I don't intend going abroad this year,* ma feħsibnix nsiefer dis-sena; *the magnified quality of this star, conceived to cause or intend the heat of this season (***Brown**, *Vulgar Errours),* il cobor ta din il chewcba kiegħed biex igib jew icattar is-sħana ta dan li staġun; *and to Tarsus I intend my travels* (**Shakespear**, *Pericles*), u lejn Tarsus jena niġbed (immur jew nimxi); *the man was quiet and sober and intended no body any harm,* ir-ragel chien cuiet u m'hux xurban u ma ried jagħmel ħsara (jew deni) lil ħadd

Intendance — attenzioni, cura, ħsieb.

Intendancy—uffiziu, impieg, post ta intendent; id-distrett ta intendent, jew suprintendent.

Intendant—attent, bil ħsieb; li jeħu ħsieb jew il cura; intendent, suprintendent, jew dac li għandu il ħsieb ta post (tarzna, istitut etc) fuk spallejh.

Intended—maħruġ il barra; billi icollu il ħsieb; magħmul għal apposta, bil fehma, ġħarus; miżżewweġ, *my intended wife,* marti; *that young man is her intended,* dac il ġuvni hua il għarus tagħha.

Intender—min icollu jew jagħmel il fehma jew il ħsieb, min jagħmel jew igħejd għal apposta; tagħmel tari, artab, jew ħlejju (li icollu kalbu żgħira).

Intenerate — trattab, tagħmel ħlejju, artab, ħelu; li kalbu tħoss.

Intense—kawwi, aħrax; kalil, cbir; ħarr; scur; *intense potion,* xorb kawwi; *intense study,* studiu kalil; *intense cold,* bard cbir jew kalil; *intense pain,* ugigħ cbir, aħrax jew kalil; *intense affection,* mħabba cbira; *intense blue,* ikħal scur (carg).

Intensely—ferm, bil kawwi; *the more ardently and intensely a man loves God,* actar ma bniedem iħobb l-Alla bil ħrara u ferm.

Intenseness—kawwa; *with intenseness of desire in her upward eye of fire,* (**Wordsworth**, *Kitten*), b'xewka l-actar kawwija fil għajnejn taħħa li donnom mimlija nar.

Intensifier—sustanza li tkawwi jew tcabbar l-opacità fil fotografija.

Intensify—tcabbar, tkawwi.

Intension — saħħa, kawwa, forza tal-leħen etc.; cobor.

Intensity—kawwa. forza; *she could prove to him the intensity of her affection,* hia setgħet turih (tippruvalu) il cobor ta mħabbitha lejh (għalih).

Intensive—li jista jicber, jissaħħaħ jew jitkawwa; li iżid, icattar, li jati is-saħha; isaħħaħ jew ikawwi; cbir; assidwu, attent ferm.

Intensiveness—ara *intensity*

Intent — fehma; ħsieb, għajn; mxiegħel, deħwien, attent; *the village of Plymouth, woke from the sleep, and arose, intent on its manifold labours* (**Longfellow**, *Miles Standish*), il villaġġ ta Plymouth stembaħ min-ngħas tiegħu, kam, dgħewien (attent) għal bosta xogħliet li chellu (li in-nies chellhom biex jagħmlu); *to the intent that* (floc *in order that*), sabiex; *to all intents,* jew *to all intents and purposes,* realment, praticalment, veramment.

Intention — fehma, ħsieb, għajn, intenzioni; *he announced his intention to help them,* il fehma tiegħu chienet (kal) li irid igħinhom; *that was his only intention,* għal dac biss chienet għajnu (jew il fehma tiegħu); *what is your intention?,* xi ħsieb għandec? (x'inhi il fehma tiegħec?); *to heal by the first intention,* (fil chirurgia) għeluk jew fejkien (nxief) ta ferita minn għajr ma tcun għamlet il materia; *to heal by the second intention,* tagħlak (għeluk) jew fejkien ta ferita wara li tcun rabbiet il marċa jew il materia.

Intentional—bil fehma, bil ħsieb, għal apposta.

Intentionally—għal tal apposta; *he has done it all intentionally,* cull ma għamel għal tal apposta għamlu.

Intentioned—bil fehma (ħsieb); *well-intentioned,* bil fehma tajba; li għandu il ħsieb li jagħmel ħwejjeġ tajba (il gid).

Digitized by Google

INTENTIVE —attent, moħħu fil ħaġa li icollu jagħmel.

INTENTIVELY — bl-attenzioni; bil għakal.

INTENTLY—bil ħrara, b'attenzioni cbira.

INTENTNESS—ħrara, attenzoni cbira; *every one admires his intentness upon business*, culħadd jitgħaxxak bil ħrara (attenzioni) cbira tiegħu għal affarijiet.

INTER — tidfen; *he was interred outside the churchyard*, difnuh barra mic-cimiteru.

INTER—bejn, fost; *interarticular*, ta bejn il-għekiesi; *interauricular*, ta bejn il ħofor jew it taksimiet tal kalb; *interaxis*, (fl-architettura) il wisa ta bejn it-travi jew fusien; *interbrachial*, bejn id-dirgħajn.

INTERACT—il ħin ta bejn l-atti ta opra f'Teatru.

INTERBREED—trabbi, tnissel minn żewġ razez.

INTERCALAR—mdaħħal; mkigħed, mdeffes, li kiegħed bejn oħrajn.

INTERCALATE—tkiegħed, iddaħħal, iddeffes bejn oħrajn; iddaħħal ideftes, iżżid ġurnata, xahar etc. f'calendariu jew almanacc.

PUFFING—nefħa; nfiħ; tifħir żejjed.
PUFFY—mimli bir-riħ; minfuħ.
PUG—xadina; chelb żgħir (geru).
PUGGING—ix-xogħol tat-tafal f'madum; it-tajn li ikegħdu taħt ic-ċangar biex il ħsejjes ma jirbumbaux bejn sular u jeħor.
PUGH!—puh!
PUGIL—kabda, (nascata) cbira.
PUGILISM—ġlied (slit) bil ponnijet.
PUGILIST—min jiggieled bil (selliet tal) ponnijiet.
PUGMILL—macna tal ghagin tal gibs u tafal (tajn) ghal madum.
PUGNACIOUS—ġellied.
PUG NOSED—li għandu mnieħru kasir u oħxon.
PUISNE—baxx (ankas minn); ċchejchen, żgħir; magistrat tal krati t-isfel.
PUISSANCE—setgha; kawwa.
PUISSANT—li jista; li jiflaħ.
PUKE—vomtu (kligħ mil li stoncu); ħaġa li iggib il vomtu; tivvomta; takla mil li stoncu, tirrigetta; lewn cannella scur.
PULCHRITUDE—sbuħija, ġmiel.
PULE—iccejjak, tingħi, tibchi.
PULEX—il bergħud.
PULICOSE } mżigħed bil brieghed.
PULICOUSE }
PULING — neghi, bichi; ticjik tal flieles.
PULL—tigbed; gibda; xarba; ġlied, ġlieda, tkabida; *to pull down*, takleb; tħott, tniżżel bini etc; *to pull up*, tekred, tistradica; *to pull off*, tneħħi (tinża); *to pull off your coat*, neħħi il ġlecc; *to pull one's self together*, tirpilja; tagħmel ħiltec; *to pull up stakes* iġġorr jew tmur tokgħod band'oħra bid-dar; *to pull faces*, tagħmel il ghed-dum.
PULLET—għattuka.
PULLEY—taljola; paranc; buzzell.
PULLEYED—mgħammar (armat) bit-taljoli.
PULLICATE — mactur tal harir tal culur.
PULLMAN CAR—carrozza (vagun) ferrovija bis-sodod etc. għar-rkad fil viaġġ, hecc msejjah minn *Pullman* li ivvintah.
PULLULATE—tnibbet; tinbet.
PULMONARY—tal pulmuni; isem ta ħaxixa, il pulmunaria.
PULMONIC—min hu marid bil pulmun.
PULMONICAL—tal pulmun.
PULP—polpa (tal laham etc); laħma tal frott; tneħħi il polpa jew il-laħma; tagħmel bħal għagina jew ħaġa ratba.
PULPIT—pulptu; *pulpit orator*, predicatur.
PULPITEER — biċċa ta predicatur; predicatur tat-tużżana.
PULPITICAL—tajjeb għal pulptu.
PULPOUS } bil polpa; mlaħħam.
PULPY }
PULSATE—tħabbat (polz).
PULSATION—taħbit tal polz.
PULSATOR — minn iħabbat jew jati b'xi ħaġa (min isawwat).
PULSE—polz; agumi bħal ful piżelli etc; ġwiez għal bhejjem; tħabbat bhal polz (iħabbat il polz); *to feel one's pulse*, tieħu minn ras xi hadd (tara bniedem x'għandu f'rasu).
PULSE GLASS—strument tal ħgieġ li tgħalli l-ilma lest li icun fih bis-shana tal id (meta iżżommu f'idec).
PULSIFIC—li jeccita il polz.
PULSION—tfiħ (imbuttar jew xħit il barra jew il kuddiem).
PULTACEOUS — magħġun tajjeb, li donnu għagina.
PULU—xorta ta ħaxix fin bħal ħarir għal mili tal mtieraħ.
PULVERABLE—li tista tagħmlu (tisħku) fi trab; li jinsaħak fi trab.
PULVERINE — rmied tal ħaxixa (il barilla).
PULVERIZE — tagħmel (tfarrac fi) trab.
PULVEROUS—tat-trab jew ghabra.
PULVERULENCE—trab, għabra.
PULVIL — trab (bhat-terra) ifuħ; troxx bil *pulvil*.
PULVILLO—balzamina; pacchet bit-trab ifuħ.
PULVINAR—mħadda bħal cuxxinett fil moħħ.
PULVINATE—bħal mħadda.

Digitized by Google

Pulvinated—(fil bini) li gej mkabbeż bħal mbadda.

Puma—puma; annimal salvaġġ bhal kattus, aħrax wisk.

Pumicate—tillixxa, bil haġra ħaffiefa.

Pumice—il ħaġra ħaffiefa.

Pummace—dac li jibka mit-tuffieħ magħsur.

Pummel — pum, il boċċa li biha jispiċċa mancu ta sejf.

Pump — pompa tal ilma; scarpìn (żarbun għaż-żfin, bil pett rkiek u ittaccun baxx); tippompia (ittalla l-ilma minn bir etc b'pompa); tieħu minn ras xi ħadd.

Pumpet ball—cilindru ta stampatur.

Pump gear—armar ta pompa tal ilma.

Pumpion — kara (siġra tal kara) aħmar.

Pun—ħlieka, ċajta (bil cliem); titħalak tiċċajta (bil cliem).

Punch—għodda biex ittakkab biha; rbus; dakka ta ponn; dakka ta mincheb; ponċ; il purcinell f'cummiedia bil pupi; żiemel mibrun; ragel boċni, matnazz; ittakkab bil *punch*, tati dakka ta ponn jew ta mincheb; *punch pliers*, farrett (għodda ta li scrapan).

Punchbon—strument (bħal tnalja) għat-titkib; arblu (zocc jew pal) kasir; bittija cbira; chejl tal-liquidi.

Punchin - lasta ta taħt xatba ta carrettun biex isserraħ il bhima mittaghbija meta tcun wiekfa.

Punchinello—pulcinell.

Punchy - kasir, boċni, mbaċċaċ.

Punctate—collu ticchi jew tbajja.

Punctilio—tchewtil.

Punctilious—mchewtel; esatt; fitt f'għamilhu jew fli mgiba; puntiljus.

Punction—nigża; tniggħiża.

Puncto—il pont fli sghirma.

Punctual—puntwal; esatt; li jagħmel collox fil hin u bir-rekka.

Punctuality — puntualità; rekka jew għamil ta collox fil hin u sewwa (bir-rekka); *punctuality is my motto*, il puntualità hua il motto tiegħi (li ncun esatt, sewwa u fil ħin hu biss xogħli u ħsiebi).

Punctuate—tagħmel il punti (virgoli etc) fil chitba; tokgħod attent għal (tagħmel il) punteġġatura fil chitba.

Punctuation—punteggiatura, tkeghid tal ponti, virgoli etc f'lochom sewwa fil chitba.

Punctuator } min jaf (jagħmel) il
Punctuist } punteġġiatura.

Punctulate—timmarca b'ticchi.

Puncture—nigża; tingħiża; tniggheż.

Pundit - Brahmin, għaref ta Lvant.

Pungent — li inigghez (nigghiez) jaħrak (li imiss fil ħruk) li joffendi ix-xamm (fih riħa kawwija); li jokros li inigghez (cliem).

Punic—traidutur, m'hux fidil.

Puniceous—scarlat (aħmar).

Punicial—ta lewn ħamrani scarlat.

Puniness—ċcunija; ċocon.

Punish—ticcastiga; tgħaddeb.

Punishable—li ħakku castig; tal castig.

Punishment } castig.
Punition }

Punk - lixca (li issir minn xorta ta fakkjħ) mara m'hix tal galbu, prostituta.

Punnet—bixchilla għal frott jew ghal fjuri.

Punning—ċajt, ħlieka (bil cliem).

Punster - wieħed mogħti għaċ-ċajt jew hlieka (bil cliem) bniedem żuffiettus.

Punt—mawna; ċattra.

Punto—pont fli sghirma.

Puny — żgħir; ċchejchen; bniedem (wiehed) li għadu żgħir bla esperienza.

Pup—geru; tferraħ (icollha il ġriewi) chelba.

Pupa } fosdka ta xi dud kabel ma
Pupe } isir farfett.

Pupil—tifel ta li scola; scular; il mimmi tal ghajn; tifel li għandu ankas minn 14 il sena; tifla ta ankas minn 12 il sena.

Pupilary—tal *pupil.*

Pupiparous—li jagħmel (inissel) il *pupa.*

Puppet—pupu, pupa; il wakkafiet tat-torn; wieħed li kiegħed biex iservi bhala strument f'idejn xi hadd; bniedem li jokgħod chif ikegħduh biex

Digitized by Google

jisservew bih, pupu; *that the poor puppet might perform his part* (Scott, *Don Roderick*), sabiex li msejchen pupu jaghmel il parti tieghu.

Puppy—geru; tetu; tferraħ (chelba) il ġriewi.

Puppyism—cobria (ta wieħed bih innifsu) frugħa; prusunzioni.

Pur } Purr } għażil (tgherghir bħal raddiena) tal kattus (meta icun paxxut), tgħażel jew tgorr bħal kattus.

Purana—il cotba ta li Scrittura tal India.

Purbeck stone—xorta ta gebla jebsa hecc msejħa għax tinsab f'Purbeck (f'Dorsetshire, l-Inghilterra).

Purblind—corta vista; iġhar.

Purchase—tixtri, thassel; ticseb; tpatti; xiri; tħassil; chisba; ticsib; serk; *nor tears nor prayers shall purchase out abuse* (Shakespear, *Romeo & Juliet*), u la il bichi u l-ankas ittalb ma ipattu (isewwu) l-abusi; *thou shalt have a share in our purchase* (Shakespear, *Henry IV*), icolloc sehem fis-serk (milli nisirku); *purchase money*, flus tax-xiri jew tan-nefka.

Purchaser—xerrej.

Pure—ċar, safi; bla tebgħa; pur; kaddis; tnaddaf.

Purely—bl-indafa; bl-ebda tebgħa; purament; biss; m'hux ħlief; *it was purely an accident*, chienet biss cumbinazioni; (ma chienitx ħlief cumbinazioni).

Purely — tal għageb, wisk, ferm; *he has picked up again purely* (Gray, *Correspondence of Gray and Mason*, p. 288), ħa ir-ruħ ferm (ħaġa tal għageb chemm ħa ir-ruħ jew irpilja).

Purfile — xorta ta gwarnizzion (tberfil) bir-raccmu għad-dbielet tannisa; tberfel; tiggvorni bir-raccmu dbielet tan-nisa.

Purgament } Purgation } tnaddif; purgar; tisfija; *to put one to his purgation*; iġġagħal li wieħed jiddiscolpa ruħu.

Purgative—li inaddaf; li jipporga; li isaffi; li iġagħlec tipporga.

Purgatorial } Purgatorian } tal purgatoriu.

Purgatorian—min jemmen bil purgatoriu.

Purgatory—Purgatoriu; masfa; loc it-tisfija; tisfija; tnaddif; li inaddaf; li jisfi.

Purge—porga, dua; tipporga; issaffi; tnaddaf; taħsel u tneħħi; *(purge away my sins)*, isfili jew naddafli dnubieti.

Purger—purgant; li inaddaf.

Purging — purgar; diarrea; fetħa; ħmieġ tal porga.

Purification—tisfija; tindifa; purificazioni; *the feast of the Purification*, il candlora (il festa tal Purificazioni tal Madonna).

Purificator—purificatur; min inaddaf jew jisfi.

Puriform—li donnu marċa jew materia.

Purify—tippurifica; issaffi; tnaddaf tindaf; tissaffa; titnaddaf.

Purifier—min jisfi; min inaddaf.

Purifying—li inaddaf jew jisfi.

Purim—il purim (festa ta Lhud li issir fil 14 u 15 ta Marzu, b'tifchira tal ħelsien tagħhom minn Aman).

Purism — purismu, ndafa fitta; issafi safi.

Purist—purist, min jicteb jew jitchellem lsien safi safi.

Puritan—Puritan, wieħed li iħakkak għar-religion tieghu (wieħed mil Puritani, protestanti, tal Inghilterra); tal Puritani.

Purity—purità, ndafa; mibgħeda lejn id-dnub taż-żina; innocenza.

Purl — puntina (bizzilla rkieka); ħoss l-ilma nieżel; ċarcir tal ilma; birra (xorb, licuri) bl-erba bianca fiha għattogħma morra; tagħmel dac il ħoss tal ilma; iddawwar; tiggvorni (tberfel) bil puntina; tgħaddas (titfa) l-erba bianca bix-xorb (mal birra etc); tinbeżak (taka) minn fuk iż-żiemel.

Purler—wakgħa minn fuk żiemel.

Purlieu—art ta ma dwar foresta; il madwar; in-naħħiet ta ma dwar; ixxfar; li nhawi.

Purlin—travu (pastas) li iżomm jew kegħdin ipoġġu fuku il wakkafiet ta sakaf.

Purloin—tisrak.

Digitized by Google

Purloiner—halliel.

Purloining—serk.

Purparty—il kasma ta proprietarij ta raba li chellhom biċċa art cbira bejniethom.

Purple — ahmar (lewn li jati fil viola); tiżboh ahmar; lbies regali (tar-rejjet jew tas-slaten) *to be born in the purple*, tcun princep.

Purples—tbajja homor li jatu fil viola li jcollhom dawc li icunu morda bid-deni jew bli scarlatina; li scarlatina.

Purple wood—xorta ta njam (tas-siġar *copaiba publifora*) li jigi mil guiana.

Purplish—li jati fl-ahmar (scarlat).

Purport — hsieb; fehma; disinn; tifsir; sens; tfisser; iġagħlec tahseb; *there is an article purporting that if any such rebel will be required etc* (**Bacon**, *Henry VII*), hemm articlu li ighejd (ifisser, jati il wiehed x'jahseb) li jecc katt xi wiehed minn dawc li rvellaw icollhom bżonnu (icunu iriduh etc).

Purportless—li ma ifisser xejn; li ma ighejd xejn; li ma għandu ebda significat.

Purpose — hsieb, fehma; disinn; icolloc il fehma, il hsieb jew id-disinn; tagħmel il fehma, il hsieb jew id-disinn; *on purpose*, għal apposta (ta apposta); *to the purpose*, f'locu (cliem) li għandu x'jaksam ma dac li wiehed icun ighejd.

Purposeless—bla scop.

Purposely—ghal apposta.

Purprise—kasam; għalka.

Purpura — tbajja tbajja homor li jidru fil gilda (fil gisem).

Purpure—lewn id-demm (ahmar).

Purpurine—l-ahmar ta l-alizzari.

Purr—ara *pur*.

Purrock — għalka (biċċa raba) żgħira.

Purse—borża; somma ta flus; id-dahħal; tkieghed ġo borża; tchemmex bhal borża; *they presented him with a purse of money*, għamlulu (tawh) somma ta flus (li ġabrulu) rigal; *a light purse* jew *an empty purse*, fakar, bżonn; *a long purse*, jew *a heavy purse*, gid; ghana; fejn hemm mnejn; *sword and purse*, l-armata (l-esercitu) u 'l gid ta nazion; *to make a purse* (**Thackeray**, *Vanity Fair*), tiġbor somma ta flus.

Purselbech — wiehed li jagħmel għal flus

Purse pinched—fkir.

Purser—provvditur ta bastiment.

Purslain—il burdlieka (haxixa).

Pursuable—li jista icun *pursued*.

Pursuance—mawrien wara; suctar; tcomplija.

Pursuant—magħmul scond; li jakbel; *my master pursuant to the advice of his friend, carried me etc*, (**Swift**, *Gulliver's Travels*), li mgħallem tiegħi, scond chif kallu il habib tiegħu, hadni etc.

Pursue—tissocta; tmur wara; tcompli, tmur il kuddiem; tcun prosecutur (f'cawsa il korti).

Pursuer — min jissocta jew imur wara.

Pursuit — persecuzioni; mawrien (giri) wara xi hadd; impieg; xogħol; *pursuit better suited to his temper*, (**Macaulay**, *Hist of his England*), xoghlijiet (occupazionijiet) actar adattati (tajbin ghalih); *he was engaged in the pursuit of the enemy*, chien kiegħed jiġri wara il għadu biex jakbdu.

Pursuivant—seguaci; wiehed li icun ma jehor biex jaccompanjah; messaggier.

Pursy—asmaticu; b'nifsu kasir.

Purtenance—l-interiuri ta annimal; il gewwieni.

Purulent—tal marċa, bhal marċa jew materia.

Purulence—marċa, materia

Purvey—tahseb (tipprovdi) affarijiet tal ichel etc.

Purveyance—hażna tal provision.

Purveyor—min jahzen jew jahseb għal hażna jew provisionijiet tal armata; mezzan; min jipprocura rgiel għal għand in-nisa li m'humiex tal galbu.

Purview—proviso; condizioni; patt, il corp ta statut (ligi etc) barra mil preambulu.

Pus—marċa; materia; tidwija.

Digitized by Google

PUSSYISM—il pusejsmu, setta (religion) tal Pusejisti.

PUSH — timbotta; titfa; timbotta; tefgħa; *to push a business*, iggib il kuddiem negoziu; *we are pushed for an answer*, magħfusin (mġagħlin bil forz) biex natu risposta.

PUSILLANIMOUS - beżżigħi, bla ħila; gifa; li jakta kalbu minn xejn!

PUSILLANIMOUSNESS, PUSILLANIMITY } biża; nukkas ta ħila; ġweferija.

PUSS—kattus; pejxu.

PUSSY—mejxu (kattus żgħir).

PUSTULAR, PUSTULATE, PUSTULOUS } collu (mimli) cocci jew nfafet żgħar; bil cocci, bli nfafet; ta nuffata, coċċ jew ponta.

PUT—tkiegħed; tagħmel; *I'll put another question to him*, nagħmillu mistoksija oħra; *to put about*, tincomoda; tati il wieħed x'jagħmel; tibdel ir-rotta ta (il mixi fejn icun sejjer) bastiment; *to put an end to*, tispiċċa; *to put away*, tarfa; tagħmel divorziu (tingħazel mara mir-ragel); tibla; tfendi; tiecol; teħles minn; *to put back*, tarġa tkiegħed ħaġa f'loca (mnejn tcun ħadtha); tmixxi lancettini ta arloġġ, titfa lura (tittarda); *dinner was put back an hour*, il pranzu ittarda siegħa (chilna sigħa tard mil ħin); *to put by*, tarfa (iżżomm merfuħ) tilka (dakka etc); *he put it by with the back of his hand, thus*, (Shakespear, *Julius Caesar*), lakgħu b'idu (minn fuk) hecc; *to put down*, tniżżel (ticteb, timmarca); ticcwieta; iżżomm, ma tħallix li titcompla ħaġa; *he went there to put down gambling*, mar biex żamm (ma iħallix isir iżied logħob); *put me down as a subscriber*, niżżilni b'soċiu; *he succeeded to put down the rebellion*, rnexxielu jiccwieta rvell; *to put forth*, toħroġ, tmidd; *before one leaf puts forth*, kabel ma tibda hierġa werka; *to put in*, iddaħħal; iddeffes; *to put in for*, tippresenta ruħec bħala candidat (wieħed mil candidati) għal xi post; *to put in force*, tinforza; *to put in mind* jew *in remembrance*, tfaccar; *to put in practice*, tipprattica; tmixxi, tuża; *to put in the pin*, ma tibkax fil ħajja ħażina li tcun; tħalli il ħajja ħażina; *to put off*, titfa (dgħajsa) il barra mill moll; twarrab; tiscarta; tneħħi, tbiħ; tiddeferixxi; tħalli għal darb'oħra; *put off your hat*, neħħi il cappell; *he tried to put off all his commodities*, ried ibiħ cull ma chellu (il mercanzia collha); *to put off one's boots*, tneħħi 'li sdvali (iż-żarbun); *you must not think to put me off so*, taħsibx jewilla li sejjer tgħaddini b'dan; *to put on*, tilbes; ixxidd; *put on your hat*, ilbes il cappell (għamel f'rasec); *to put on a smiling countenance*, turi wiċċ cuntent jew daħcani; *to put out*, tchecci, titfa il barra; *to put one out of his place*, tixħet (tchecci) wieħed il barra mil post li icollu; *put out that word*, neħħi (ħassar) dic il chelma; *to put out the fire*, titfi in-nar; *put out the candle*, itfi dic ix-xemgħa; *to put out one's eyes*, takla għajnejn bniedem; *you put me out*, inti tfixchilni; *to put out a proclamation*, toħroġ pruclama; tagħmel bandu; *to put out a book*, toħroġ, tippublica, ctieb; *to put out money*, timpiega flus (bli mgħax); *to put out to sea*, titlak, issiefer; *to put out the flag*, ittalla (tisa) il bandiera; *to put one out of his bias*, tisrom, tfixchel il pian ta wieħed; titlef il boxxla lill; *to put out of order*, tħawwad; tkalleb; *this meat has put my stomach out of order*, dan il-laħam ħawwadli li stoncu (kalbni); *to put one out of heart*, tiscoraggixxi; takta kalb lill; *he has put me out of all hope*, neħħieli cull tama li chelli; *to put out of joint*, tisloga; takla (għadma) mil-loc; tfecchec; *to put to*, iġġagħal (tobbliga); *since you put me to it*, la darba tobligani (iġġagħalni nagħmel dana bil fors); *I won't put you to that expence*, ma irridx inġagħlec tonfok daks hecc (tagħmel dic li spisa collha); *I won't put you to that trouble*, ma irridx natic dac l-incomodu collu; *to be put to one's last shifts*, tasal fi stat li ma tafx fejn tati rasec actar; *to put all to the sword*, tkatta lil culħadd; *to put one to his oath*, tati il ġurament; *I put all to him*, nħalli collox f'idejh (nerħilu jagħmel hu); *to put one to silence*, issicchet (lsien) bniedem; tagħlaklu ħalku; *to put to the*

Digitized by Google

*test*, tesamina, tipprova; *to put one to charges*, tneffak (li spejjes) lill; *to put a stop to*, tispiċċa; izzomm li ma tcomplix issir ħaġa (li ma tgħaddix il kuddiem; *to put up*, iddendel; taħbi; tarfa ħaġa f'locha; *to put upon*, tgħabbi; tkarrak; tidħak bi; *to put on a trial*, tgħaddi (bniedem) ġuri; *to put one upon a thing*, iġġagħal lil min jagħmel ħaġa; *he put me to it*, hu ġagħalni nagħmel dan; *to put the blame an another*, twaħħal fi (tati il ħtija lill) ħadd jeħor; *to put to death*, toktol; ticcundanna għal mewt; *to put to sea*, titlak; issiefer; *to put to rights*, tirranġa; *to put to a trial*, tgħaddi (bniedem) ġurin; *to put up to*, tgħarraf; turi; tgħallem; tersak lejn; *to put up with*, issofri, tissaporti (tħalli ħaġa tgħaddi, ma tatix cas; taghmilha tal għama; tittollera; tgħaddi bi (tgħaddi b'ħaġa chif tcun, bla ma tghemghem); *to put up with bad fare*, tgħaddi b'ichel ħazin; *put off*, scusa; *put on*, biċċa ħżunija; turija ta ħaġa b'oħra.

PUT - tefgħa, imbuttatura; mistoksija; (fil logħob tal golf) tefgħa tal ballun biex tgħaddih mit-tokba; buffun; ħaġa belgħa; ċaccar.

PUTAGE—ħajja (xogħol) ta mara li m'hix tal galbu; prostituzioni.

PUTAMEN—il koxra minn gewwa ta miżwet ful etc; il għadma ta frotta.

PUTANISM—xogħol in-nisa li m'humiex tal galbu.

PUTATIVE—putativ; miżmum bi; miżmum bħala missier xi ħadd.

PUTCHOOK } PUTCHUK } għeruk ta ħaxixa li tieber fic-Cina, li jaħarku ic-cinisi bħala incens fit-tempiu taghhom.

PUTID—baxx; vili; li m'hux ta min jati contu.

PUTIDNESS } PUTIDITY } viltà.

PUTLOG—pont (fallacca fuk zewġ lasti f'ħajt) tal bennejja jew bajjada.

PUT OFF—scusa.

PUTREDINOUS — jinten, mherri; mdenni.

PUTREFACTION — ntiena, tidnija; tħassir; therrija; *the body was found in a state of putrefaction*, il gisem (gismu il cadavru) sabuh già kiegħed jitħassar (niten jew beda irejjaħ).

PUTREFACTIVE — li iherri; iħassar jew initten.

PUTREFY—tnitten; tħassar; therri; iddenni.

PUTRESCENT—li beda jitherra; li beda jinten jew irejjaħ.

PUTRID —mdenni; mherri; jinten; li beda irejjaħ.

PUTRIDITY —ara *putrefaction*.

PUTTER —min ikiegħed jew jagħmel; *putter on*, min iġagħal; *putting stone*, gebla biex wieħed jipprova saħtu; tfiħ ta gebla cbira biex tara min iwaddabha l-actar fil bogħod (prova ta min għandu l-actar saħħa għat-twaddib).

PUTTOOK —seker; bies

PUTTY — stocc, tistocchia; tati li stocc; *putty knife*, sicchina għat-tkegħid u il-lixxar ta li stocc wara li tkiegħed xi ħgieġa f'locha etc.

PUZZLE—taħbil (il moħħ); twegħir; tħabbel il moħħ; twiegħer.

PUZZLER—min iħabbel il moħħ jew iwigher.

PUZZLING—li iħabbel jew iħawwad il moħħ; li igherfex jew jisrom.

PUZZOLAN – purcillana.

PYGMY } PYGMEAN } nanu, ragel kasir; kerkni botni.

PYLORUS—it-tokba (fetħa) ta isfel ta li stoncu.

PYRAMID —piramida

PYRAMID } PYRAMIDIC } PYRAMIDICAL } tal piramida

PYRE - ħuggieġa (fejn jaħarku l-igsma tal mejtin).

PYRENEAN —tal (muntanji) Pirinei.

PYRETIC — medicina (dua) għaddeni.

PYRETOLOGY — discors fuk id-(il mard tad-) deni.

PYREXICAL—tad-deni, fuk id-deni.

PYRIFORM —li għandu għamla ta (li gej bħal) langasa.

PYRITES —gebla tan-nar.

PYRO —nar, sħana.

PYROGENOUS —li jakbad; li jeħu innar.

PYROLATRY — adurazioni tan-nar (kima li xi nies jatu lin-nar bħala Alla),

Digitized by Google

Pyrology—trattat (chitba) fuk in-nar jew fuk is shana.

Pyromancy — thabbir (induvnar jew inzertar fuk dac li ghad irid jiġri) billi wiehed jara u jistudia in-nar.

Pyrometer —strument ghal chejl tal kawwa tas-shana jew ta chemm jicbru jew jitwalu etc xi oggetti (metalli etc) bis-shana.

Pyronomy — pironomia, il-ligijiet tas-setgha li ghandu (x'jaghmel) in-nar fil processi chimici.

Pyrophanous—li isir trasparenti bis-shana.

Pyrophorus — sustanza ( haġa ) li meta tesponiha ghal l-aria takbad.

Pyroscope—strument biex tara xi shana (il kawwa tas-shana) li tcun hierġa min-nar.

Pyrosis—hmura (hruk) fil wiċċ.

Pyrotecnian } Pyrotechnician } min jaghmel il ġogdifoghijet u l-affarijiet tan-nar (bombi, gassijiet etc.)

Pyrotechnic — tal ġogdifogu jew loghob tan-nar.

Pyrotechnics—senghet (ix-xoghol) ta min jaghmel il ġogdifoghi.

Pyrotechny—is-sengha tal maniġġar (tal hwejjeġ) tan-nar.

Pyrotic—medicina li tahrak.

Pyrric - pirricu; pied (chejl) tal vers tal poesija Inglisa, ta żewġ sillabi żghar.

Pyrionism — xetticismu (tendenza, gibda, hajra jew disposizioni ghad-dubiu).

Pyrus - il lanġas.

Pythagorean — tal filosofu Pitagora.

Python—razza ta serp cbir.

Pythoness—sahhara (sacerdotessa ta Apollo).

Pythonism — induvnar bis-sharijiet (xoghol is-sahharin).

Pythonist—sahhâr.

Pyulcon—strument tat-tobba biex igibu il marċa minn hofra (tokba ta piaga) fil gisem.

Pyx—pissidi.

## Q

Q—f-loc *Queen* (regina) jew f-loc *question* inchella *query* (mistoksija); Q. S. f'loc *quantum sufficit* (*as much as is sufficient*) daks chemm hemm bżonn; (fil Matematica) Q. E. D. f'loc *quòd erat demònstrandum* (*which was to be demonstrated*), li wiehed chellu (ried) jipprova jew juri.

Quab—xorta ta huta, bhal sallura.

Quack—ghajjât ta papra; lablâb, karriek; falz; saltambanc; lablabi; fahhari; karrieki; tghajjat bhal papra; tlablab; tiftahar; *a quack doctor*, wiehed li jaghmilha ta tabib u li jiftahar li ifejjak lill culhadd.

Quackery — ftahir; kerk; tlablib.

Quackle — tixrak ( meta tehel xi haġa fi grieżmec xhin tcun tixrob) li la tista tniżżilha l-isfel u l-ankas taklahha.

Quacksalver — wiehed li irid jiccura jew ifejjak mardijiet etc. bil hafna tlablib tieghu u impustura.

Quad — hażin.

Quadragena — indulgenza (tal Papa) ta erbghin ġurnata.

Quadragesima—ir-Randan; *Quadragesima Sunday*, l-ewwel Hadd tar-Randan.

Quadragesimal—tar-Randan.

Quadragesimals — offerti (sacrificci) li dari chienu jaghmlu fil Hadd ta nofs ir Randan.

Quadrangle—figura quadra (b'erba ġnieb).

Quadrans—ir-raba wahda; wahda minn taksima f'erba; it-tliet habbiet).

Quadrant — ir-raba part ta circu (arc ta 90 grad); luctân (strument tal captani tal bahar).

Quadrat — spaziu (ċomb) ta li stampaturi ghal bejn chelma u ohra.

Quadrate—b'erba ġnieb daks xulxin; quadrat; ticcuadra; tkalleb; tadatta ghal post.

Quadratic--tal quadru jew quadrat; (fl-algebra) *quadratic equation*, equazioni tat-tieni grad.

Quadratrix — linja (fil Geometria) li biha linji dritti isibu li huma daks id-dawra ta circlu.

Quadrature — ghamil fi quadru; quadrar; (fl-astronomia) il loc fejn icun kieghed il kamar meta jasal 90 grad mix-xemx.



Digitized by Google

Quadrel — ċangun, gebla etc. ta għamla quadra.

Quadrennial—cull erba snin.

Quadrible—li jista icun *squared.*

Quadridecimal—li għandu erba faċċati f'cull waħda miż-żewġ titruf.

Quadriennal - ta cull erba snin (li jigi jew isir darba cull erba snin).

Quadrifarious — mkassam (irranġat) f'erba fillieri.

Quadrifid—maksum f'erba

Quadriga—carrettun (tar-Rumani) b'żewġ roti u miġbud mn'erba żwiemel f'filliera waħda (ħdejn xulxin).

Quadrigeminal — li għandu l-erba ġnieb xorta waħda f'collox.

Quadrigenarious — li fih (ta) erbgħin.

Quadrilateral — quadrilateru, figura b'erba ġnieb.

Quadrille — quadrilja (żifna jew logħba bil carti ta dan l-isem).

Quadrillion—quadriljun (jew innumru 1, b'24 zero urajh).

Quadripartite—b'erba taksimiet.

Quadripennate—b'erba ġwienaħ.

Quadriphylous—b'erba werkat.

Quadrireme—xini b'erba bardnelli jew postijet għal fillieri ta mkadef

Quadrisection — taksima b'erba bċejjeċ daks wieħed; ir-raba waħda.

Quadrisyllable — chelma b'erba sillabi.

Quadrivalves—bwieb għal erba (ta erba bicciet).

Quadrivial—li għandu erba torok jiltakgħu banda waħda.

Quadroon—ben mara mwielda minn ragel iswed u mara bajda, u ragel abjad (bħalna).

Quadrumana — l-annimali ta erba idejn (xadini etc.)

Quadrumane—annimal b'erba idejn bħal xadina jew għedmejmuna.

Quadrune—xorta ta gebla jebsa.

Quadruped - annimal b'erba sakajn.

Quadruple—quadruplu, għal erba darbiet.

Quadruplicate — tirdoppia darbtejn.

Quære - fittex, staksi, ara, tchixxef.

Quaff—tlegleg; iddecdec; tbecbec.

Quaffer — leglieghi, min jixrob ferm; becbiechi.

Quaffing — tleglig (xorb) decdic, tbecbic.

Quag / Quagmire } għadira mtajna; ċaflis.

Quaggy—collu ċaflis; mtajjen; mċaħas.

Quagga — annimal bħaż-żebra jew iż-żiemel.

Quail—summiena; mara m'hix tal galbu; tilbet (tibża); tlibbet (tbażża, trażżan); tgħakkad jew tagħkad bħal ħalib meta isir bakta.

Quail call / Quail pipe } qualjarin (suffara għassummien); il gerżuma; *to clear my quail pipe and refresh my soul etc.* (Pope, *Wife of Bath 213*), biex innaddaf grieżmi u nistejken ftit etc

Quaint—antic; kadim; mgħoddi; curius; magħmul bir-rekka; ħajjen; ħażin; viljacc.

Quake - triegħed; titriegħed; rogħda; tregħida.

Quaker — cwaccru (mis-setta tal cwaccri jew tal ħbieb).

Quaking grass — (ħaxixa) il beżżuliet il kattusa.

Qualification - ħila; tismija (meta wieħed jissemma jew igħaddi minn esami mal oħrajn), taksima.

Qualified - qualificat (tajjeb, adattat, li għadda minn esami ma oħrajn) li għandu il ħila; msemmi.

Qualify — ticcualifica; tagħmel il ħila; issemmi; tkassam; tgħaddi minn esami ma oħrajn; turi li inti tajjeb għal post etc. jew biex tcompli li studiu jew esami.

Qualifying - tal qualifica; *a qualifying examination*, esami biex ticcualifica jew tcun magħżul (billi turi ħiltec fli scola etc.) għal xi post, impieg jew biex tcompli esami etc.

Qualitative - tal qualità.

Quality—qualità, katgħa; għamla; raġuni; posizioni għolia (bniedem ta grad għoli); is-sinjuri (il bontò); *I shall appear dressed up in my feathers that the quality may see how etc.* (Addison, *Guardian*), nidher (nigi) liebes bi lbies sabiħ tiegħi sabiex il bontò

Digitized by Google

(is-sinjuri collha) jaraw chemm etc.; *know you the quality of Lord Timon's fury?* (Shakespear, *Timon of Athens*), tafu xejn inthom il ghaliex Lord Timon sibel?

Quality binding — curdicella jew gallun ohxon għat-tberfil tat-tapiti etc.

Qualm—tkalliħ ta li stoncu; marda (mxija) tal mewt bħal pesta etc; ugigħ (ħażż ħażin cbir) ghal għarrieda; il għajjât ta ċaula (taċ-ċawl).

Qualmish—mkalla; bli stoncu mkalla; *I am qualmish at the smell of the leek*, nħossni mkalla meta nxomm il currat (ir-riħa tal currat iġġagħalni nitkalla).

Quandary—dubiu, difficultà, gażiba; tgherfex; tisrom; tħawwad ir-ras; titbażża; tibża ma tafx x'takbad tagħmel.

Quannet—waħda mil-limi li biha jaħdem dac li jagħmel li mxat.

Quant—lasta, pal tal barclori li gej bit-tarf wasa jew ċatt biex meta jimbotta bih mal kih ma jinżilx fil ħama.

Quantify—tgħid jew timmarca il quantità (tgħejd chemm hemm minn ħaġa); timmarca (tħożż) bis-sinjal tal quantità.

Quantitative — tal quantità; tal chemm.

Quantity — quantità (il chemm); ħafna; katih; bosta; salt; ruxxmata; (fil prosodia) chemm żmien tieħu meta tgħejd jew tippronunzia chelma; bicciet, bicciet (żgħar); *if I were sawed into quantities etc.* (Shakespear, *Henry IV*), li chiecu chienu jisserrawni bicciet bicciet żgħar etċ.

Quantum—chemm (tant); id-daks.

Quap—tħabbat (kalb) titrigħed.

Quaquaversal—li juri chemm icun mnIżżel jew mgħaddas strat ta lava ma dwar bocca jew cratere ta vulcan etc.

Quarantine — quarantina (erbgħin ġurnata li bastiment jew xi ħadd li icun gej minn post li fih icun hemm il mard jibka miżmum sa chemm jispiċċa il periculu li dac il mard icun jista jittieħed minn ħadd jeħor); tkiegħed jew tagħmel quarantina.

Quarrel—ġlieda; silta; vleġġa bit-tarf tagħha gej b'erba cantunieri; placca (canġatura) tal ħgieġ jew tas-siment (mattunella); diamant ta vitrar; tiggieled; tissielet.

Quarreller—gellied, (min jiggieled), selliet.

Quarrellous—tal ġlied, gelliedi.

Quarrelsome—gellied; selliet.

Quarrier—min jakta il gebel etc. fil barriera.

Quarry—barriera; ħgieġa ta tieka; ċangatura (mattunella); vleġġa bir-ras quadra jew bir-ras tispiċċa b'erba cantunieri; salt caċċa maktula; takta (il gebel etc.) minn barriera; biċċa mil gewwieni (interiuri) ta annimal, li icunu katlu fil caċċa, li jatu għal l-ichel lil clieb; caċċa (annimal etc.) li innies caċċaturi imorru għalih biex jakbduh).

Quarry man—ragel tal barrieri (li jaħdem fil barrieri).

Quarry stone bond—bini tas-sejjêħ.

Quart—ir-raba waħda; il quart; quart, (¼) ta gallun (chejl Inglis).

Quartan—li jigi (li jinħass) cull erbat ijiem; ta cull erbat ijiem (deni intermittenti).

Quartation — il firda (għażla) tal fidda mid-deheb bl-acidu nitricu.

Quartant—ir-raba waħda ta *hogshead* (chejl Inglis).

Quarter—quart; mil erba waħda; felli; *quarter* (chejl Inglis); quartier; (tal bini); quartier (tas-suldati); wieħed mil l-erba rjieħ ewlenin jew cardinali; pajjis; loc fejn, direzioni (naħa taddinja); quarta ta sigħa jew ħmistax il minuta); biċċa flus (munita) Americana li tiswa 25 *cents* jew ir-raba parti ta gorda (dollaru); biċċa minn arc (ħnejja) goticu; quart tal kamar; sezioni (taksima) ta taraġ garagor; il biċċa ta wara ta nagħla ta żiemel; waħda mittaksimiet ta arma (tal cunjomijiet etc) in-naħa ta wara jew tal poppa ta bastiment; pis (Inglis) ta 28 libra; tkassam f'erbgħa; tati is-suldati fejn jokogħdu; tiecol (tarda etc.); talloġġa; tmur tokgħod jew tgħammar; issuk (tmixxi) carrettun b'mod li ir-roti ma icunux (ma idurux) fil canal jew il

Digitized by Google

imoghdija mhaffra, bir-roti, ta triek; *from what quarter does the wind blow?* ir-riħ mnejn hu (jonfoħ)? ; *I have been to the Italian quarter in London*, jena cont fil loc fejn ipoġġu Taljani biss f'Londra; *the moon is in her first quarter*, il kamar ghamel (daħal) fl-ewwel quart; *to show quarter*, tħenn; taħfer.

Quarterage—ħlas ta cull tliet xhur; għati ta ħaġa cull tliet xhur.

Quarter back—dac li fil-loghob tal *foot ball* icollu postu kuddiem il *goal keeper*.

Quarter badge — gallarija (b'purtell) fil poppa ta bastiment.

Quarter bill—il carta bl-ismijiet tal ufficiali u in-nies collha ta bastiment u il-loc fejn għandhom jokogħdu f'xi battalja jew meta jiġri xi ħaġa abbord

Quarter boat — frejgatina mdendla fuk il gruwiet fil poppa ta bastiment etc.

Quarter breed – (żiemel etc.) li ghandu mir-raba waħda ta demmu (mnissel) pur.

Quarter day—l-ewwel ġurnata jew id-dħul tal *quarter* jew tat-tliet xhur; tliet xhur li fiha hi mkassma is-sena, li fl-Inghilterra huma daż-żmien; nhar il Lunziata, fil 25 ta Marzu; nhar San Ġwann, fl-24 ta Ġunju; nhar San Michiel, fid-29 ta Settembru; u il Milied, fil 25 ta Decembru.

Quarter-deck—il quarter deck; jew il cassru ta bastiment.

Quarter decker—ufficial li moħħu icun actar fl-etichetta u fiċ-ċajt tal ichel etc. ta abbord milli fix-xogħol tal bastiment.

Quarter evil — marda kalila tangħaġ ta dana l-isem (nuffata jew coċċ li jitla fin-nagħġ etc. u li imutu bih).

Quarter gallery—gallarija fil poppa ta bastiment.

Quarterly—ta cull tliet xhur (*magazine*, ctieb etc. li joħroġ cull tliet xhur).

Quartermaster—*quartermaster*, ufficial (li jilħak wara li ġa icun suldat) li icollu il ħsieb tal ħruġ tal ħwejjeġ, provision etc. f'rigiment.

Quarter round tool—scarpell (furmatur) għal guli nofs tond etc.

Quarter stuff—fallacca (tavla) tal quart ta pulzier (ħxuna).

Quarteron—il quart ta libbra.

Quarters—quartier għas-suldati.

Quartet—quartett (biċċa cant jew dakk bejn erbgħa).

Quarto – quarto, folia ta li stampa (għal ctieb) mitwija għal erba; li għandu erba paġni cull folja.

Quartridge—għati ta ichel, provision, ħwejjeġ jew flus ta cull tliet xhur.

Quartz—cristallo di rocca; quartz; mineral (ġebel) trasparenti.

Quartzy / Quartzose } tal quartz.

Quash — tchisser; tfarrac; tekred; tħassar; tneħħi; tannulla; theżżiża (b'għajta jew b'ħoss kawwi).

Quassia – is-siġra tal Quassia.

Quassine / Quassite } il morr (li mrar) tal quassiu.

Quat – nuffata, coċċ.

Quater cousins — min icun (jigi) fir-raba grad tal kraba jew tal parentela; quart cugin; quarti cugini.

Quartern – għal erba darbjet; quatern.

Quarternary — in-numru erbgħa; li fih (magħmul minn) erbgħa.

Quaternion – fila ta erbgha suldati; tkassam f'fili (tas-suldati).

Quaternity—in-numru erbgha.

Quatorze—logħba tal carti (Francisa, ta dan l-isem).

Quatrain—quartina (stanza ta erbgha versi poesia li jakblu lewwel mat-tielet u it-tieni mar-raba).

Quave—tħeżżeż; iċċaklak.

Quavemire—ara *quagmire*.

Quaver—croma (nota tal musica); gorgheġġ fil cant; tiggorreggia.

Quavered—mkassam fi *quavers*.

Quaverer — min jiggorgheggia; min jivversia; jew jittremula (bil vuci).

Quavering—tremulu (tal vuci).

Quay (akra *chi*)—moll; xatt.

Queachy—li jirtgħod; li m'hux sod,

Digitized by Google

QUEAN—mara m'hix tal galbu.

QUEASY—mkalla ; mdardar.

QUEEN—regina, sultana; id-donna (figura tal carti tal logħob); *the queen of diamonds*, id-donna denari; bicca (daks ta) lavanja ta tliet piedi tul u tnejn wisa; *queen bee*, ir-regina (naħla sultana); *queen consort*, żewġ ir-regina jew mart re; *queen dowager*, ir-regina armla (jew mart ir-re il mejjet); *queen's counsel*, avucat; *queen's head*, bolla tal ittri.

QUEEN—tagħmilha ta regina.

QUEENLY—ta regina.

QUEENPOST—waħda mil wakkafiet jew lasti wakfin li iżommu (iż-żurżiekat ta) sakaf.

QUEENSWARE—fajjenza lewn il crema.

QUEER—mberfel, stramb; curius; originali; ma tantx wieħed iħossu fiha; *I feel rather queer to-day*, ma nħossnix fiha (ma nafx x'għandi) illum; *things look very queer*, l-affarijiet jidru mgherfxin (ma tantx huma favorevoli jew sbieħ għalina); *to be in queer street*, tcun kiegħed tajjeb (batut) bid-djun, bil mard jew b'xi gwai ieħor.

QUEER CUFFIN—magistrat (chif isejħulu il ħallelin u'l briccuni li spiss jiġu kuddiemu).

QUEEST—it-tudun (għasfur).

QUELL—tghacches; trażżan; ittaffi; tmannas; tnakkas; tberred; *to quell an insurrection*, tberred (iggib fix-xejn jew ticcwieta) rvell (rivoluzioni jew xewwiexa).

QUENCH — ittaffi, takta il ghatċ; *I could not quench my thirst*, ma stajtx nakta il għatċ li chelli.

QUENCHABLE — li jista jittaffa jew jinkata.

QUERENT—l-attur (il querelant, min ifittex jew jaghmel causa).

QUERIST—min jistaksi jew jagħmel mistoksijiet biex jitchixxef.

QUERKENED—fgat.

QUERN—mitħna tal kamħ tal idejn (li iddur bl-idejn).

QUERNAL – tal ġandra jew balluta.

QUERULOUS—ghemgumi, gherguri.

QUERULOUSNESS—tgherghir; tghemghim.

QUERY — mistoksija; tistaksi jew tagħmel mistoksija.

QUEST—tfittxija; tiftixa; ġuri; access; tmur tfittex; tfittex; *they then gave up their quest*, mbagħad ma bakghux ifittxu iżied; *he went out armed in quest of him*, ħareġ armat ifittxu.

QUESTANT / QUESTER — min ifittex.

QUESTION — mistoksija; is-suggett; il custioni; tistaksi; *who is going to put the question?* minn sejjer jagħmel il mistoksija?; *his remarks are foreign to the question*, ir-rimarchi tiegħu ma għandhomx x'jaksmu mal custioni (ma dac li kegħdin nitchelmu jew nirraġunaw fuku); *in question*, li għandna f'idejna (fl-idejn) li fuku tchellimna jew kegħdin nitchelmu; *this is now the matter in question*, din il quistioni (facenda) li għadna f idejna issa; *out of question*, bla dubiu, sigur; certament; ma għandniex xi ngħejdu; *out of the question*, li ma għandniex xi irriduh xejn; *to call in question*, tiddubita; *I make no question of it*, jena ma niddubitax minn dana.

QUESTIONABLE—questionabbli; dubbius.

QUESTIONER / QUESTIONIST — min jistaksi jew jagħmel mistoksijiet.

QUESTMAN—min jiġbor; il catapan (wieħed incarigat li jara l-użin u'l chejl hux sewwa); min jiġbor jew idaħħal ir-renti ta cnisia (il procuratur); ġurat (wieħed minn tal ġuri).

QUESTOR—questur; magistrat Ruman li chellu l-incargu tat-Tesor (pubblicu), tal ħlas u dħul ta flus, taxxi jew ħaraġ etc.

QUESTMONGER—min ifittex il ġlied; pezzacustioni; taccaliti.

QUESTRIST—min ifittex, dac li joħroġ jew imur ifittex lil xi ħadd.

QUESTUARY—li jiġbor (tal ġbir jew tal kliħ); wieħed (min hu) incarigat għal ġbir jew biex idaħħal il kliħ.

QUIB—sarcasmu; chelma (lsien) li tniggheż.

QUIBBLE—ħruġ mill-argument (jew mil pont jew custioni li wieħed fukha

Digitized by Google

icun jitħaddet); taħdit mtenni fit-tifsir; ħlieka fil cliem; titħaddet b'tifsir mtenni; titħalak fil cliem.

Quibbler — min jitħalak fil cliem jew jitchellem bl-equivochi biex jaħrab il, jew ma jokgħodx għal, verità.

Quick—ħafif, ħaj; fuk ruħu; malajr; bil ħeffa; tkila (ħobla) jew mara li għandha it-tfal; bil ħaxix jew tal ħaxix (aħdar u li m'hux mejjet u niexef); lest; mferfex; fejn tħoss, fejn il bniedem iħoss l-actar jew fil laħam il ħaj; *he is so quick in doing things*, ħafif fix-xogħol tiegħu; *come quick*, ejja malajr; *Jaquenetta, that is quick of him* (Shakespear *Love's Labour lost*), Jaquenetta li hi tkila bih; *a quick hedge*, ħajt bil ħaxix aħdar (jicber fuku jew miegħu); *you must not be so quick* (Shakespear, *Love's Labour Lost*), ma tridx tcun hecc mferfex; *my words touched him to the quick*, cliemi karsu jew messu fil laħam il ħaj; *quick loader*, canun li jiccargauh malajr (ħafif għal cargar); *quick march*, passu doppiu; *quick sighted*, li jara malajr; li jilmaħ ferm; *quick witted*, intelligenti; li jifhem malajr; *quick work*, nfurrar (tkegħid) ta twavel bejn it-twieki jew spurtelli ta batiment minn gewwa.

Quicken—taħiji, tati il ħajja; tħaffef; tgħaggel; tistaħja; tkankal; *music & poesy use to quicken you* (Shakespear, *Taming of the Shrew*), il musica u 'l poesija dari chienu jaħjuc (jatuc il ħajja); *he quickened his pace*, ħaffef il pass (beda igħaggel fil mixi); *the pulse quickened*, il polz beda iħabbat actar malajr; *to quicken the appetite*, tkankal (iggib actar) l-aptit.

Quicking—ħajja, ruħ.

Quick grass—nigem.

Quick lime—(gebel tal) gir (m'hux mtoffi).

Quickly—malajr, bilgri.

Quickness—ħeffa, għaġġla.

Quick sand—ramel (art ramlija).

Quickset—tħawwel xtieli meħudin; *quickset hedge*, ħajt magħmul bis-sigar jew bix-xtieli mħawlin (meħudin).

Quicksilver — argentu vivu jew mercuriu.

Quid—magħda; ħuxlief nofsu migħud li jaka minn ħalk xi żiemel xiħ; lira (sterlina); ħaġa li tingħata f'loc oħra biex tpatti; *quid pro quo*, ħaġa li tati f'loc oħra biex tpatti; tpattija.

Quidam—xi ħadd; il flien.

Quiddany—cunserva jew ġlepp ta li sfargel.

Quiddative – tas-sustanza ta ħaġa.

Quiddit – ara *quibble*.

Quiddity—l-essenza, il vera twegiba għal mistoksija; tchewtil; ix-xagħra fil għagina.

Quiddle — ţidha biċ-ċajt jew bi ħwejjeġ taċ-ċajt.

Quiddler—min hu midhi jew għandu ħsiebu fiċ-ċajt jew fi ħwejjeġ ta bla sustanza.

Quiesce—tiscot, teħmed.

Quiescence—ħemda, schiet.

Quiescent—siechet, ħiemed, quiet, ġwejjed.

Quiet—quiet, ġwejjed; sicta, ħemda; *be quiet*, okgħod quiet jew ġwejjed; iscot, basta.

Quiet—ticcwieta; issicchet; tħeddi.

Quietness, Quietude—ħemda, schiet.

Quietsome – quiet, ħiemed, ġwejjed.

Quietus—xi ħaġa li wieħed jati biex jagħlak ħalk xi ħadd; ħlas; ħacca tal idejn (meta tħocc id xi ħadd jew terħilu xi ħaġa tal flus f'idu biex tagħlaklu kalku).

Quill—rixa (prima) ta gewnaħ ta wiżża etc; cannol (mserca) ta kasba; pinna tar-rix; xewca ta porcuspin; nifs (cannol, tokba) f'bittija; tchemmex; tiġma; iggigħed; *to be under the quill*, li icun kiegħed jinchiteb (jitlesta minn autur għal li stampa); *the subject now under the quill is "the Bishop of Lincoln"* (Hackett, *Life of Williams*), is-suggett li kiegħed jinchiteb issa hua "the Bishop of Lincoln"; *a quill driver*, autur tat-tużżana; autur tal isem; *quill bits*, gulji tar-rebecchin.

Quilling—nett; ġmiħ mgiegħed bħal cannoli etc. li jagħmlu fli scufji etc.

Quill nibs — pinni żgħar (tal azzar etc.)

Quilt — cverta jew cutra iccuttu-

nata; timla jew tagħmel cverta iccuttunata.

Quilting—xogħol tal cuttunar tal cutri; it-tajjâr tal cutri.

Quinary } li fih ħamsa; ta ħamsa.
Quinate }

Quince—li sfargel.

Quince—f'loc *quinsy*, angina, mard il grieżem.

Quincunx — tkegħid (tħawwil) ta siġar f'fillieri ta ħamsa ħamsa; tkegħid (tħawwil) ta siġar f'għamla quadra jew quadrat.

Quindecagon — figura bi ħmistax l-anġlu.

Quinia } chinina (xorb morr li
Quinine } jaghmlu mis-siġar, msejjaħ ucoll *Peruvian bark*) li jatu għal cura tad-deni.

Quinquagesima - il Hadd tal quinquagesima; is-seba Hadd ta kabel Għejd il Cbir.

Quinquefarious—li jinfetaħ f'erba bicciet.

Quinque fid—mkassam (maksum) f'ħamsa.

Quinquennial — li jiġri (isir) cull ħames snin.

Quinquennium—żmien ħames snin.

Quinquereme—xini b'ħames mkadef.

Quinquine—il chinina.

Quinsy—angina (mard jew nefħa tal grieżem).

Quint—sett jew taghmira ta ħamsa.

Quintain—quintana, isem ta logħba tal antichi; arblu; pal.

Quintal—kantar.

Quintan—deni ta cull ħamest ijiem.

Quintessence—quintessenza.

Quintetto—quintett; dakk jew cant bejn ħamsa min-nies.

Quintile—chif jidru il cwiecheb meta icunu bogħod minn xulxin il ħames parti (il quint) ta circulu.

Quintillion—quintiljun, in-numru wieħed (1) bi tletin żero warajh jew numru, bi tmintax il żero warajh.

Quintine—ir-rita ta gewwa ta żerrigħa.

Quintroon—ben (wild) ragel abjad (bħalna) u mara li tcun mnissla minn raġel iswed u mara bajda.

Quintuple—għal ħames darbiet.

Quib—nigża bi lsien jew bil cliem; tnigġheż bil cliem, tinsulta.

Quire—manetta carta (ta 24 folja); cor; ħafna cantanti jew in-nies ta cor; tcanta fil cor jew f'cor (tcanta nies flimchien).

Quirk - biċċa art (rokgħa art) misruka; sotterfuġ; cliem mtenni fittifsir; ħlieka fil cliem; biċċa cant (aria, musica) addoċċ.

Quirkish - ħajjen; ħażin.

Quit - tħalli; titlak; teħles; tabbanduna; tcun paci; jew tpatti; ħieles; meħlus; *quits*, paci (fil-logħob); *she is quits with them now*, paci maħhom (ma ghandiex tatihom) issa; *double or quits*, għal paci.

Quitch grass - ħaxix (nigem).

Quitclaim - cessioni ta causa.

Quite—għal collox, sewwa.

Quits—paci (rbaħtlec li rbaħtli).

Quittable — li jista jitħalla jew icun mitluk jew meħlus.

Quittance — saldu, persaldu; ricevuta, taghmel saldu.

Quitter - min iħalli, jitlak, jew jeħles; tisfija (sculâr jew dac li jiscula) minn ferita; ferita jew gerħa f'siek ta żiemel bejn id-difer u ix-xgħar.

Quiver— caxxa jew stoċċ (xcora) għal vleġeġ; titriegħed.

Quivering—tregħid; rogħda.

Quivive — (f'loc *who goes there?*) chif igħejdu il ghases jew is-suldati li icunu sentinella bil-lejl meta icun gej jew riesak xi ħadd; *to be on the quivive*, tcun all'erta (lest, attent); *he is on the quivive*, hu lest, all'erta.

Quixotic - assurd, stravaganti, romanticu, visionariu; ta ibleh, ta miġnun.

Quiz—daħca; ċajta; tiddieħec bi; tati iċ-ċajt; bniedem stramb; originali; tifli; tesamina; tħares fiss; *the person in question was quizzing him* (Dickens, *Sketches by Boz*, *Parliament*, *Sketch*), il persuna li semmejna chienet tifliħ (tistudiah b'għajnejha).

Quizziness—stramberija; eccentricità.

Digitized by Google

Quizzing glass — lunetta (lenti) żgħira.

Quoif } scufia; barjola jew
Quoiffure } ċnetta (tad-dar).

Quiffure — maxta; dafra (tax-xgħar).

Quoin—cavilja; biċċa bħal files tal injam li biha li stampaturi jagħfsu u jorbtu iċ-ċomb (tipi composti) li icollhom fuk it-torchiu; biċċa njam bħal files għal taħt canun biex iżżommu il fuk jew l-isfel chemm icolloc bżonn.

Quoit — ċappella; ċpajpella; gebla jew biċċa ħadid ċatta għal logħob tal *master* etc; titfa jew tilgħab biċ-ċpajpella.

Quoits—il-logħob tal quoits (biċ-ċpajpella).

Quondam—li chien dari (kabel) ta dari; ta darba; wieħed li chien f'ufficiu u checcewh; wieħed mchecci minn ufficiu; *leave your quondam companions to their own devises (the Queen, Sept. 26th, 1885)*, ħalli il saħbec (il cumpannija) tiegħec ta dari għal xogħolom.

Quorum—quorum; numru ta membri jew nies biżżejjed biex igħaddi vot jew il voti.

Quota—sehem, porzioni.

Quotation—għajdun, quotazioni; tismija (meta wieħed jsemmi jew jeħu il cliem li icun kal jew chiteb ħadd jeħor); il prezz current; chif icun sejjer is-suk.

Quotationist—min jagħmel annotazionijiet.

Quote—issemmi dac li kal jew chiteb ħadd jeħor; ticcuota; tgħid cliem (jew li chiteb) ħadd jeħor; ticcita.

Quoth—tgħejd; titchellem; *quoth I*, għedt jena.

Quotidian—ta cull jum; xorta ta deni li jidħer (jinħass) cull jum.

Quotient—cozient; in-numru li jati ir-risposta tad-divisioni.

Quotity—numru (għadd) mdakkas jew proporzionat.

Quotum—sehem.

Q.V.—(f'loc *quod vide*) *which see*, li ara (ara).

# R

R—f'loc *Rex*, Re jew Regina, bħal: V.R. Victoria Regina; R f'loc *Royal*, bħal: R. N. Royal Navy; R. A. f'loc Royal Artillery; R. f'loc Richard jew Robert (Riccardu jew Robertu): R.I.P. f'loc *Requiescat in Pace (may he* jew *she rest in peace*, jistriħ jew tistriħ hi (hia) fil paci; R bħal simblu chienet dari titkiegħed f'loc 80 u R̄ f'loc 80000; R f'loc *Recipe* (*take* jew ħu); the Three R's jigifieri *Reading* (kari) *Writing* (chitba) u *Arithmetic* (Arithmetica).

Rabate—tgħakkes (bies jew seker fil gioga).

Rabato—xorta ta għonk (tal frill) maklub lura, frill għal għonk; *I think your other rabato were better* (Shakespear, *Much Ado about nothing)*, jidhirli li l-għonk tal frill l jeħor tiegħec chien aħjar.

Rabbet—cument; takta (tagħmel) cument; *rabbet plane*, ċana tal cument.

Rabbi—rabbi, kassis Lhudi.

Rabbinic } tar-Rabbi.
Rabbinical }

Rabbit—fenec; *welsh rabbit*, ħobż u ġobon mixwi.

Rabbitry } il post fejn iżommu (icunu) il
Rabbit werren } fniec salvaġġi etc.

Rabbit hutch—caxxa (post) għal fniec.

Rabble — marmalja; tajfa; carfa; ħadida mgħawġa għat-taħwid tal ħadid mdewweb; tati is-salt (tagħmel għal) bniedem etc.; titchellem fieraħ jew bla sens.

Rabblement — folla (gemgħa) ta nies igħajtu; gemgħa ta marmalja.

Rabdology — l-invenzioni ta J. Napier li tgħejn għax-xogħol tal moltiplicazioni u 'd-divisioni per mezz ta virghi għal apposta, hecc msejħa.

Rabid—mħerwel; miġnun; furjus.

Rabies - rabia (li tati lill dawc li icunu migduma minn xi chelb etc. ir-rabiat).

Rabinett—xorta ta canun żgħir.

Racoon — annimal bħal kattus li hemm f xi bnadi tal America ta Fuk, stmat għal pil tiegħu.

Digitized by Google

RACE—razza; gebbieda; gidd; tiġrija; tellieka; mixi; giri; tiġri; ittellak; mogħdija; cors (tat-taħbit); *a race for wealth*, taħbit għal għana (gid, flus etc); *race of life*, il cumbatt tal ħajja.

RACE CARD — il carta stampata bl-ismijiet taż-żwiemel; il lewn tal faxxa ta għonkhom, is-sid, etc f'tiġrija

RACE CUP tazza tal fidda premiu (paliu) taż-żiemel li jeħu l-ewwel f tiġrija

RACE GINGER · ħatab (għeruk) tal ginger.

RACE HORSE—żiemel tat-tiġrija jew tal giri.

RACEMATION — għankud; coltivazioni tal għenieked tal għeneb etc.

RACEME—għankud

RACEMEFEROUS—li fih jew li jagħmel il għenieked.

RACEMOSE } li jiċber f'għenieked;
RACEMOUS } bil għenieked.

RACEMULE – għankud żgħir.

RACER—żiemel tal giri.

RACH—chelb tal caċċa (tal ferma).

RACHIDIAN—tas-sinsla tad-dahar.

RACHIS—il għerk tan-nofs ta werka; is sinsla tad-dahar.

RACHITIC—rachiticu, min hu marid bli rtuba tal għadam; min għandu għadmu artab m'hux kawwi jew jebes biżżejjed.

RACHITIS — marda (tat-tfal) meta icollhom għadamhom artab, m'hux magħkud jew sħiħ biżżejjed.

RACINESS—togħma ħarra jew kawwija.

RACK—xtilliera; cavallett jew rota għat-turturi; pass (chif jimxi jew il mixia) ta żiemel; maxtura jew caxxa għal magħlef tal bhejjem; tkaxxir (flus, renti etc.) li wieħed jeħu bil fors jew ikaxxar mil poplu jew minn xi ħadd; turtura; ugigħ cbir; agunija; rota bis-snien; tul ta tant cuxxinati tal bizzilla (240 makrud jew pizz bizzilla); għuda bit-tokob apposta fejn jokogħdu (ipoġġu) il balal tondi; *to live at rack and manger*, tgħix (tiecol) mill-aħjar u franc (bla ma tħallas xejn); *a plate rack*, xtilliera tal platti; *a bottle rack*, post għal fliexchen; *rack*, il għonk b'biċċa minn li spalla ta muntun, vitella etc.; *rack*, għajbur (sħab ħafif li jittajjar mar-riħ); *rack*, rvina; kirda; tkiegħed flixchien etc. fi xtilliera; tati it-turturi; twaġġa; timxi (żiemel) b'nofs pass; tkaxxar jew tisloħ innies billi teħdilhom chera għali.

RACK RENT—għafis fil chera; chera għali ferm wisk actar milli imissu; *rack renter*, min jeħu chera għali taddjar tiegħu; min iħallas chera kalil.

RACK SAW—serriek bis-snien wesgħin jew mberrkin.

RACK VINTAGE—li mbit li isir mill fdal tal għeneb magħsur etc.

RACKET—gilba; għageb; frattarija fid-discors; għagħa; ħafna discors (ta ħafna nies jitchellmu f'dakka) pala għal-logħob tal brott (fit-*tennis*); xibca żgħira; tati (tolkot) bil pala il ballun fit-*tennis*; tagħmel rvell, għageb jew frattarija (b'ħafna discors ta nies jitchelmu f'dakka).

RACKET COURT—il bitħa (post) apposta fejn jilgħabu it-*tennis*.

RACKETS—nagħla ta żiemel (wiesgħa) għal mixi fuk is-silġ jew art taflija etc.

RACKETY—għaggieb, li (min) jagħmel frattarija (igħajjat wisk) meta jitchellem.

RACKING—turtura.

RACKING PACE—nofs purtant (mixi ta żiemel).

RACKLESS—bla cont, trascurat.

RACOON—ara *raccoon*.

RACY—ħarr; kawwi fit-togħma; mħawwar bosta.

RADDLE—tinseġ jew tobrom flimchien; tiżboħ aħmar (tħammar); taħdem addoċċ; tħaxlef fix-xogħol; ħajt taz-zcuc jew friegħi tas-siġar minsugin flimchien; nogħra (żebgħa) li biha jiżbgħu (jimmarcaw) in-ngħaġ etc.; stropp (cimi jew sflaschi immaljati jew maħdumin stropp).

RADE—ara *raid*.

RADIAL—tar-raggi; ta raġġ; li hiereġ bħal raġġ jew mgħażel min-nofs; bir-raggi; fih ir-raggi.

RADIANCE—dija, dawl.



Digitized by Google

Radiant—jiddi, mudwal.

Radiary—duda etc. li gejja bħal raggiera jew stilla.

Radiata—l-annimali li għandhom għamla ta stilla, jew li għandhom il friegħi jew raggi; bħal karnit etc.

Radiate—tiddi; tlekk; toħroġ f'raġgi (bħas-sħana jew id-dawl); tati id-dawl; tillumina; bir-raggi; li ħiereġ minn centru wieħed (bħal magħżel ta rota ta carrettun).

Radiated—fih ir-(bir-)raggi.

Radiation—tfigħ ta raggi (għati ta dawl jew dija); dija.

Radiator—ħaġa li minnha joħorġu ir-raggi; li jitfa ir-raggi jew id-dija.

**Reship** — tarġa tgħabbi fuk bastiment; tarġa tibgħat għal pajjis jeħor dac li icun daħal minn band'oħra f'pajjis.

**Reside** · tokgħod; tgħammar.

**Residence** — għamara; dar; il-loc fejn wieħed jokgħod jew igħammar; dac li jokgħod (il kiħ) ta l-imbid etc.

**Residency**—residenza ta (il post

Digitized by Google

post fejn jokghod) ufficial Inglis fl-India.

Resident—min (dac li) jokghod jew ighammar; residenti; fil post (li ma jiċċaklakx).

Residentiary — li ghandu id-dar jew ir-residenza (li ighammar; li jokghod); kassis (vicariu, cappillan etc) li ghandu id-dar tieghu apposta.

Residual — tal fdal; tal kigh; li jifdal.

Residual figure—(fil geometrija) dac li jibka wara li tnakkas iż-żghir mil cbir.

Residuary—tal kiegh, tal fdal; il fdal; il kiegh; *residuary devisee*, (fil-ligi) dac li (min) icun msemmi fit-testment li ghandu jehu il proprietà immobbli (bini u raba) li jibka m'hux msemmi fit-taksim (disposizionijiet jew fil chitba) tat-tastment.

Residue } il fdal; il kigh; dac li
Residuum } jibka jew jifdal.

Resign—titlak; thalli (post etc); *he was compelled to resign*, chellu jitlak (ihalli) bil fors mill-impieg; *I had to resign to providence*, chelli nhalli (nitlak) ruhi f'idejn Alla l'Imbierec.

Resign—targa' tiffirma (targa tickteb ismec f'document etc).

Resignation — risenja; tluk (jew thollija) minn post jew impieg; *he tendered his resignation yesterday*, halla mill post li chien, il bierah (telak jew ta id-dimissioni tieghu, il bierah).

Resignation—pacenzia; sabar; rassenjazioni; telka (f'idejn Alla); *he suffered his long illness with resignation*, sofra il (kaghad ghal) marda twila li chellu b'sabar jew b'rassenjazioni cbira.

Resigned—li telak; li halla; rassenjat (marbut mar-rieda t'Alla).

Resile—targa lura (tirtira) milli tcun ghedt etc.

Resilient—elasticu, li meta jiftillu jarga imur lura jew ghal locu.

Resin—raża.

Resinaceus—*resinous*.

Resiniferous—li jati (jaghmel) ir-raża.

Resiniform—li donnu (li ghandu ghamla ta) raża.

Resinoid—li jixbeh ir-raża.

Resinous } tar-raża; bhal raża.
Resiny }

Resipiscence—resipixxenza; ndiedma; soghba.

Resist—iżżomm shih jew jebes; tirresisti; tiekaf lill; dac li jaghmlu fuk ix-xokka u 'l calico li icunu iridu jistampaw biex il culuri ma jakbdux fejn ma iriduhomx jakbdu; *resist work*, calico ichal (blù) bit-ticchi bojjod; *to resist stoutly*, iżżomm jebes jew shih.

Resistance — resistenza; wakfa; żamma; li wiehed iżomm jebes jew jekaf lill; ostaclu; tfixchil, opposizioni; *I never found any resistance*, katt ma sibt opposizioni.

Resistant—min iżomm jew jekaf lill; min jopponi.

Resistible—li iżomm jebes; li jirresisti; li tista iżżommlu jebes, jew tiekaflu.

Resistless—li ma jiflahx jew ma jistax iżomm jebes; bla sahha.

Resoluble — li jista jinhall jew icun mdewweb.

Resolute—risolut; kalbieni; li jakta katgha fil-laham il haj; decis; sod fil fehma tieghu; shih.

Resolution — risoluzioni; katgha fil laham il haj; fehma shiha u soda; firda, halla jew separazioni ta haga fil parti taghha semplici jew li jiccomponuha.

Resolutive—li idewweb, li iholl.

Resolve—tirsolvi; takta katgha fil laham il haj; tiddecidi; tghejd sewwa x'sejjer taghmel etc; tholl; taghżel; takta; thejji; *I wish you would resolve my doubt*, nixtiek taktaghli il cursità (tnehhili jew tholli id-dubiu li ghandi); *resolve you for more amazement* (Shakespear, *Winter's Tale*), nhejjic (nillestic) ghal biex tistghageb actar.

Resolved — risolut; determinat; kalbieni; *he is a resolved soldier*, dac suldat kalbieni.

Resolvent—li jirsolvi; li idewweb; li iholl; li iragga lura l-infjammazioni jew in-nefha (ta tumur etc.)

Resonant—li jitfa lura il hoss, li idokk.

Resorb—tixrob.

Digitized by Google

**Resort**—tocc; milkgħa jew post fejn jiltakgħu ħbieb; nies etc.; tmur fil post fejn jiltakgħu in-nies jew ittocc; tmur (f'post) spiss jew dlonc; tagħmel żjara ta spiss; tirricorri għal; *Taormina is the place in Sicily where English people resort to in winter,* Taormina hu il post fi Skallija fejn l-Inglisi iħobbu imorru wisk fix-xitwa; *this garden is my resort,* dan il ġnien hu it-tocc tiegħi (hawn nħobb nigi l-actar); *mercy fled to as the last resort* (**Cowper**, *Hope*), għal ħniena chelli nirricorri l-aħħar (l-unicu mezz li għalih chien fadalli nirricorri chienet il ħniena).

**Resorter** — min jiffrequenta jew imur spiss f'post, min iżur post spiss.

**Resound** — tarġa iddokk; iddemdem; tirbomba; tarġa titfa jew tixħet lura il-leħen jew il ħoss.

**Resource**—risorsa; il mezz; il chif; appoġġ; għajnuna; dac li fuku tista isserraħ rasec f'xi bżonn; *they had miscalculated their military resources,* (**Macaulay**, *Hist. of Eng.*), għamlu cont ħażin fuk is-suldati etc. li chellhom rashom merfugħa bihom għal xi bżonn, *I have no other resources,* jena ma għandix mezzi oħra (minn fejn ingib flus iżied).

**Resourceful**—collu mezzi.

**Resourceless** — bla mezzi; fkir; batut; li ma għandux minn fejn.

**Respect**—kima; stima; rispett; tati kima; iggib rispett; tweggeh; tirrispetta; *I have a great deal of respect for him,* jena għandi rispett cbir lejh (nirrispettah ħafna); *I have done all this out of respect to you,* għamilt dana collu għal wiccec (rispett tiegħec); *give my respects to your father,* sellili għal missierec; *with respect be it spoken,* (jew *saving your presence*), nitchellem bir-rispett; *in respect of,* a paragun ta (ħdejn); *in respect of a fine workman I am but a cobbler,* (**Shakespear**, *Julius Cæsar*), ħdejn ħaddiem tajjeb jena m'inhiex ħlief ċabattin (scarpan li irakka iż-żraben); *in respect of* jew *to,* mħabba fi; għal dac li hu; *in respect of this I'll let you go this time,* mħabba f'dan (f'hecc) nħallic tmur din id-darba.

**Respectability** — rispettabilità; tweggiħ; kima; rispett; persuna rispettabili (ta min jirrispettaha jew jatiha giħ).

**Respectable**—rispettabbli; li jistħokklu kima, giħ, jew rispett; u hecc; hecc hecc; m'hux ħażin; medioeri; *proficiency in letters and science respectable etc.* (**Macaulay**, *Hist of Eng., Ch. II*), capacità (ħila) fil letteratura u fix-xienza u hecc (m'hux ħażin) etc.

**Respectably**—sewwa; bir-rispett; u hecc; m'hux ħażin; *he conducted himself respectably,* gieb ruħu sewwa (birrispett collu).

**Respectant** — (fl-araldica) arma b'żewġ annimali kegħdin wiċċ ma wiċċ.

**Respectful**—li ikim; li iweggeh; tar-rispett.

**Respectfully**—tar-rispett jew bil kima collha; *I have always been respectfully treated,* jena dejjem cont ittrattat bir-rispett collu.

**Respecting**—għal dac li hu; fuk; inquantu għall.

**Respective**—bil għakal; ħajjen; li ikim; li iweggeh, li igib rispett; relativ.

**Respectively** — bir-rispett collu; ta cull wieħed.

**Respectless**—bla rispett; li ma għandux rispett għal ħadd.

**Resperse**—ixxerred; troxx; tbixx.

**Respirable**—li jista jeħu in-nifs; li tista tieħdu man-nifs jew tirrespirah.

**Respiration**—nifs.

**Respirational**—ara *respiratory.*

**Respirator**—respiratur; biċċa bħal xibca rkieka etc mimlija bil faħam etc li ikegħdu fuk ħalkhom u mnifsejhom dawc li jinżlu f'xi canali etc biex in-nifs li jeħdu icun pur chemm jista icun (biex ma jeħdux nifs ħażin jew ma iħallux għabra tidħol fil pulmuni).

**Respiratory**—tan-nifs; li jinħtieġ għan-nifs.

**Respire**—tieħu in-nifs; tonfoħ; tisstriħ; *see the tortured Ghosts respire etc* (**Pope**, *Ode on St. Cecilia's day*), araw



Digitized by Google

li Spiriti (fatati); ghajjenin (maktulin bix-xoghol) jistrieħu.

Respite—tiġbid taż-żmien; tamtil; titwil taż-żmien; nifs; wakfa; intervall; iggebbed; ittawwal; tħalli għal darb'oħra; tati xi nifs; *the case was respited sine die*, il causa ħallewha għal darb'oħra meta jiddecidu il ġurnata; *I crave but four day's respite* (Shakespear, *Measure for Measure*), ma nixtiekx ħlief erbat ijiem differiment; *to give a debtor some respite*, tati innifs (jew żmien) lil wieħed li icollu iħallas.

Respiteless – bla mistrieħ; bla nifs.

Resplendence—dija; tgħammix ta dawl kawwi; splendur.

Resplendent — li jiddi; li jilma; ilekk.

Respond – twiegeb; tagħmel tajjeb; tgħammar; nofs colonna jew biċċa ħajt (bħal moll) li icun kiegħed (tiela) ma ħajt biex iżomm ħnejja; responsoriu (cant tal cnisia); strofa ta innu li icantaw jew iwieġbu dawc tal cor; *to be held to respond in damages*, icolloc tagħmel tajjeb (tgħammar) il ħsara.

Respondent – li iwiegeb; li jirrispondi; dac li jirrispondi tesi etc. f'xi esami jew xi dibattiment.

Respondentia—(fil cummerċ) cuntratt li bih (li juri li) sewwa il bastiment chemm ucoll it-tagħbija jagħmlu tajjeb.

Responsal—responsabbli (li jirrispondi) li jagħmel tajjeb għall; pleġġ.

Response – twegiba.

Responsibility — responsabbilità għemil tajjeb jew ta pleġġ għal ħadd jeħor; li icolloc fuk spallejc il għemil etc ta ħadd jeħor.

Responsible — responsabbli; li għandu fuk spallejh il għemil etc. ta ħadd jeħor; li jirrispondi għal dac li jagħmel jew li icollu jati ħadd jeħor; li fih ir-responsabbiltà; *his is a responsible office*, l-ufficiu tiegħu hu ta responsabbilità.

Responsion—twegiba; *responsions*, hecc hu msejjah l-ewwel esami li jagħmel student fl-Università ta Oxford (għal cors ta lawria).

Responsive—li iwiegeb; twegiba.

Responsory – responsoriu (ta matutin etc) twegiba; li iwiegeb.

Rest – mistrieħ, serħan; nifs; wakfa; nagħsa; fdal; bkija; mewt; dar; loc; għamara; rest għal li sticca tal biljard (fejn ma tilħakx tpoġġiha fuk idec); (fil musica) pawsa; tistriħ; tpoġġi; tieħu in-nifs; tieħu nagħsa; tiekaf; tpoġġi; tkiegħed; *he has gone to his rest*, miet (mar għal mistrieħ ta dejjem); *and the land had rest for forty years*, u l-art bakgħet mistrieħa għal erbgħin sena; *you take the rest*, il bkija għalic (inti ħu il bkija); *what about the rest?* il bkija (li fadal jew l-oħrajn) fejn huma ?, *to set up one's rest*, isserraħ rasec fuk (icolloc tama fi); *for the rest* għall bkija (in quantu għal ħwejjeġ oħra); *he made his rest in Tarsus*, (Shakspear, *Pericles*), kagħad igħammar f'Tarsus; *rest on my word*, ibka fuk chelmti; *to rest one's self*, tistrieħ.

Restagnant – kiegħed.

Restant – li baka; li jibka.

Restaurant—restorant ; dverna ; lucanda fejn wieħed imur jecol.

Restaurateur – sid dverna; min iżomm restaurant jew lucanda għal ichel.

Restful — quiet; li kiegħed bi quietu.

Restiff—li ma iridx jiċċaklak jew iciedi ; stinat ; ta rasu ; (żiemel) li jekaf u iwebbes rasu ma iridx jimxi.

Restiform – li donnu (bħal) ħabel.

Resting — (dejn) li jibka (m'hux imħallas); pendenti ; li għandu jati li għad bakgħalu id-dejn ; *resting place*, loc il mistriħ ; il pian bejn indana (jew medda) u oħra f'taraġ.

Restitue } tarġa tati ; tati lura ;
Restitute } trodd.

Restitute – dac li (min) jagħmel f'loc ħadd jeħor ; sostitut.

Restive—ara *restiff*.

Restless—li ma għandux mistrieħ jew quiet ; li dejjem sejjer ; li ma jekaf katt.

Restlessness—inquiet ; nukkas ta quiet jew ta mistrieħ.

Restoration—għati lura ; radda.

Digitized by Google

**Restorative** } li jati lura (li jar-
**Restoratory** } ġa jati) is-saħħa; (medicina li tfejjak); li irodd.

**Restore**—tati lura; trodd; *to restore to life again*, tarġa tati il ħajja.

**Restrain** — trażżan; tliggem; iżżomm, tgħaccheс.

**Restrainment** } żamma; rażna;
**Restraint** } lgiem; *to be under restraint*, icolloc lgiem (tcun mrażżan).

**Restrict**—iddejjak; tagħfas; tross; tillimita; twassal sa.

**Restriction**—tidjik; dieka; għafis; rassa; trażżin; limti.

**Restrictive** } li idejjak; li jagħ-
**Restringent** } fas; li iross; astringenti, li iżomm il fetħa; li jistitica.

**Resty**—ara *restiff*.

**Result**—risultat; li jiġri jew isir wara; cull ma jiġri jew isir wara; li jirrisulta, isir jew jiġri wara; jispiċċa; *will this result in good or in evil?*, dana se'r jispiċċa bit-tajjeb (bil gid) jew bil ħażin (bid-deni); *we must abide by the result*, jaħtieġ nokgħodu għar-risultat; *this was the result*, dan li ġara imbagħd (jew wara).

**Result**—tarġa takbeż (togħla mill-art wara li tcun wakajt u gejt fukha); kabża mill-art; għolja (ta ħaġa meta takbeż) mill-art; kabża.

**Resultant** } risultat; li jirrisulta
**Resulting** } jew li isir; conseguenza.

**Resume**—tarġa tibda jew takbad; tibda mil ġdid; *I resumed my duties yesterday after I have been away from my office for two months*, rġajt bdejt ix-xogħol lbieraħ wara li ili niekes xagħrejn; *now I'll resume*, issa narġa nibda nitchellem (ncompli li cont kieghed ngħejd).

**Resume** (akra *resumè*) — compendiu, sommariu; raccont ta fattijiet jew ġrajja etc. fil kasir, ricapitulazioni.

**Resumption**—meta tieħu ħaġa lura.

**Resurgent**—li kam (li rxoxta) mil mewt.

**Resurrect**—tirxoxta, tkum minn bejn l-imwiet.

**Resurrection**—rxoxtar; kawmien minn bejn li mwiet; kawma mill mewt; *resurrection pie*, torta (pastizzott) mimli bil fdal (tlakkita) tal laħam, ħaxix etc.

**Resurrectionist**—dac li (wieħed) li jeħu l-iġsma tal mejtin mill-okbra biex ibiħħom lit-tobba ħalli jistudiaw l-anatomija etc. fukhom.

**Resuscitate** — tkajjem; tirxoxta, tati il ħajja, iċċaklak.

**Retail**—bejħ bli mnut; tbiħ bli mnut.

**Retailer**—min ibigħ (bejjegħ) bli mnut jew *reporter* (ara).

**Retain**—iżżomm; tarfa; *I retained him for my counsel*, żammejtu b'avucat (difensur) tiegħi.

**Retainer**—min iżomm jew jarfa; seftur; bniedem impiegat jew li kiegħed ma jew a serviziu ta bniedem jeħor, capparra (flus kuddiem) li wieħed jati lill avucat biex dana jibka għall dic il causa (ma dac il client) u ma imurx jiddefendi lill, jew iżomm ma, ħadd jeħor.

**Retake**—tarġa tieħu.

**Retaliate**—titħallas; tpatti; tagħmel bħal ma jagħmlulec; tati milli tieħu.

**Retaliation**—għati ta ħaġa f'loc oħra, tpattija; vendetta; *by way of retaliation*, biex wieħed ipatti; *retaliation of an injury*, vendetta ta inġuria (ta ħsara etc. li wieħed icun għamillec lewwel).

**Retaliative**—vendicativ; li ipatti; li jagħmel chif jagħmlulu.

**Retaliatory**—li ipatti; li jagħmel chif jagħmlulu; li jati milli jeħu.

**Retard**—iddewwem; iżżomm; timpedixxi; ma tħallix li ħaġa tgħaddi il kuddiem; tħalli m'illum għall għada jew għal ġurnata oħra; *to retard a visit*, tħalli żiara m'illum għal ġurnata oħra; *retard of the tide*, l-intervall jew iż-żmien tal mogħdija jew il mixi tal kamar li fih jibdew il frugħa u 'l mili tal baħar sa meta jibdew jidru dan il mili jew frugħa tal baħar jew il marea.

**Retardation** — dewmien; tħollija ta ħaġa għal darb'oħra; differiment;

Digitized by Google

dac li iżomm jew idewwem jew ifixchel.

RETCH — titkalla; trid takla jew tivvomta.

RETECIOUS—li donnu (bħal) xibca jew xbiec.

RETENTION — żamma; detenzioni; gheluk (arrest).

RETENTIS—ħwejjeġ merfugħa jew miżmuma għal xi bżonn (sa chemm tigi bżonnom); *to be kept in retentis,* tcun miżmum jew merfuħ ma dawc il ħwejjeġ li għad jiġu bżonnom; *to lie in retentis,* tcun kiegħed x'hud (lest għal provi li hemm bżonn kabel ma isir ġuri jew il causa).

RETENTIVE—li iżomm; li jarfa; *a retentive memory,* memoria (moħħ) li iżomm, li jarfa (tajjeb, li jiftacar).

RETEX—tħassar; tneħħi; tannulla.

RETIARY—bħal xibca; li jagħmel (jinseġ) xibca jew għankbuta bħal nassa etc biex jakbad il priża (bħal ma tagħmel il brimba); armat bi (li fih) xbiec jew xibca (lest biex inassec jew iżommoc).

RETICENCE — reticenza (ħabi bisschiet actarx fil cliem); schiet; żamma ta xi chelmiet jew cliem fil chitba jew fid-discors.

RETICENT — reticenti; mħajjar li iżomm is-schiet; li ma iridx jitchellem; riservat.

RETICLE—xibca żgħira jew rkieka; xibca (borsa) għal l-idejn fejn wieħed jixħet u iżomm meta imur jixtri xi affarijet etc.

RETICULAR—għamla ta xibca.

RETICULATE - magħmul bħal xibca jew gradiljar (bħal dac ta parlatoriu tas-sorijiet etc.)

RETICULATION — tixbic; cupiar ta disinn etc bil ħażż ta gradiljar jew tkassim ta quadrati quadrati żgħar.

RETICULE—borża tax-xibca li jusaw (actarx) in-nisa f'idejhom meta imorru jixtru xi ħaġa (biex dac li jixtru jagħmluh fiha)

RETICULUM—ir-rita rkieka li tcun ma dwar il moħħ; it-tieni stoncu tal annimali li jixtarru.

RETIFORM - għamla ta xbiec.

RETINA—rita tal għajn; ir-retina jew ix-xibca rkieka li fuka tcun ixxbiha ta l-oggett meta narawh aħna.

RETINAL—tar-retina.

RETINASPHALTUM } retinite; bħal
RETINITE } raża li tinxef (li hemm) f'xi qualità ta faħam tal ħaġra.

RETINITIS - infiammazioni tar-retina (fil għajn).

RETINOID—bħal raża.

RETINOSCOPY—esami tar-retina tal għajn.

RETINUE—seguitu; in nies ta ma dwar il cbarat; ħaddara.

RETIRADE — ktigħ; katgħa (post maktuħ mwarrab) f'fortizza fejn issuldati jistgħu jirtiraw u jibkgħu moħbija biex b'dan il mod icunu jistgħu iżommu actar li ma jakgħux f'idejn il għedewwa.

RETIRE - twarrab; traġġa lura; tiżbor; titwarrab; tarġa lura; tinġabar; tokgħod wahdec; tirtira; *he will soon retire from business,* dal wakt jirtira min-negoziu.

RETIRE -rtir; post mwarrab.

RETIRED - rtirat; mwarrab; għalih; miġbur għalih (li ma iħobbx jagħmilha man-nies); waħdu waħdu; *a retired merchant,* neguziant li rafa minnegoziu; *he is a person of retired habits,* dac bniedem li iħobb jokgħod għalih waħdu (dejjem rtirat ma jagħmilha ma ħadd) *retired list,* lista (ta l-ismijiet) ta dawc l-ufficiali li spiċċaw misservizz u kegħdiu bil pensioni; *he was placed on the retired list with the rank of general,* tawh il pensioni bi grad ta general.

RETIREMENT—rtir; ġabra; reġgħa lura; kgħad jew ħajja ta wieħed waħdu (għalih); *the retirement of an officer from the army,* rtirar ta ufficial mill-armata; *he is spending a life of poverty and retirement,* kiegħed igħaddi ħajja fil fakar u mwarrab minn culħadd (għalih waħdu).

RETORT—chelma f'wakta; storta; flixcun b'għonku mgħawweġ li jusaw fli sperimenti etc tal chimica etc; tati chelma f'wakta; traġġa lura; tiħxet; twakka ħtija fuk xi ħadd jeħor.

RETOUCH - tirtocca; tarġa tmiss.

Digitized by Google

**Retrace** — targa tgħaddi minn; targa tgħaddi il-linji jew il contorni etc ta disinn.

**Retract** — tgħiddeb ruħec; targa lura milli għedt; targa iddaħħal (xabla etc fil għant).

**Retractable** — li jista jarga jidħol lura fil post li chien; li jista jarga jingabar; *talons retractable into a sheath of skin* (Cook, *First Voyage*), dwiefer cbar li jistgħu jingabru f'għant tal gilda.

**Retractation**—li wieħed igħiddeb ruħu jew jarga lura milli kal.

**Retracted** — milwi (mgħawweġ) lura.

**Retraction**—reggħa; gibda lura.

**Retractor** — min (dac li) jigbed lura; dac il musclu li bih il gandoffli arzell etc. jingibed lura u jarga jidħol f'koxirtu; armar (għodda) li bih igibu li scartoċċ voit mil canun etc wara li icun spara; biċċa għodda bħal ganċ li jusaw it-tobba biex iżommu lura il-laħam jew xi għadma ħalli jistgħu jaraw sewwa meta icunu jagħmlu xi operazioni l-isfel fil gisem.

**Retreat**—rtir; naħa mwarba; ħajja ta wieħed waħdu; rtirata; tingabar; tirtira; tagħmel ħajja waħdec; tmur jew targa lura; *to sound a retreat*, iddokk rtirata.

**Retreated** – rtirat; migbur.

**Retrench**—takta; tħassar; tnakkas min-nefka; tkanċeċ; tgħammar (tagħmel *retrenchments*, jew truncieri.

**Retrenchment**—ktiħ; tnakkis minnefka; tkanċiċ; truncieri (f'fortizza).

**Retribute**— tħallas; tpatti.

**Retribution**—ħlas; tpattija.

**Retributive** / **Retributory** — li iħallas; li ipatti; li iħallas it-tajbin u jiccastiga il ħżiena.

**Retrievable** – li tista targa iggibu jew issibu; li jista jarga jinsab jew jingieb.

**Retrievably** – b'mod li tista targa iggibu jew issibu.

**Retrieve**—targa issib; targa iggib; (issib bħal chelb tal caċċa li isib u igib it-tajra li taka maktula mil caċċatur); tpatti; *to retrieve his loss*, (Cowper *Tirocinium 166*), biex ipatti ittelfa tiegħu.

**Retriever**—chelb tal caċċa (li igib it-tajra mejta lil caċċatur).

**Retro**—wara, ta wara.

**Retroaction**—għemil fuk xi ħaġa li għaddiet jew li saret kabel.

**Retrocede**—tati lura; icciedi ħaġa lill sidha; tmur lura, targa lura; tirtira.

**Retrocedent**—li imur minn (ma jibkax jidher) f'banda u jiffaċċa band' oħra.

**Retrocession**—rgigħ jew mawrien lura.

**Retrogradation** — mawrien lura, mawrien mit-tajjeb għal ħażin; mixi lura jew min naħa ta lvant għal punent.

**Retrograde**—li sejjer lura; li għadu jew li baka lura; tmixxi lura; *it is most retrograde to our desires* (Shakespear *Hamlet*), hu cuntlariu wisk għax-xewkat tagħna.

**Retrograding** / **Retrogress** / **Retrogression** — mawrien lura (mit-tajjeb għal ħażin).

**Retrogressive** – li imur lura (li sejjer lura mit-tajjeb għal ħażin).

**Retromingent**—li ipixxi (ibul) lura.

**Retropulsive** — li jitfa (jimbotta) lura.

**Retrorsely**—lura, il wara.

**Retrospect**—ħarsa lura; dakka ta għajn lura (fejn li mgħoddi) tħares jew tati dakka ta għajn lura jew lejn li mgħoddi.

**Retrospection**—ħarsa jew dakka ta għajn lura.

**Retroversion**—bdil tal posizioni jew tal kagħda.

**Retrovert**—iddawwar lura.

**Retrude**— tixħet, titfa, jew timbotta lura.

**Retruse**—moħbi (mixħut lura jew f'post mwarrab).

**Rettery** – il post fejn jaħdmu il kanneb jew il għażel.

**Retting**—it-tħejjia tal kanneb jew tal għażel kabel jibdew jaħdmuh.

**Retund**—tilwi; tgħawweġ ponta jew xifer ta arma (xabla etc).

**Return**—reggħa lura; radd; tpat-

Digitized by Google

tija; għati mill ġdid; rapport; risposta, twegiba; tarġa lura; tarġa tmur; trodd; tarġa tibgħat; *to make return of kindness*, turi riconoxxenza (tirringrazia ta xi gid jew piacir li ioun għamilleo xi ħadd) *return of money*, għati lura (radd ta flus); *a commodity that yields a good return*, mercanzia (frott) li jimbiegħ tajjeb (li jimxi); *if my father render fair return* (**Shakespear**, *Henry V*), jeco missieri jati risposta tajba; *to return thanks*, tirringrazzia; tizziħajr; *to return an answer*, tati risposta (twiegeb); *return ticket*, biliet li bieħ tmur u tigi; *return match*, rivincita (jew rewwixta); ittieni partita li tintlgħab biex dawc li jitilfu icunu jistgħu jirbħu.

**Returnable**—li tista treġġgħu lura, troddu jew tirritornah (tajjeb biex troddu jew tatih lura).

**Returner**—min (dac li) irodd jew jibgħat flus lura.

**Returning Officer**—il Cap Cummissiunariu li f'elezioni jirrapporta il candidat magħżul (li icollu l-actar voti).

**Retuse** — milwi jew mgħawweġ ferm (tarf ta werka).

**Reunion**—għakda jew ġabra mill ġdid.

**Reunite** — tgħakkad jew tiġbor (flimchien) mil ġdid.

**Rev.** f'loc *Reverend* (ara).

**Reveal**—tgħarraf: ticxef; tgħejd, tirrivela (tgħarraf mis-sema il verità Divina).

**Revealer**—min igħarraf jew igħejd; min jirrivela.

**Revealment**—tgħarrif, tagħrifa.

**Reveille** - id-dakk tat-tambur biex ikajmu (ikumu) is-suldati fil għodu.

**Revel**—tbaħrid, xalar; titbahrad; tixxala; issellet.

**Revelation**— rivelazioni; tagħrifa; chixfa.

**Revelator**—min jirrevela; igħarraf jew jicxef (igħejd dac li ioun moħbi).

**Revelry** - tbaħrid, xalar.

**Revendicate** — tirreclama; titlob lura u trid bil fors li jatuc ħwejgec li icunu ħaduleo jew żammewlec.

**Revenge** — ħlass minn; vendetta; tithallas minn; tagħmel vendetta minn; *to be revenged*, titħallas, tivvendica ruħu minn.

**Revengeful**—li jitħallas minn; li jagħmel vendetta minn.

**Revenue**—renta; *revenue cutter*, il lanċa tad-dwana (cutter jew lanċa li iddur mal plajja dejjem u tissorvelja għal contrabandi); *revenue officer*, ufficial tad-dwana.

**Reverberant** / **Reverberatory** — li idemdem; li jagħmel l-ecu; li jitfa il leħen lura.

**Reverberate**—iddemdem; (leħen, ħoss) li meta jaħbat jarġa lura.

**Reverberation**—tfiħ ta leħen jew ħoss lura; ecu; demdim.

**Reverberator**—dac li (min) jitfa il-leħen jew ħoss lura; lampa li titfa id-dawl lura jew li tirrifletti id-dawl.

**Revere**—tkim (tati kima); tweggeh; tirriverixxi; iggib rispett.

**Reverence**—riverenza; kima; tweggih, rispett jew mgiba ta mħabba; riverenza (tbaxxija tar-ras jew liwija ta rcobba li jagħmel wieħed meta jgħaddi minn kuddiem, jew kabel ma jersak lejn, xi ħadd cbir; *to do reverence*, tirreverixxi; tkim; iggib rispett jew tweggih; *saving your reverence*, bir-rispett tiegħec; għal gieh wiccec; għal gieħec.

**Reverend**—reverendu; kassis; mistħokk il kima jew it-tweggih; li jisthokklu rispett.

**Reverent**—(li hu) umli; ubbidient; li jokgħod għal dac li wieħed igħejdlu.

**Reverie**—tħasib; tluħ u nżul ta ħaġa jew ħwejjeġ fir-ras.

**Reversal**—klib; tbiddil.

**Reverse**—il maklub; taklib; maklub; ta taħt fuk; disgrazia, sfortuna, dakka bil maklub (fli sgħirma); takleb tagħmel ta taħt fuk; tneħħi; tħassar; iġġarraf; *the order was reversed*, l-ordni tħassret (tneħħiet); *the reverse of a medal*, il maklub tal midalja.

**Reversed**—maklub; mħassar; mneħħi; mġarraf.

Digitized by Google

Reversible—li jista jitħassar; jitneħħa jinkaleb jew jiġġarraf.

Riversible lock—serratura li tiswa għal kfil ta bieb li jinfetaħ il gewwa jew il barra.

Reversion—tama jew dritt li wieħed icollu li jarġa jara ħwejjeġ li imissu lilu jakgħu għandu.

Reversioner—min (dac li) jistenna li jirhet ħwejjeġ (beni etc.) wara li icun spiċċa iż-żmien li icollu igaudihom ħadd jeħor.

Reversis – ir-reversin (logħba tal carti ta dan l-isem).

Revert—tarġa taka fuk.

Reverted—milwi u tarġa milwi, bħal littra S.

Revest—tarġa tlibbes.

Revestiary — is-sagristija (fejn iżommu jew jerfgħu l-abiti sacri ta cnisia).

Revertment—ħajt kawwi mibni (li tiela) max-xifer t'isfel ta sur.

Reviction – rxuxtar; kawmien mil mewt.

Review—rivista; brigata; dakka ta għajn mill ġdid; tiftixa mill ġdid; tarġa tati dakka ta għajn; tarġa tara; tarġa tfittex; tagħmel rivista jew brigata; ticteb rivista jew *review*.

Revile—tmiegħer; tcasbar.

Revilement—tcasbir; tmegħir.

Reviresoence — xettil (tixtil jew mita wieħed jixxettel).

Revise—it-tieni prova jew correzioni għal li stampa; ticcorriegi provi ta li stampa; tirrevedi; tarġa tara jew tifli.

Reviser — revisur; min jesamina jew jirrevedi (correzionijet, carti etc.)

Revision – revisioni; ħarsa; tiftixa; filja (minn tifli) mil ġdid.

Revival—kawmien; ħaji; rxuxtar; stejkien (minn tistejken); *the revival of trade*, it-tharric (meta jibda jitħarrec jew ikum xi ftit) il cummerċ.

Revive—taħji; tati il ħajja; tistaħja; tieħu il ħajja; iggedded; tkajjem; tkankal (ħaġa li tcun ilha ma tidher); tarġa tibda turi (jew titfa in xena) opra f'teatru (wara li tcun ilha żmien ma issir).

Revocable—li jista jitneħħa; jitħassar jew jiġġarraf.

Revocate—tarġa issejjah; issejjaħ lura.

Revocation—sejħa lura jew mill ġdid; tneħħija; tħassir; tiġrif; revoca; *the revocation of a will*, tħassir (tiġrifa) ta testment.

Revocatory—li iħassar; ineħħi jew iġarraf; li jirrevoca.

Revoke—tneħħi; tħassar (iġġarraf jew tirrevoca) testment; rifjut (meta ma isservix mil culur li icun ħareġ u li imissec għalecc isservi) fil logħob tal carti; tagħmel rifjut (ma isservix mil culur li icolloc fil logħob tal carti.

Revolt—kawma; xewwiexa; rvell; tkum xewwiexa; tirvella.

Revolute – mibrum (mgħerbeb) il gewwa jew l-isfel.

Revolution — rvell; xewwiexa; kawma; dawra; dawran ma; il bidla li igibu iż-żmienijet; *the revolution of the earth round the sun*, id-dawra tad-dinja ma dwar ix-xemx; *see the revolution of the times make mountains level* (Shakespear *Henry IV)*, ara il bidla (il cambiament) li igibu jew li jagħmlu iż-żmenijiet, igibu il muntanji fil wita mal art.

Revolutionary—rivoluzionariu; ta tixwix jew ta rvell.

Revolutionary calendar—l-almanacc fundat (li jibda jgħodd minn meta bdiet ir-Rivoluzioni ta Franza jew mit-22 ta Settembru tal 1792).

Revolutionism—principi rivoluzionarij.

Revolutive —li jitħasseb; li italla u inizżel; mibrum (jew mgherbeb lura) bħal spirali in-naħa l-waħda u l-oħra bħal werak ta xi pianti.

Revolve – iddur fuk jew ma; ittalla u tnizżel bil ħsieb.

Revolvency — dawran.

Revolver—rivolver (pistola).

Revolving —li idur; *revolving pistol*, rivolver.

Revulsion—xħit lura; bidla għal għarrieda jew f'dakka.

Revulsive—li jixħet lura; li igib bidla f'dakka jew għal għarrieda.

Reward—ħlas, premiu; tħallas; tippremia.

Digitized by Google

Rewarder — min iħallas jew jippremia.

Reynard—l-isem li bih isemmu il volpi jew il gilpa fil ħrejjef.

Rhabarbarum—rebarbru.

Rhabarbirine — is-sustanza li tipporga li fih ir-rebarbru.

Rhabdology—is-sengħa tal għadd bil virghi jew bil għadam (is-sistema ta *Napier*).

Rhabdomancy—il cxif (meta issib) ħwejjeġ li icunu moħbija ġo l-art, ġo nixxigħat tal ilma etc per mezz ta virga (bil bacchetta magica).

Rhapsodist—rapsodista wieħed li jirrecita (igħejd) versi jew poesija estemporanea jew minn għajr xejn ma jokgħod ilesti jew jistudia.

Rhapsodize — tirrecita (tagħmel) *rapsodies.*

Rhapsody—rapsodia; ġabra ta canzonetti, versi jew poesiji mgħakkdin flimchiem bla studiu xejn jew bla ma wieħed icollu żmien jippreparahom; composizioni jew chitba ta biċċa musica ta dan l-isem.

Rhea—għasfur ta dan l-isem.

Rhejnberry—isem ta pianta.

Rhejne—isem ta certa sustanza li jeħdu mir-rebarbru meta iħaltuh mal acidu nitricu.

Rhenish—tax-xmara *Reno* fil Germania, imbit li isir mil għeneb li jinġabar minn ma dwar ix-xmara Reno.

Rheometer—ara *Reometer.*

Rheometry—reometrija (fil Matematichi) il calculu differenziali u integrali.

Rhetor — surmast tar-rettorica; predicatur (min igħallem ir-rettorica).

Rhetoric — ir-rettorica, l arti tal persuasioni jew is-sengħa li tgħallimna chif nitchelmu u nictbu tajjeb; it-teoria tal eloquenza.

Rhetorical—tar-Rettorica.

Rhetorian—min igħallem (jaf) ir-*Rhetoric.*

Rheum—bħal lgħab li jinżel (jiscula) mil glanduli mucusi; rebarbru igħedulu ucoll *Rheiradix* jew rebarbru.

Rheuma—rewma; ramatiżmu.

Rheumatic—tar-ramatiżmu.

Rheumatics } ramatiżmu.
Rheumatism }

Rheumatoid—li jixbah ir-ramatiżmu; il gotta (pullagra) reumatica.

Rheumotophyra—deni reumaticu.

Rheumic—acidu li jeħdu miz-zcuc tar-rebarbru.

Rheumy—li għandu ir-ramatiżmu; reumaticu.

Rhime—ara *Rhyme.*

Rhino—flus, munita.

Rhinoceros—rinoceront (annimal cbir, bil gild oħxon, li għandu bħal karn jew tnejn fuk mnieħru).

Rhinoplasty — operazioni (tat-tobba) biex jagħmlu mnieħer ġdid.

Rhizocarpous—hecc huma msejħin dawc il pianti li għandhom iz-zcuc jew il frieghi taħhom jinxfu cull sena.

Rhizogen—li inissel il gheruk.

Rhizoma—zocc li jixxeblec.

Rhizomorpha—xorta ta fakkigħ.

Rhizophagous—li igħejx (jccol) lil għeruk.

Rhodalite—mineral ta dan l-isem.

Rhodites — gebla lewn il warda (rosa).

Rhododendron—rododendru (pianta).

Rhomb } rombo, figura tal geome-
Rhombus } trija li għanda erba ġnieb daks xulxin iżda l-anguli mhumiex anguli retti.

Rhombic—tar-*Rhomb.*

Rhombohedron—figura solida geometrica ta (b') sitt ġnieb.

Rhomboid—figura ta din il għamla .

Rhubarb — rebarbru (medicina, dua).

Rhubarby—tar-rebarbru.

Rhumb — l-intersezioni ta circulu (meridian) mal orizzont; *rhumb line,* id-direzioni (mixi) ta bastiment li jaksam (jittraversa) li meridiani fl-istess anglu.

Rhus—is-summacc (pianta).

Rhusma - sustanza (gir causticu etc) li biha il cunzaturi iniżżlu (ineħħu) ix-xagħar mil ġlud tal barrin etc għal gild.

Digitized by Google

RHYMER } min ikabbel jew jicteb
RHYMESTER } il poesija (jew il versi)
RHYMIST } kabbiel, poeta.

RHYNCHOLITE—munkar ta ghasfur petrificat.

RHYTHM—ritmu; il metru chejl ta sillabi u accenti tal versi ta poesija li flimchien jagħmlu l-armonia; armonia tal musica etc.

RHYTHMOMETRE—ritmometru (għal marcar tat-temp tal musica).

RIAL—biċċa munita Inglisa ta dan l-isem li chienet tiswa nofs lira jew għaxar xelini, fi żmien ir-Re Enricu VII, u ħmistax il xelin fi żmien ir-Regina Elisabetta tal Ingħilterra.

RIANCY—daħc, hena, allegria, ferħ.

RIANT—hieni, daħcani, cuntent.

RIB—custilja; dewlgħa; majjera; ossatura ta umbrella; strixxa art etc.; il mara; dac il ħanec fuk id-dahar ta ctieb legat; tagħlak bil majjeri; tgħammar bil majjeri; tagħmel il faxxi fid-drappijet (tiffaxxia id-drappiet); taħrat bir-raddiet ftit bogħod minn xulxin; *a rib of land*, strixxa (biċċa dejka) art; *how many have we known whose heads have been broken by their own rib* (**Bishop Hall**), chemm nafu aħna li chisru għonkhom mħabba f'marthom.

RIBADOQUIN — kaws kawwi għaddvenvin tal vlegeġ fil guerra; carru armat bil labardi li chienu dari jusaw fil guerer.

RIBALD—ragel ħażin; briccun; vili.

RIBALDISH—mogħti għal briccunati; ftit u xejn briccun.

RIBALDRY—ħżunija.

RIBAND—żagarella (curdicella) tal ħarir.

RIBBAND—forom (strixxi tat-twavel twal) dojjok li jitgħawġu malajr (flessibbli).

RIBBED — mgħammar bil majjeri jew bil custilji.

RIBBLE RABBLE—ċorma, tajfa; marmalia; ħafna cliem fieraħ jew li ma jixrakx.

RIBBLE ROW—lista, serie.

RIBBON—żagarella; ċraret jew żagarelli; *the sails were torn into ribbons*, il klugħ tkattgħu ċraret jew saru żagarelli; *ribbons*, riedni; *ribbon*, strixxa njam (rkieka u dejka); *blue ribbon*, biċċa żagarella caħla li xi nies ikegħdu f'sidirhom biex juru li huma ma jixorbux spiriti; *the blue Ribbon*, l-ordni tal ġarrattiera; *the Red Ribbon*, l-ordni tal *Bath* jew tal Banju; *to handle the ribbons*, issuk; *ribbon fish*, il fiamma (ħuta); *ribbon map*, mappa twila u dejka li titgħerbeb fuk irromblu tagħha biex tintrefa fi stoċċ; *ribbon worm*, id-duda jew il vermu solitariu.

RIBIBE—xorta ta violin żgħir; mara xiħa.

RIBROAST — tati xebgħa bil chif; tchisser għadam xi ħadd (bix-xebgħa li tatih); xebgħa bil għakal.

RIBROASTER—dakka ta frosta bil għakal jew kawwija.

RIBSTONE—xorta ta tuffieħa ta dana l-isem.

RICE—ross; tar-ross; *rice pudding*, pudina tar-ross; *rice weevil*, duda bħal bumunkar li tagħmel ħsara fix-xtieli jew il pianti tar-ross; *rice paper*, carta (strazza) tar-ross.

RICH—għani; li jiswa il flus; li jiswa; rari; li fih ħafna jew li hu mgħammar tajjeb; sabiħ fil għajn (li fih culuri sbieħ); sabiħ fil widna, melodius, armonius; grass, li fih ħafna ħwawar; *a rich pudding*, pudina tajba iżżejjed li fiha ħafna ingredienti jew ħwawar; *a rich treasury*, tesor mgħammar tajjeb bil flus (li fih ħafna flus); *a rich joke*, ċajta (żuffiettata) tajba ferm li iddaħħac lil culħadd; *the rich*, il għonia (in-nies collha għanjin).

RICH LEFT—wieħed li wired ħafna flus.

RICHES—għana; gid; ricchezzi.

RICHLY — bil għana collu; riccament; splendidament; *a story richly told*, storia irraccontata bil gost sewwa (li ġagħlet jidħac lil cull min semaħha); *a punishment richly deserved*, castig li icun mistħokk sewwa jew ferm.

RICHMOND—belt f'Surrey, l-Ingħilterra; il belt ewlenia ta dari tal Virginia.

RICHNESS—gid, għana, ricchezzi.



Digitized by Google

Ricinic — taż-żejt (acidu) tar-Riċċnu.

Rick — ħalla; munżell (kamħ jew ħuxlief); tagħmel li mniezel jew il ħalel tal ħuxlief etc fuk xulxin.

Rick cloth—biċċa incirata etc li ikegħdu fuk munzell ħuxlief etc biex ma jixxarrabx bin-nida jew bix-xita.

Rickers—għasieleġ jew zcuc tas-siġar dritti u sbieħ li bihom jagħmlu arbli tal latini tad-dgħajjes; pinnuri; lasti għal mezzi marinari etc.

Rickets—rtuba tal għadam li tigi min-nukkas tal *lime* jew gir.

Rickety - marradi; mifluġ; mżegleg, sgangat jew slugat li donnu sejjer jaka bcejjeċ; *we sat on a rickety old couch*, kagħdna bil kegħda fuk sufà slugat jew sgangat collu.

Rickle — munzell; borġ, jew gozz żgħir.

Ricochet — il ħobża u sardina (meta tixħet ċpajpella jew gebla ċatta ma wiċċ l-ilma b'mod li tagħmel tliet kabżiet jew actar mal wiċċ kabel ma tgħerek; tagħmel (gebla jew balla) ħobża u sardina ma wiċċ l-ilma.

Rictus — il ħalk, il fetħa tal ħalk (ta tajra).

Rid—teħles minn; *to ged rid of*, teħles minn; *I can't get rid of him*, ma nistax neħles minnu.

Riddance—ħelsien minn; *a good rid dance*, misbaħ li mar (f'ħajjet Alla ħlisna minnu); *a good riddance of a bad bargain*, misbaħ l-indafa kal maħmuġa.

Ridden — (il particip passat tal verb *to Ride)*, immaniġġat, mahcum (immixxi minn jew li kiegħed taħt l-idejn ta) *priest ridden*, maħcum (dirett) mil kassisin.

Ridder — min jeħles minn.

Riddle — indovinella; xarada; għejdli x'inhu ?; għarbiel (taż-żara etc); tgħarbel; tgħaddi (żrar etc) mil għarbiel; tfisser indovinella jew xarada; iggib għejdli x'inhu ?

Riddler—min jagħmel (jicteb etc) indovinelli jew xaradi; min jitcħellem b'mod li ħadd ma jista jifħmu jew bix-xaradi.

Ride — ricba; mawra biż-żiemel; tircheb; tmur biż-żiemel; *to ride a mile*, tmur riecheb fuk żiemel etc mil (bogħod); *to ride at anchor*, tcun sorġut; issorgi; tcun ancrat; *the ship was riding at anchor here*, il bastiment chien ancrat hawn; *to ride down*, tgħaddi biż-żiemel (tirfes) sakajn xi ħadd; tniżżel bis-salt jew bis-saħħa biċċa kluħ; *to ride out*, (bastiment) iżżomm shiħ u sod f'tempesta; *to ride the wild mare*, tagħmel ċaklembuta ; *to ride the high horse*, iżżomm ruħec ta cburi: iżżomm ruħec fid-dinjità tiegħec; *to ride a free horse to death*, tabbusa mit-tieba ta bniedem.

Rideable—li tista tgħaddi minnu (toforku) riecheb fuk iż-żiemel; li tista tircbu; ta rchib.

Rideau — cint jew għolia f'fortizza jew f'witia biex tgħatti (iżżomm li ma jidhirx) il camp mil għedewwa.

Rident — daħcani.

Rider - riechieb; min jircheb; viaġġatur; żieda ta manoscritt jew document; (carta mictuba) miżiuda f'document; aġġunta f'ordinanza (f'cunsill jew parlament); problema sussidiariu fil geometrija jew fl-Euclide; biċċa flus (munita) Olandisa li tiswa 27 xelin; majjera ġo oħra f'żakk ta bastiment biex tati is-saħħa; it-tieni filata crietel fi stiva ta bastiment ; ħabel li jittraversa jeħor u jiġġongi miegħu; *rider roll*, żieda f'document.

Ridge — sinsla tad-dahar; sarbut muntanji; it-trab (ħamrija) msarbat jew dak il ħanec ta ħamrija bejn radda ta moħriet u oħra; kuċċata ta għolia; sicca f'wiċċ il baħar; ticmixa; issarbat; tmenzel; tchemmex; *ridge band*, il gilda (cinturin) ta fuk il berdgħa fejn jidħlu il-lasti ta carrettun.

Ridge bone — is-sinsla tad-dahar.

Ridge fillet — il ħaneo bejn canal u jeħor f'colonna; il canal (mogħdija ewlenija) f'fonderija.

Ridge rope — cima; puġġaman fuk puprest ta bastiment fejn il baħrin iżommu (b'idejhom) meta icun il baħar mċaklak; ic-cima tan-nofs li fukha tcun poġġuta tinda; ic cima li

Digitized by Google

biha jorbtu il canuni biex iżommu f'lochom abbord fil maltemp.

Ridgel—annimal nofsu msewwi jew moħsi.

Ridgelet—*ridge* (żgħir) ara.

Ridgy—collu *ridges* (ara).

Ridicule—daħc bi; tmasħir; titmasħar; tiddieħeo bi; tad-daħc.

Ridiculous — ridiclu; tad-daħc; li idaħħac in-nies bih; daħħâc.

Ridiculousness — ridiculaġni; assurdità.

Riding — tar-rchib; għar-rchib; *a riding horse*, żiemel tar-rchib; *a riding suit*, libsa għar-rchib; *riding bitts*, il bitti li maħħom idawru il gumni meta bastiment icun marbut ma l-art; *riding habits*, costum (libsa) tan-nisa għar-rchib (meta jircbu fuk iż-żiemel); *riding hood*, barnus li jilbsu innisa meta jircbu iż-żwiemel; mantell bil capoċċ jew barnus; *riding knot*, ingassa; *riding part*, fejn jingasta, ħdejn il pern, li mkass.

Riding—waħda mit-tliet taksimiet li fiħom hi maksuma il contea ta York (l-Ingħilterra).

Ridotto—gemgħa ta nies (assemblea); (biċċa musica) cant u sfin; divertiment tat-Taljani (ta dana l-isem).

Rief—serk; ħell.

Rief—bosta; ħafna; wisk; salt; il ħacc (marda).

Riem—biċċa gilda (strixxi rkak tal gild) għal ħbula (li jagħmlu f'*Cape Colony* fl-Africa t'Isfel.

Rifacimento — ranġar ta chitba antica etc li ibiddluha b'mod li tcun adattata għaż-żmien recenti.

Rife—prevalenti, abbundanti; ta spiss; comuni; li fih ix-xaba; mimli; ħafna; wisk; ċar; li jidher; *the tumult of wild mirth was rife*, (**Milton**, *Comus*), rvell (għagħa) tal ferħ bla kies chien (jinstama) ċar (f'widnejja).

Rifely—spiss, cull mument, dlonc.

Rifeness - abbundanza.

Riffle — meħrież bil mercuriu li jusaw l-argentieri (meta jagħmlu li xcupilja) biex jagħżlu id-deheb għalih.

Riffler—xorta ta lima ta li scultori għax-xogħol fil piegaturi etc.

Riff raff—il marmalja; li xcuma; il-lakx.

Rifle—rejfel; xcubetta bil canali minn gewwa; carabina; tisrak; tnażża; taħtaf; tirriga (bil canali minn gewwa) xcubetta; *Rifles*, is-suldati tarrejfel (hecc msejħin mil carabina li igibu); *rifle*, stropp (gilda) għas-sann ta li mniegel; *Rifle Brigade*, forza (riġmenti) ta Infanterija li chienu saru l-ewwel darba fi żmien il gwerra msejħa il *peninsular war* biex iservu fi Spanja.

Rifle green—aħdar scur ferm (li donnu iswed).

Rifle man—wieħed mir Rifle Brigade; suldat volontariu.

Rifler—ħalliel.

Rift—xakk; kasma; ixxokk; taksam.

Rig — daħar ta annimal; ħanec (għolia ħamrija) bejn żewġ raddiet tal moħriet; mogħdija; ċajta; bluha; tfajla mtajra (m'ħix tal galbu); *to run the rig*, tiċċajta; titbellah.

Rig—manuvra; tgħammar bastiment bil ħbula jew bis-sarsi; tagħmillu 'l manuvra; tlibbes; *to rig the market*, ittalla u tniżżel (il prezzijet ta) is-suk scond chif icun jakbillec; timmanuvra il bejh u ix-xiri ta li stocks.

Riga—Riga, belt bil port fir-Russia (fl-Europa).

Rigadoon—rigadun jew ridda; żifna (bħal gigher) ta dan l-isem.

Rigation—tiskija.

Rigel—Rigel, chewcba mil cbar ta lewn caħlani, l-isfel għax-xellug ta *Orion*.

Rigescent—li isir jebes.

Rigger—min jarma bastiment bissarsi etc.

Rigging—ix-xifer (id-daħar) jew il kuċċata ta ħaġa; tagħmira ħbula (sarsi etc) ta bastiment; manuvra; issakaf ta camra etc.

Riggish—sfaċċat (bħal ma hi mgiba ta tfajla mtajra jew m'hix tal galbu).

Riggle—tiżżegleg.

Right — is-sewwa; ħakk; setgħa;

Digitized by Google

ħawwa; dritt; sewwa; tajjeb; tal ħakk; xierak; lemini jew tal lemin; tagħmel is-sewwa jew il ħakk; *this is not right,* dana m'hux sewwa; *the police have a right to arrest malefactors,* il pulizia għandha id-dritt li tarresta il briccuni; *this sum is right,* din is-somma, jew regula, tajba; *my right hand,* idi il-lemenija; *on my right,* għan-naħħa tal-lemin tiegħi; *he is my right hand,* hua collox għalia (jiswieli wisk li ma nistax ngħaddi minn għajru); *this is the right side,* minn hawn (din in-naħħa) is-sewwa; *by right,* bid-dritt; *you are right,* inti għandec raġun; *he is a right* (jew *a down right*) *ass,* hu il veru ħmar; *I am not right to-day,* ma nħossnix tajjeb illum; *right over against,* sewwa sew biswit; *right and left,* minn culliмchien; fejn gie gie; *right away* jew *right off,* minnufiħ; malajr malajr; *to do one right,* tati lil bniedem dac li imissu jew li ħakku; tagħmel ġustizia jew il ħakk ma bniedem; tixrob bis-saħħa ta (tixrob bħala ġurament); *you have done me right* (Shakespear, *Henry IV*), inti xrobt bis-saħħa tiegħi; *to rights,* dritt (linja dritta); *to set to rights,* tirranġa (tkiegħed f'locu) issewwi; *right about,* il cuntlariu; *right angle,* angulu rett (angulu li isir b'żewġ linji li icunu perpendiculari għal xulxin; *right cone,* cono (lembut, figura, li għandu l-assi perpendiculari jew arbulat dritt mal basi.

Right handed — lemin; li jaħdem bil lemin, ħafif.

Righthandedness—ħeffa għax-xogħol.

Righthander — dakka ta ħarta (bl-id il lemenija).

Righteous — sewwa; tajjeb; tal ħakk; *a righteous doom,* sentenza li tistħokk (ġusta).

Righteously—sewwa; scond il-ligi t'Alla.

Righteousness—is-sewwa; il ħakk; *the righteousness of a sentence,* il ħakk ta sentenza (sentenza chif tcun tistħokk tassew).

Righter — min jiġġusta jew jirranġa; min jagħmel is-sewwa jew il ħakk.

Rightful—sewwa; tajjeb; tal ħakk.

Rightfulness — ara *righteousness.*

Rightly—sewwa; chif imur.

Rightness – ara *righteousness.*

Rightward — lejn il-lemin.

Rightwhale — il vera baliena.

Rigid — rieżaħ; kieraħ; aħrax; sever; jebes; wiekaf; *rigid hills,* għoliet wekfin.

Rigidity — reżħa; ħruxija; jebusija; severità.

Rigidly — bis-severità jew l-ebusija; *quarantine had been rigidly exercised,* il quarantina chienet magħmula bis-severità (collha).

Rigidness—ara *rigidity.*

Riglet – strixxa; lizzijiet tal njam jew ċomb għal għafis u tkegħid fil-loc ta marginatura fuk it-torchiu; strixxa (bacchetta ċatta rkieka) għal quadri.

Rigmarole — ħafna discors li ma igħeid xejn; storia twila twila li ma tgħeid xejn; salt discors fieraħ; bla sens jew bla sugu.

Rigmarolish — bla sens; bla sugu jew bla sustanza (discors etc).

Rigol — circu; circhett; strument tad-dakk ta dan l-isem.

Rigor — killa; ħruxija; jebusija.

Rigor mortis – l-ebusija li jebies il gisem sebgħa sigħat wara li imut.

Rigorism—killa; ħruxija; severità fli stil tal chitba; rigorismu.

Rigorous — kalil; rigorus, aħrax; sever; precis; esatt; *a rigorous winter,* xitwa kalila; *a rigorous definition,* definizioni esatta jew precisa.

Rigorousness — rigorosità; killa; esattezza; precisioni.

Rigour—ara *Rigor.*

Rile—tkankal; iddardar ilma bil għabra, ħama etc.; ittalla in-nervi lill; tinċwieta; tivvessa; *the moor she riled me* (Tennyson, *Northern Cobbler*), is-sewda dejkitni (telleghtomli).

Rilievo – riliev; *basso rilievo,* bass riliev.

Rill — xmara żgħira; xmajra; ħamla.

Rim—ix-xifer; xfar; it-tarf taż-żakk (isfel jew il peritoneu); il curvu ta rota;

Digitized by Google

tagħmel curvu ta rota; iddawwar jew tgħammar rota b'curvu; iddawwar.

Rima—xakk; kasma.

Rimble ramble — tgħerfix (fid-discors); ħafna cliem minn hawn u minn hemm bla ebda sens.

Rime—scaluna ta sellum; kasma; xakk (xpaccatura); rima (takbil) fil versi tal poesija; ġlata; nida magħkud; tirrima; tkabbel (ticteb il versi tal poesija).

Rimer — min ikabbel; palizzata (zcuc mwaħħlin f'kiħ il baħar etc biex ma iħallux igħaddu il kuddiem bastimenti etc).

Rimmer—rota (ħaġa tonda) bil pizzi etc għal ktiħ tal għagina tat-torti.

Rimose—collu xkuk.

Rimple—tichmixa; tagħtina; tgħattan; tchemmex.

Rimy—collu ġlata jew nida magħkud.

Rind—koxra (tal ġobon etc); gilda ta ħanżir etc; tkaxxar; tisloħ.

Rinderpest—lantcun; marda bħal pesta tal bhejjem; igħedulha ucoll (*Steppe murrain*).

Rindle — wied; current ta ilma gieri; xmara żgħira.

Ring—ħolka; ħatem; circhett; circlu (dawwara mejt; nies miġburin flimchien; cumitat etc); classi ta nies; demdim ta kampiena; il għalka fejn icunu kegħdin iż-żwiemel tal bejħ għal wiri; il għalka (il post magħluk jew mdawwar b'ħajt jew cint) fejn icunu dawc il jiggieldu f'circlu etc; iddawwar (b'circlu jew b'katgħa); iddamdam; iddokk il kniepel; *ring the bell*, dokk il kampiena; *the world rings with his fame*, id-dinja collha taf b'ismu (ismu hu msemmi u mgħaruf mad-dinja collha); *to ring down*, tispiċċa, ticconcludi (opra, recita etc) takta malajr; *ring armour*, lbies bil malia tal ħadid ta gwerrier; *ring baring*, kirda tas-siġar billi taktgħilhom strixxa koxra maz-zocc id-dawra collha; *ring bolt*, anell fuk il coverta (abbord); *ring course*, il ħnejja minn barra; *ring dove*, ħamiem; *ring finger*, is-saba tal hatem; *ring formed*, tond; gej bħal circhett; *ring lock*, catnazz tal ittri; *ring time*, żmien iż-żwieġ.

Ringed—mdawwar bil ħolok jew b'circhett.

Ringing—dakk; damdim; żanżin li jinstama fil widnejn wara ħafna dakk ta kniepel.

Ringleader—il capuriun; il precimes; ta kuddiem; min ikassam xi żifna (il primier).

Ringlet — circhett; ħolka żgħira; noccla; *such wavy ringlets over his shoulder flow* (**Pope**); noccli li jittajru bħal mewġ fuk spaltu.

Ringworm—ħżieża.

Rink—biċċa silġ (ilma magħkud) cbira li fuka isir li *skating* jew li fukha jiżżerżku jew jiżolku bi zraben għal apposta in-nies fil pajjisi cheshin; art mbattma għal apposta lixxa bħas-silġ għaż-żerżik; tiżżerżak jew tiġri biż-żraben bir-roti fuk art mbattma witja għal apposta.

Rinker—min jiżżerżak etc bir-*rink*, (ara).

Rinse—tlaħlaħ; tlaħliħ.

Rintherebout—min joħroġ (jaħrab) minn daru jiggerra; vagabond; wieħed li ma għandux dar; li jiggerra mat-torok.

Riot — għagħa; ħamba; virgonii; rvell; frattarija; tagħmel għagħa, ħamba, rvell jew virgonji; tirvella.

Riontous — frattarius; li jagħmel għagħa, ħamba jew il virgonji, storbiu.

Rip—fetka; tiċrita; koffa għal ħut; bniedem vili bla gieħ; ħaġa li ma tiswa xejn; żiemel, annimal li mar il baħar (xjeħ jew ma għadux tajjeb għax-xogħol); toftok; tiftaħ, iċċarrat.

Riparian — tax-xtajtiet ta xmara; min igħammar fuk ix-xtajtiet ta xmara.

Riparious—li jicber ma genb (fejn hemm) l-ilma.

Ripe—misjur; li wasal fejn chellu jasal (li tgħallem biżżejjed); *a ripe scholar*, scular li wasal (għadda li studji collha tal cors); *ripe*, issir; issajjar; tisrak; tfittex (tgħerfex) biex tara x'hemm u dac li issib tieħdu; *but we must ripe his pouches a bit etc*, (**Scott**, *Guy Mannering*), iżda jaħtieġ

li nfittxulu ftit fil bwiet; *and so from hour to hour we ripe and ripe* (Shakespear, *As you like it*), u hecc minn sigha għal l-oħra aħna nsiru (nixjeħu) *no sun to ripe these fruits*, ma hemmx xemx biex issajjar dawn il frottijet.

Ripely—fil ħin sewwa; fil wakt.

Ripen—issajjar (issir) frott; tasal; *the scheme has ripened for execution*, li schema wasal (wasal iż-żmien għalih) biex isir jew icun eseguit.

Ripeness—sajran.

Ripienist—min idokk ripien (fuk il pianu etc).

Ripieno—ripien (fil musica).

Riposte—dakka lura fli sgħirma.

Ripper — min iċarrat jew joftok jew jiftaħ bniedem; biċċa għodda għal ktigħ fid-dritt tax-xifer tal lavanji; wieħed li (min) jinkala ferm jew jiswa sħiħ għal ħaġa; (bniedem) bil chif; bi rgulija etc.

Ripping—li joftok, iċarrat jew jiftaħ; *ripping bed*, munxar (serriek) għal gobol.

Ripping chisel—scarpell (furmatur) mgħawweġ għat-tħammil taċ-ċaccis; *ripping iron*, biċċa għodda tal klafat biex ineħħu li stoppa kadima mix-xkuk (fili) ta żakk etc. ta bastiment; *ripping saw*, munxar għal ktiħ tal injam mal vina (fid-dritt).

Ripple — ċafcif; ċaklik tal baħar; dac il mewġ żgħir li isir f'wiċċ l-ilma meta tcun iż-żiffa; iċċafċaf; iċċaklak; tobrox (tigref) chemm chemm; trextel jew tomxot il kanneb etc biex tnakkih miż-żerrigħa etc li icollu miegħu; moxt għat-trextil u it-tisfija miż-żerrigha tal kanneb; ħsejjes (ħoss) *a ripple of laughter*, ħsejjes jew tfakkiħ ta daħc.

Rip rap — pedament f'kigħ il baħar etc magħmul b'ħafna gebel mixħut addoċċ; chif gie gie.

Rise — bidu; telgħa; nixxigħa; titla; togħla; tiżdied; tibda; tnixxi; toħroġ; tigi; tispiċċa (tkum); *the sun rises at six*, ix-xemx titla fis-sitta; *the tower rises to a height of 100 feet*, it-torri jogħla (hu għoli) mitt pied; *the House rose at eight o'clock*, il cunsill (il parlament) spiċċa (rafa mix-xogħol) fit-tmienia; *the wind will rise again in the morning*, ir-riħ jarġa jitla (jiżdied) fil għodu; *the rise of a hill*, it-telgħa (tlugħ) ta għolia; *the rise of a stream*, il bidu ta xmara; *where does the Volga take its rise?*, fejn tibda (mnejn toħroġ) il Volga?; *to take a rise out of a person*, toħroġ bniedem ta ridiclu (tidħak, jew tiddieħec bih).

Riser—min ikum; *an early riser*, wieħed li ikum cmieni.

Risible—li jista jidħac; li idaħħac.

Risibly—bid-daħc.

Rising—li tiela; li sejjer; miexi jew tiela il fuk; li kiegħed jogħla jew javanza; li għaddej il kuddiem; *the rising generation*, il generazion li tielgħa; *a rising man*, ragel li kiegħed dejjem javanza; *risings*, fallacchi taħt il cverta ta bastiment biex jirfdu; *rising anvil*, inqwina (ta ħaddied) li tispiċċa b'ponta cull naħha.

Risk - logħba; tiġrif; tilgħaba; iddaħħal fit-tiġrif; tissogra; tirrischia.

Risker—min jissogra jew jirrìsca.

Riskful, Risky — periculus; li fih it-tiġrif.

Risorial—li igib id-daħc; tad-daħc.

Risotto—ross msajjar bil basal, cappuljat etc (Risotto alla Milanese etc).

Rissole—raviuletta etc. bil cappuljat (moklija).

Rit - is-sinjal fl-art li tagħmel il ponta tax-xabla meta tcun tcarcar.

Rite—rit; cerimonia; *Congregation of Rites*, il Congregazioni tar-Riti, magħmulha mil Papa Sistu V biex dejjem iżżomm l-uniformità tac-cerimonial fil Cnisia u biex tiddecidi fuk il beatificazioni u 'l canonizzazioni ta kaddisin ġodda.

Ritely—scond ir-ritual; bir-riti u ic-cirimonii collha chif imur.

Ritter—cavalier.

Ritual—ritual, ctieb tac-cirimonii tal cnisia; scond ir-riti jew ic-cirimonial tal cnisia.

Ritualist—ritualista (protestant).

Riva—xakk, xpaccatura.

Rival—min iħabbatha ma ħadd jeħor; għajjur; rival; sieħeb; cumpanu; tħabbatha ma ħadd jeħor; tcun

Digitized by Google

għajjur jew rival; *they are rivals in eloquence,* iħabbtuha ma xulxin (ittnejn jippretenduha) għal dic li hi eloquenza; *if you do meet Horatio and Marcellus, the rivals of my watch, bid them make haste,* (Shakspear, *Hamlet*), jecc tiltaka ma Orazio u Marcell, shabi tal għassa, għedilhom ifittxu jisaw.

Rivaless—rivala.

Rivality / Rivalry / Rivalship — (sħubija) cumpetizioni.

Rive — taksam; tixpacca; titred; tinkasam; tixpacca; tinfired.

Rivel—tingabar f'ticmix; titchemmex; tingama (bħal ġmigħ); ticmixa; ġmigħ.

River — xmara; tax-xmara; *river bed* jew *river channel,* il canal (gandott) mnejn tgħaddi ix-xmara; *river water,* ilma tax-xmara.

Riverain—tax-xmara, li kiegħed fi, ħdejn jew fuk, xmara.

River dragon—il cuccudrill.

Riveret / Riverling — xmara żgħira.

Rivery — tax-xmajjar; li donnu xmajjar; li fih ħafna xmajjar.

Rivet—rivet; musmar rbattut; rbattitura; tirbatti; *rivet boy,* tifel li jidħol fil caldaruni etc. biex iżomm (jilka) il, jew għat-tkegħid etc. tar-*rivets.*

Riving knife — sicchina (marlazz) tal buttara.

Rivulet—xmara żgħira.

Rivulin—sustanza li iddellec jew tgħallec li fiha (jeħdu mil) alga (ħaxix) li ticber fl-ilma ħelu.

Rixation—ġlieda; tkabida.

Rixatrix—mara gellieda.

Rixdollar—biċċa flus (munita) inglisa tal fidda li jusaw fic-Ceylon u fil pajjisi tal Africa t'Isfel, tiswa xelin u nofs.

Rizom — il ħbub (bħal kamħ) tal ħafur.

Rizzered—nofsu mkadded u immellaħ; *rizzered fish,* ħut immellaħ u mkadded.

Roach—(ħuta) tal ilma ħelu; *as a roach* jew *as sound as a rock,* ferm, kawwi, donnu blata.

Roach — it-tundiatura (scullatura) ta kala minn isfel għal maniġġar etc. ta mal pinnuri etc.

Road — triek; rmiġġ; spedizzion; dħul bil fors fl-art ta ħadd jeħor; tkajjem; ittir katgħa waħda (bħal ma jagħmlu xi għasafar); *by road,* bil mixi (bit-triek; bl-art); *on the road,* gej; miexi; għaddej; sejjer; *to take the road,* titlak għal viaġġ; *to take to the road,* terħilha u issir ħalliel minn dawc li iwakkfu biex jisirku in-nies fit-torok.

Road bed—l-armar collu (tkegħid ta ħadid etc.) ta ferrovia jew għal mixi tal vapur ta l-art.

Road man—ragel li jaħdem (isewwi) fit-torok.

Road roller—romblu (għat-tbattim etc.) tat-torok.

Road scraper—barraxa (pala) għal brix tat-trab jew tjun fit-torok.

Road sulky—trapp (carrozza żgħira ta wieħed).

Road surveyor — perit (li għandu ħsieb it-tiswija tat-torok).

Roadsted—rmiġġ, post fejn jirmiġġaw il bastimenti.

Roadster—żiemel tajjeb għal mixi, żiemel li jittrottja tajjeb (li hu tajjeb għat-trott); min jaf jew hu mdorri isuk (cuccier) *bicycle* jew *tricycle,* magħmul kawwi u f'saħtu apposta għal giri (għat-tiġrijet) jew għal mixi fit-tul.

Roadway—triek mnejn igħaddu il carrozzi u ingegni oħra.

Roam—tiggiera.

Roam — min jiggerra l-hawn u l-hemm.

Roan — aħmar mtabba bl-abjad; gild ta annimal; gild tan-ngħaġ iccunzat bis-summacc.

Roar—għajta (ta ljun etc); ħamba; gilba; għajjât; ħsejjes; tgħajjat; tħamba; tigleb; tagħmel ħsejjes bħal dawc li jagħmlu il mewġ cbir (fil maltemp) mal blat; tidhac ferm; *what you said set the table in a roar,* b'dac li għedt culħadd cull min chien fuk il mejda nfexx ifakka id-daħc.

Roarer—min igħajjat; min hu frat-

Digitized by Google

tarius; mewġa obira; żiemel ta nifsu kasir (li jonfoħ ferm meta jiġri).

Roaring—li igħajjat; li jagħmel il ħsejjes; frattarius; għaggieb; li sejjer tajjeb (jew il kuddiem) chemm jista ioun (li ma jistax actar); *he is making a roaring business there*, sejjer tajjeb ferm fin-negoziu hemm (kiegħed jagħmel affarun); *the roaring of lions*, il għajjât ta ljuni.

Roast — mixwi; tixwi; tincalja; timbex; *to roast coffee*, tincalja il cafè; *roast beef*, rostbif (laħam mixwi); *to cry roast meat*, ma icollocx il ħila iż-żomm għalic (minn għajr ma tgħejd lill ħadd jeħor) bix-xorti li issib; *to rule the roast*, toun cap jew direttur; tiddirigi xogħol, ufficiu etc; *roast bitter*, li mrar li jagħmel il ħols mixwi maħruk.

•Roaster—min (dac li) jixwi; biċċa laħam għax-xiwi; gradilja.

Roasting jack — fejn idendlu il-laħam kuddiem in-nar biex jinxtewa.

Rob—cunserva tal frott; tisrak.

Roband (jew Robbin)—biċċa sflasca (cima) li jorbtu biha tarf ta gumna etc biex din ma tinfetaħx.

Robber—ħalliel.

Robbery—serk; ħell.

Robbin—pacc bżar, jew ross etc. chif jigi mic-Ceylon; *a Malabar robbin of rice weighs 84 lbs.* (**Simmond**), pacc (sacchett) ross tal Malabar (India) jiżen 84 libra.

Robbin—molla (molol) ta carrozza.

Robe—libsa; doga; tlibbes, ticsi; tgħatti; *Master of the Robes*, ufficial impiegat fil palazz Reali li għandu ħsieb lbies tar-Re; *gentlemen of the Robe*, l-avucati (ic-cetu legati); *the fields are robed with green*, il għelieki huma micsijin (mgħottijin collha) bl-aħdar jew bil ħxejjex.

Roberdsman—ħalliel (minn dawc li iwakkfu biex jisirku in-nies fit-torok) mill actar kalbieni u li ma jibża minn xejn.

Robin—pettirross; ornament (bħal piassa) għal fuk is-sider.

Robin good fellow—il ħares tad-dar.

Robin hood — ir-Re tal ħallelin; sbandut famus li chien hemm l-Inghilterra fi żmien ir-Re Riccardu I.

Robin redbreast }
Robin ruddock } il pettiross.

Robinet — rubinett (vit etc.) ta macna; macna militari għat-twaddib tal gebel u tal vlegeġ.

Robing room—il camra fejn jilbsu u jinżgħu l-Imħalfin, u il President, fil Korti.

Roble — njam (bħal ruvlu) li bih jagħmlu il bastimenti.

Roborant—li isaħħaħ; li jati is-saħħa; tonicu (medicina li tkajjem jew li tati is-saħħa).

Roborate—tati is-saħħa; issaħħaħ.

Roboration—tisħiħ, għati ta saħħa.

Roborean—kawwi; f'sahtu; ferm; magħmul mil (injam tal) ballut.

Robur—saħħa; kawwa.

Robust — kawwi; f'sahtu; jiflaħ; msaħħaħ; matnazz; shajjaħ; li irid is-saħħa; *a robust employment*, impieg (xogħol) li irid is-saħħa, li min jagħmlu irid ioun jiflaħ sewwa.

Robustly - bis-saħħa; bil kawwa.

Robustness—saħħa; kawwa.

Roc - għasfur cbir abjad tal ħrafa (tal Mitologia għarbija).

Rocambole — tewm Spanjol jew salvaġġ.

Rocella—il ħażiż jew ħass li jitla fuk il blat tal plajja.

Rochelle—Rochelle, post fortificat fi Franzra.

Rochelle powder—sidlitz.

Rochet—rucchett (lbies tal kassin); bies (huta).

Rocking cask — tank (caxxa tal injam infurrata minn gewwa biż-żingu) fejn izommu ix-xebb il ġmiel biex jiccristalizza ruħu.

Rock—blata; scoll; magħzel (tal brim tal ħajt); post (loc) fejn wieħed jmur biex jiscenn u jeħles minn xi periclu jew biex isib il mistrieħ; refugiu; *with her rock etc* (**Sir T. More**), bil magħzel tagħha etc; *as sound as a rock*, sħiħ (f'saħtu jew kawwi) donnu blata; *this is the rock on which our ship split*, dan hu li scoll li fuku inkasam il bastiment tagħna; *they remembered that God was their rock*

*(Psalm)*, huma ftaoru li Alla chien ir-refugiu taghhom; *rock alum*, xebb il ġmiel ( bioćiet obar ); *rock bound*, mdawwar bil blat jew bli scolji; *rock cod*, oerna ; ( ħut ) tar-ruccall ( tal kigħ, fil blat); *rock crowned*, li fil kuċċata jispiċċa bil blat; *rock crystal*, (qwartz) cristall di rocca; *rock doe*, il mogħża tal camoxx; *rock dove*, ħamiema; *rock fire*,, composizioni (taħlita ta raża, cubrit, salnitru, antimoniu u termentina) għal biex ikabbdu il bastimenti jew jatu in-nar djar etc. u li meta tibda takbad ma tintefa b'xejn; *rock hearted*, kalbu jebsa; li ma iħossx; *rock limpet*, mħara; *rock oil*, petroliu ; *rock pigeon*, ħamiem salvaġġ jew taż-żebbuġ; *rock ruby*, rubin ( ħaġra ) aħmar iżda li jati fil blù; *rock salt*, melħ Inglis; *rock staff*, mancu ta minfaħ ta forġa tal ħaddieda; *rock tar*, petroliu; *rock work*, ħajt tal blat (ħajt naturali).

Rock — tbennen; theżżeż; tobrox chemm chemm il wiċċ tal pianċa tar-ram kabel ma tibda ix-xogħol tal incisioni (mezzo tinto); titfa il gebel; tħaġġar; *the God whose earthquakes rock the solid ground* (Pope, *Homer, Iliad*), dac Alla li it-terremoti tiegħu ibeżżgħu l-art kawwija ; *there were secrets in the rocking of the Copper plate etc.* (*Pall Mall Gazette, Feb 19, 1888*), chien hemm sigrieti chif jimbarax il wiċċ tal pianci tar-ram ; *on the rocks*, batut (fil verbi difettivi), msawwat, xott.

Rock away — xorta ta carrozza ta dan l-isem b' erba roti għal tnejn min-nies.

Rocker — min ibennen ; benniena; żiemel għal-logħob tat-tfal; il curvu ta siġġu milli jitbandlu (l-injam tond fejn jidħ'u il-lasti ta *rocking chair*).

Rockery—blat rusticu li jagħmlu fil ġonna etc għat-tursin il bir etc.

Rocket—suffarell ; liver ta minfaħ ta forġa ta ħaddied; lanza bil ponta mgħottija biex fejn tolkot ma tagħmilx ħsara.

Rocket—insalata, eruca jew brima.

Rocketer — tajra (għasfur) li jitla jiġri fl-aria bħal suffarell.

Rocketing —li jitla dritt bħal balla fl-aria (tajra).

Rock fish —il burkax, ħanżir,(ħuta).

Rocking — tbennin; l-ewwel filata jew passata mazcan, (gebel cbir etc) li jixħtu jew ikegħdu fi triek meta jakbdu isewwuha; brix fil wiċċ tal pianci tar-ram.

Rocking chair—siġġu milli jitbandlu.

Rocking horse—żiemel tal għuda sakajh mwaħħlin fuk l-ghewied nofs tond għal-logħob tat-tfal.

Rocking tree—il mancu (lasta tan-nofs) ta mgħażel.

Rockless—li ma fiehx blat (bla blat).

Rockling—isem ta ħuta; il ballottra jgħedula ucoll *motella;* (ħaxix ħażin) il ġargir.

Rock thrush—il ġambublu ( għasfur).

Rocky—collu (mimli) blat; tal blat; li donnu blat (jebes daks il blat) ; kalbu jebsa; jebes; m'hux sgur; incert m'hux sod.

Rod—għasluġ; kasba tas-sajd; virga; *spare the rod spoil the child*, jeco cull tant ma tatix xi dakka (fejn hemm bżonn) it-tifel tħassru; *we took our rods and went to the river to fish*, ħadna il kasab u morna fix-xmara nistadu; *rod*, sajjêd (tal kasba, tajjeb); chejl (bħal nofs kasba etc) għat-tul tat-torok; bacchetta magica (dic il virga li icollhom f'idejhom dawc li jagħmlu il bussolotti); *rod*, chejl (tul) ta 5 jardi u nofs jew ta sittax il pied u nofs ; *to kiss the rod*, tokgħod bħal ħaruf għal castig (għas-swat) li għalih tcun iccundannat.

Rod chisel—scarpell bil mancu tal ħaddieda biex jaktgħu il ħadid malli joħroġ mil forġa.

Rod coupling—cannoli (bħal catusi etc) li iġonġu ma xulxin meta icunu neżlin bit-taħfir ta xi bir etc biex iniżżlu il għodda;

Rod fisher }<br>Rod holder } sajjêd tal kasba.

Rod iron—virga ħadid (tonda).

Roddy—collu virghi, ghesieleġ jew frieghi.



Digitized by Google

Rode—jena rchibt, hu richeb etc.

Rodent — gherriem (annimal) li igherrem bi snienu ta kuddiem; *rodent ulcer*, *rodent cancer*, gerħa li tibda b'ponta imbagħad meta thoccha tiober u teħodloc biċċa cbira minn gismec.

Rodentia—l-annimali li igherrmu.

Rodiyas—biċċa min-nies nativi tac-Ceylon hecc msejħin.

Rodomel — l-essenza (sugu) tal ward mhallat mal għasel.

Rodomont—faħħari; wieħed li jiftaħar dejjem bih in-nifsu; li jiftaħar.

Rodomontade - ftahir; tiftaħar.

Rodster—sajjêd tal kasba.

Roe—cerv; bajd tal ħut; *soft roe* (jew *milt*),attun; *hard roe*,(jew *spawn*), bajd; dawc it-tbajja (rkajja mal vini) li jidru mal vina f'xi njam bħal ma hu il cawba etc.

Roe buck—cerv ta bla denb ta lewn ħamrani jati fil cannella.

Roed—bil bajt (ħuta).

Rogation—talb, litania; *Rogation days*, il ġranet tar-Rogazioni (tlieta) tat-talb b'litanja ta kabel il Festa ta Lapsi.

Rogatory—li ifittex infurmazionijiet; li jistaksi u jitchixxef minn hawn u minn hemm; *rogatory letters*, ittra (talba) li jagħmel Mħallef lill Mħallef jeħor biex jesamina (jistaksi etc) xhud.

Rogerian—xorta ta parrocca.

Rogue—briccun; banavolja; vagabond; ragel ħażin; ljunfant salvaġġ vizzius; żiemel vizzius li m'hux ta min jafdah(m'hux fidil); pianta (xitla) li ma gebitx ruħħa chif imissha (chif isejħula il genniena).

Rogue's yarn—dic il ħarira (ħajta ħamra etc) li jaghmlu fic-cimi tat-Tarzna (fin-nofs meta jobormuhom) biex min jisrak xi biċċa jinkabad.

Rogue—tiggerra bħala ragel briccun; tiddiscola; takla xitla meta tara li ma ħaditx; tghajjar (bniedem) briccun jew ragel ħażin.

Roguery—briccunata; disculaġni; vagabundaġġ.

Roguish—disclu; ħażin; ftit u xejn banavolja jew vagabond.

Roil—tkankal (iddardar) tħawwad l-ilma; ittalla il mustarda (iġġagħal jincorla) lill; tgħajji; iddejjak.

Roily—mkankal, mħawwad, mdardar (ilma).

Roister, Roisterer — bniedem frattarjus jew storbius; li jagħmel għageb jew frattarija.

Rokeage — kamħirrum mitħun u mħallat biz-zoccor.

Rokelay - mantell kasir.

Rocker—ballottra (ħuta).

Roky — mċajpar, collu ċpar jew għajbur.

Role—il parti li jaghmel, jew li icollu, attur f'opra f'teatru.

Roll — tgherbib; ħaġa mgherba; kartas; bezzun; cazzott tabacc; rassenja; lista; tgherbeb; tlembeb; tkartas; titgherbeb; titlembeb; tirrolja; tillixxa (tippiana) għalka etc birromblu (tirrombla jew tgħaddi birromblu); *to roll a drum*, iddokk irroll fuk tamburlin; *to roll over*, toktol b'tir ta xcubetta, tispara għall; *I am not in the roll of common men* (Shakespear, *Henry IV*), jena m'inhiex fil-lista tan-nies bħal l-oħrajn; *a French roll*, bezzun tal Francis; *roll on a drum*, roll, tremulu bit-tamburlin.

Roll — biċċa għodda tal librari; rota tar-ram għal ornament (faxxi) fil koxra tal cotba.

Roll about - smin u mbaċċac li jiżżegleg meta jimxi.

Roll blotter—romblu tal cartaxuga.

Roll call—ir-rassenja (il għajjât ta l-ismijiet biex tara min gie u min le) fi scola, Riġment etc.

Roller—min ilembeb jew igherbeb; romblu; lembuba; rota ta siek siġġu, cannapè etc; mewġa cbira; cilindru ta stampatur.

Roller gin—raddiena tal ħalġ birrombli (bħal dic tal Maltin).

Rollick—titbaħrad; tiżżiemel; titliegħeb bħat-tfal.

Rolling — li mixi fuk ir-roti; li donnu fuk ir-roti; li gej jobrom bħal mewġ; sparar li donnu dakk ta tamburlin; *a rolling fire of artillery*, spa-

Digitized by Google

rar li ma jakta xejn tal artillerija (canuni etc.); *rolling barrel*, barmil (cartell) fejn jisħku l-ingredienti biex jagħmlu il porvli; *rolling stone*, gebla li dejjem sejra titgħerbeb; *a rolling stone gathers no moss*, bniedem (wieħed) li ma għandu sabar mchien (li m'hux ħlief jiggerra minn pajjis għal l-jeħor) ma isibx u la ħbieb u l-ankas mezzi, u l-ankas katt ma jista jagħmel flus.

ROLLING PIN — lembuba.

ROLLING STOCK / ROLLING PLANT — il vaguni; carrozzi; macni tal vapur tal art.

ROLY POLY—għagina mibruma bissaffi tal cunserva; tond; mibrum; mbaċċaċ; li m'hux sod; li jibbalija; isem ta logħba bil ballun (tirbaħ meta iggibu fil ħofra).

ROMAIC — il lingua Griega ta dażżmien (moderna).

ROMAL—ħarir Indian (drapp ta dan l-isem).

ROMAN — Ruman; ta Ruma; *the Roman Catholic Religion*, ir-Religion Cattolica Rumana (Nisranija); *a Roman Catholic*, Nisrani Cattolicu; *Roman candle*, (loghob tan-nar) suffarell li jitfa li stilel meta icun jixgħel.

ROMAN LAW — il-ligi (ligislazzioni) Rumana jew Civili.

ROMAN OCHER—murdent.

ROMAN PUNCH — luminata bl-ilma tas-silġ (tad-dar).

ROMANCE — rumanz; hrafa; ghidba; tħarref; tigdeb.

ROMANCER — rumanzier; min iħarref jew jigdeb.

ROMANCIST—rumanzier; min jicteb ir-rumanzi.

ROMANESE—lsien (il-lingua) li jitchelmu in-nies tal Wallachia; Moldavia u xi bnadi fl-Ungheria.

ROMANESQUE—romanesc, stil ta bini li chien fl-aħħar żmien tal Imperu Ruman; ta 'lsien (lingua) ta Languedoc u xi distretti oħra ta Isfel ta Franza.

ROMANIC — ta lsien jew dialett Ruman; li hu jew li gei mil l-alfabett Ruman.

ROMANISM — ir-Religion Cattolica Rumana jew Nisranija.

ROMANSH — dialet li jitchelmu xi nies f'xi naħħiet ta Svizzera.

ROMANTIC—romanticu (chif il ħaġa tinsab fir-Rumanzi); waħdieni; stramb (li iħobb jokghod waħdu); collu veduti u pajsaggi sbiħ; rusticu; fantasticu; *a romantic landscape*, pajsaġġ fantasticu; *Romantic School*, Scola tal poesija fundata mil l-aħua Schlegel, dwar 1808 fil Germania, chif ucoll ohrajn fi Franza rappresentati minn Victor Hugo, Dumas, u xi novelisti.

ROMANY—zingara; lsien (il-lingua) taz-zingari.

ROMANZA—romanza (musica).

ROMANZIERI—Scola tal poeti Taliani li Ariosto hu il cap tagħha.

ROMEKIN — xorta ta tazza għax-xorb.

ROMISH—ta Ruma; Ruman.

ROMP — żiemla; tifla li titbahrad u tirraġġa; tiżżiemel; titbahrad; tirraġġa.

ROMPISHNESS—tbahrid; raġġar.

RONDE—xorta ta tipi; carattru tond u corsiv imitazioni tal calligrafia Francisa.

RONDEAU—Rondò; poosia mictuba bil vers jambicu ta 8 jew 10 sillabi u bi tlettax il vers; icun fiha tliet strofi, l-ewwel u l-aħħar b'ħames versi u tat-tieni tliet versi; *rondò*, biċċa musica ta dan l-isem.

RONDELETIA — rondolixia (fwieħa li issir mill essenza tal fjur *Rondoletia odorata*).

RONDLE—ħaġa tonda; circu.

RONYON—bniedem baxx; vili.

ROOD—salib, crucifiss; chejl Inglis tar-raba li igib 1210 jardi quadru; *rood cloth*, il biċċa viola li biha igħattu is-salib fir-Randan; *rood free*, franc (liberu, meħlus); *rood saints*, il Madonna u San Ġwann (li statwi li icunu ma dwar is-salib); *rood tree*, is-Salib.

ROODY—oħxon; faxxug; li sejjer ifur bil kawwa u bil ġmiel.

ROOF—sakaf; issakkaf; is-sakaf tal ħalk; *to your roof tree*, bis-saħħa (tiegħec) u ta min ghandec id-dar.

ROOFING—tiskif; twavel, xoroc etc. u cull ma jaghmlu fit-tiskif taddjar etc.

Digitized by Google

Roofless—bla sakaf; li ma għandux fejn jokgħod; bla dar.

Roofy—bl-oksfa; bis-sakaf.

Rook—ħalliel; berbiexi; karrieki; ċawla; il castell (torri) fil logħob ta li scacchi; tisrak; tberbex; tgħallat; tinġabar, titchennen.

Rooker — gebbieda ta rmied ta forn.

Rookery—burdell; post, loc, fejn ipoggi (jinġabar) iċ-ċawl; il loc (post) fejn icun hemm ħafna cmamar u cantini fejn igħammru il cammarotti u il fkar ta belt etc; rocna, post il ħallelin.

Room—wisa; għorfa; camra; *to give* jew *leave room*, tagħmel il wisa biex igħaddi jew jokgħod ħadd jehor; *to make room*, tbattal, tagħmel il wisa; *room paper*, carti ta mal ħitan; *room*, tgħammar; tokgħod ma; tallogġa.

Roomy—bil wisa; li fih il wisa; li jasa, spazius.

Roon—vermiljun (lewn aħmar).

Roop—għajta; hanka; tgħajjat; is-sojjaħ.

Roorbach — għidba; klajja; informazioni f'ġurnal fuk xi ħadd li ma tcunx vera.

Roose—tfaħħar, tgħolli.

Roost—passiggiera; lasta f' gallinar fejn jorkdu it-tigieġ; tokgħod (tajra) fuk il passiggiera jew lasta ta gaġġa jew gallinar; *curses like chickens come home to roost*, min jixtiek iddeni il ġaru jigi f'daru; *at roost*, rieked; mistrieħ.

Rooster—is-serduk; il għammiel (il għasfur jew tajra ragel).

Root—gherk; nisel; bidu; tagħmel il għeruk; tieħu; takbad (siġra); takla (siġra) mil għeruk; tekred; tgħarrak; *to take root*, tieħu (siġra); takbad.

Root breaker } macna għat-taktiħ
Root bruiser } tal patata, zunnarija, etc. li jatu għal l-iċhel lill-annimali.

Root crop—wiċċ (raba) ġdur, zunnaria, pitravi etc.

Rooted — mkabbad; mdaħħal il gewwa; bil għeruk.

Rootedly—ferm chemm jista icun; *they all do hate him as rootedly as I* (Shakespear, *Tempest*), huma collha jobogħduh sħiħ bħali.

Rooter—pianta li tagħmel il għeruk.

Rooter—min jakla mil għeruk jew jistradica.

Rootfast — mkabbad sewwa jew sħiħ.

Rootless—bla għeruk.

Rootlet—għerk żgħir; xenxula.

Ropalic—li gej bir-ras; li gej oħxon (eħxen) lejn it-tarf.

Rope—ħabel; cima; torbot b'ħabel katta, rasta; *a rope of onions*, katta basal; *a rope of sand*, rabta ċoff (għakda, ftehima li titħassar malajr); *to give a person rope*, terħi lil bniedem jagħmel li irid (terħilu ir-riedni jew titlaklu); *upon the high rope*, ferħan se'r itir (barra minn sessih); supperv; mimli bih in-nifsu li ma jistax icun actar; *What a rope!*, ix-xiaten!

Rope dancer—min jimxi jew jisfen etc fuk il ħabel (tal cummiedia).

Rope ladder—sellum tal ħabel.

Rope maker—curdar.

Rope ripe—tal forca (bniedem li imissu il forca).

Rope walk—il mogħdija (cursija) fejn jimxu (lura) il curdari meta icunu jagħmlu il ħbula.

Rope yarn—cap ta ħabel.

Ropery ara *rope walk*.

Ropiness—rtuba bħal dic tal għagina jew xama msaħħan fl-idejn li tista iggebbed u ittawwal chemm trid.

Roping needle—msella ħoxna għal ħjata tal kluħ mac-cimi.

Ropy - bħal ħabel; li tista iggebbdu jew ittawlu chemm trid; bħal biċċa għagina jew xama msaħħna bl-idejn.

Roquelaure—cappa (mantell kasir) ta rgiel.

Roral—tan-nida; bħal nida.

Roration—nżul tan-nida.

Rorid—tan-nida.

Rorqual—xorta ta baliena cbira.

Rory - bin-nida; tan-nida.

Rosaceous—li hu bħal, jew li hu tal, ward.

Rosacicacid — acidu li jsibu fl-au-

Digitized by Google

rina ta dawc li icollhom id-deni, meta tokgħod.

Rosary—ħammiela ward; curuna tar-Rusariu; ir-Rusariu.

Rosçid—collu nida.

Rose - warda; cuccarda (żagarelli miġmugħin u marbutin bħal warda) lewn roża jew lewn il warda; li scudett ta fuk (dwar) serratura; li rsipla; *under the rose*, bil moħbi (bis-schiet).

Rose - (passat tal verb *rise*) jena komt, hu kam etc.

Rose cheecked—bil wardiet (f'wiċċu).

Rose faced - wiċċ il warda (wiċċ bil wardiet.

Rose knot—cuccarda.

Rose oil—żejt il ward.

Rose water—ilma tal ward (fwieħa).

Rose window—tieka tonda.

Rosebay—l-oleandru.

Rosebud—blanzun tal ward.

Rosebug - il busuf.

Rose mary - il clin.

Roseola - gidri ir-riħ.

Rosette—cuccarda; rużetta; l-antinni tal mithna chif toun armata.

Rosewood — xorta ta njam (ifuħ riħa ta ward) ta dan l-isem tajjeb wisk għax-xogħol tal ħwejjeġ tal għamara.

Rosin—ir-raża li jatu (iħokku) maxxaghar tal arc dawc li idokku il violin.

Rosland—art niedia, art dejjem bil ħaxix jicber fukha, art ramlija.

Rosmarine—clin; iż-żiemel tal baħar.

Rosolio - rosolin.

Ross—dac li iħallu il (li jibka wara jew il fdal tal) ħxejjex; għadira, il kxur fil koxra ta barra ta xi siġar; tkaxxar is-siġar; tkatta il koxra tassiġar biex ixxarrabha jew biex tgħalliha.

Rossel—art ramlija (bir-ramel).

Rosselly—(art) ratba; li titfarrac malajr (ratba jew ħafifa għax-xogħol).

Rossignol - l-usinjol (għasfur).

Rostellate—bil munkar.

Roster—gradilja għax-xiwi; lista bl-ismijiet ta nies wara xulxin chif għandhom jitbiddlu fil għassa wieħed wara l-jeħor.

Rostle — munkar, prua jew pupprest. ta bastiment.

Rostral — ta, bħal *rostrum*; tal gheddum jew li mnieħer ta annimal.

Rostrate—mgħammar bil munkar jew bil puprest; bil munkar.

Rostrulum - il munkar (il ponta ta tromba); ta bergħud (dic li biha inigghez mita jibda jarda mill gisem).

Rostrum - desc, scrivania bil bradella fejn jokgħod surmast jew professur meta icun igħallem kuddiem il classi; pulptu; gheddum twil ta annimal; prua; iż-żennuna tal lambic.

Rosy—wardi; aħmar; ixkar, favorevoli; sabiħ; *the future looks most rosy* (*Field, October 3 1885*), li gej (iż-żmien li gej, jew il futur) jidher sabiħ jew favorevoli wisk.

Rot — firda; tifsed; titherra; titħassar; titmermer; tħerri; tmermer; marda tal patata (meta titħassar) isem ta marda tan-ngħaġ; *rot gut*, birra ħażina ferm (birra karsa).

Rota—*roster* (ara); rota, tribunal (korti) fil curia tal papa; il korti tal appell (ecclesiastica).

Rotary — li idur; *rotary battery*, rota bis-snien cbar bħal hafna lidi li tchisser it-trab mħallat bil metalli li jaktgħu mil minieri; *rotary cutter*, rota li takta is-snien (fir-roti) f'torn.

Rotate—għamla ta rota (tond); iddawwar; iddur bħal rota.

Rotation - tidwir; dawran.

Rotative—li idur bħal rota.

Rotator—dac li idawwar.

Rotatory—li idur bhal rota.

Rotch—għasfur tal maltemp; cangu ta filfla.

Rote — strument tal cordi antic bħal arpa jew ljuto; il ħsejjes tal baħar mal blat; tgħejd jew tistudia ħaġa bl-amment bħal pappagall; *by rote*, bhal pappagall.

Rotheln—ħożba.

Rother—ghendus; tal gniedes.

Rother beasts—annimali bil krun.

Rother nail—musmar bir-ras cbi-

Digitized by Google

ta li bih jorbtu il-laċċ tat-tmun ta bastiment.

ROTTEN—mħassar; mherri; irramat; *rotten silk*, ħarir irramat; *rotten*, m'hux sod; karrieki, trajditur.

ROTTENNESS—taħsir; therrija.

ROTOLO—ratal.

ROTULA—il għadma (it-tukkala) ta rcobba.

ROTULAR— tal ghadma ta rcobba jew tat tukkala.

ROTUND—tond; compjut; sħiħ.

ROTONDA—bini (cnisia etc.); tond; *the Rotunda at Musta*, il cnisia tal Musta.

ROTUNDATE — tond; mdawwar; it-tundiat jew mgherbeb.

ROTUNDITY — tundiar (għamla ta globu jew boċċa).

ROUANNE — ħadida li biha (meta toun miowija (jimmarcaw l-annimali bakar etc.

ROUBLE — rublu, munita Russa li tiswa dwar tliet xelini u tliet soldi.

ROUCHE—ruxx, bħall frill tal ħarir għal ornamenti tal cpiepel etc. tannisa.

ROUÉ—bniedem disclu; bniedem moghti għad-debuxxar.

ROUGE—aħmar; żebgħa għal wiċċ, tiżboħ (aħmar) wiċċec; *she was rouged*, chienet miżbugha (wiċċha chien miżbuħ bl-aħmar).

ROUGE ET NOIR — aħmar u iswed; trentun, isem ta logħba tal carti, jew bil boċċi homor u suwed.

ROUGE ROYAL—xorta ta rham.

ROUGH—aħrax; goff; oħxon, li ma jafx igib ruħu; pastas fli mgiba tiegħu; li hu jebes fil widna; li ichexchxec meta tisimgħu (fil widna); magħmul fuk fuk, m'hux rfinut; (xogħol) mħaxlef; m'hux rfinut jew illixxat (bil-lustru etc.); kawwi (baħar); micsi bix-xagħar jew bir-rix; tħarrax (ma tħallix lixx), tniegħel mil ġdid żiemel (tneħħilu in-nagħal lixx u mittiechel); tagħmel ħaġa raff jew tiżbozza; tagħmel abbozz; tchisser (tħarreġ) żiemel għal esercizi (xogħol) militari; *to rough it*, tgħaddi chif icun; tgħaddi ħażin chif tista; *rough skin*, gilda ħarxa; *rough wine*, mbit aħrax fit-togħma (li ichemmex jew aspru): *rough stile*, stil (mgiba) goff; *a rough diamond*, diamant m'hux maħdum (chif isibuh fil miniera); *rough sea*, baħar kawwi.

ROUGH CAST—abbozz; lewwel mudell; tajn għat-tichil ta ħajt.

ROUGH CLAD—liebes lbies materiali jew ħwejjeġ ħoxnin.

ROUGH DRAUGHT—*sketch*; abbozz.

ROUGH DRAW — tabbozza; tagħmel abbozz (tħożż fuk fuk).

ROUGHEN— tħarrax; titħarrax jew tiħrax.

ROUGH FOOTED—b'sakajh bir-rix.

ROUGH HEW - tiżbożża (tati lewwel għamla, tlakkax gebla etc. għal figura).

ROUGHING—il ħaxix li jibka wara il ħsad.

ROUGHNESS — ħruxija; guffaġni fli mgiba; ħxuna (fli mgiba); kawwa tal baħar (meta il baħar icun mkankal jew kawwi).

ROUGH RIDER—min ichisser iż-żwiemel għar-rchib.

ROUGH WORK—taħdom mħaxlef jew m'hux rfinut.

ROULEAU — sarbut flus misrumin f'carta, scartoċċ flus misrurin.

ROULETTE—rota żgħira; *rulett*, isem ta logħba tal azzard.

ROUNCE—manċu tat-torchiu.

ROUND—tond, mdawwar bħal globu jew sfera; mgherbeb, gherbubi; tond; mimli; smin; sħiħ; complut sewwa; ċar u tond; ġmielu; m'hux żghir; tal kies; dawra; scaluna ta sellum; *round* jew dawra (ħaġa li tgħaddiha mad-dawra); dawra mad-distrett etc. li jagħmel wieħed li icun għassa; tir (sparar); żifna; *round*, cant li wieħed jibda u li jeħor jispiċċa; minn cullimchien; minn cull naħa; ma dwar; iddawwar; tittondia; *to speak in round numbers*, tgħejd in-numru tond (m'hux bir-rotti); *a round oath*, ġurament ċar u tond; *a tree ten feet round*, sigra ta għaxar piedi ħxuna; *all the year round*, is-sena collha; *it is a good round sum*, (Shakespear, *Merchant of Venice*), hia somma m'hix taċ-ċajt (chemxa flus ġmielha); *ten rounds were served*

Digitized by Google

*out to each man*, cul ragel tawh għaxar tiri ; *a round of beef*, rota, katgħa mil coxxa; *to be round with*, titchellem ċar ma; tcun ta żakkec f'fommoc; *to bring one round*, tistejken (taħji) lil xi ħadd li icun mitlut (iggibu f'sensih) billi tiskih jew tagħmillu xi ħaġa; *to come round*, tigi in sè; tieħu irruħ; tistejken; tistaħja; *to turn round*, iddur; titkalleb ; iddawwar wiċċec; tħalli il cumpannija li tcun maħha; tbiddel (tibdel) il bandiera; *to lead the round*, tcun il precimes, il capuriun jew dac ta kuddiem (f'xi rvell etc.); *round off*, tispiċċa (tagħlak) discors bil grazzia; *to round to*, titfa (iddawwar bastiment prua għar-riħ); *to round up*, tistira ic-cimi li icunu għaddejjin merħijn fil buzzolli ; iċċanfar.

ROUND ALL — kabżà bil gabriola fl-aria.

ROUND BACKED — li għandu dahru mghawweġ (mitni tnejn).

ROUND DANCE — żifna li il coppji meta jiżfnu iduru dejjem mas-sala bħal ma hi il polca, il valz etc.

ROUND FISH—(ħuta) li scalm.

ROUND NUMBER — numru tond, jigifieri bil għaxriet etc. m'hux bir-rotti ucoll; *in round numbers*, in-numru bejn wiehed u jeħor.

ROUND SEAM — ħjata ta kluħ xifer ma xifer.

ROUND TABLE—il mejda (tonda) li fukha chien jokgħod ir-Re Arturo mal Cavalieri tiegħu.

ROUND TOP—koffa f'kuċċata ta arblu.

ROUND TURN—volta ta gumma fuk oħra; volta ta cima, gumna etc. ma bitta, lasta etc.

ROUND-ABOUT—indirett; rota obira bħal mitħna tal miexi biż-żwiemel tal għuda għar-rchib tat-tfal etc., biex igħaddu iż-żmien; ġamper (flocc) li jilbsu it-tfal jew il baħrin.

ROUNDEL—tarca tonda.

ROUNDELAY—għanja; canzunetta li meta icantauha jirrepetu l'ewwel stanza u li stanzi l-oħra wara xulxin u fli stess wakt; żifna li in-nies fiha iduru kagħka id f'id.

ROUNDER—li jittondia; ċana tonda għal curvi tar-roti ; trapan għat-titkib fil blat; min (dac li) ipespes meta jitchellem jew li jitchellem bil mod.

ROUND HAND—xorta (stil) ta ohitba calligrafia bil-littri tondi.

ROUND HOUSE—il post fuk il *bridge*; fejn jokgħod ir-ragel tal għassa.

ROUNDING — biċċa cima mibruma jew sfiasca li il baħrin jdawru ma (tarf ta) gumna.

ROUND ROBIN—petizioni fejn dawc li jiffirmauha jagħmlu isimhom f'dawra (kagħka) biex ma icun jaf ħadd min beda iffirma minnhom l-ewwel.

ROUP — tbieħ fi rcant ; tagħmel rcant; tgħajjat; għajta ; il musmar (marda) fit-tjur.

ROUPET—maħnuk.

ROUSE—tkajjem ; tkum ; tkankal ; titlak mil għar (chif jagħmel ljun etc. annimal salvaġġ).

ROUT (akra *rawt*)—tħarbita; għalba; ħarba; rassa, gemgħa ta nies; ruxxmata ; salt nies ; folla; tħarbat; tħarreb, tchecci, tagħleb ; tgħajjat (bħal bakra); tonħor ; takla (bħal ma jagħmlu il ħnieżer) bil geddum mil l-art; *to rout out*, tfittex u tkalleb sewwa (biex issib); *to rout up*, ticcaċċa (tfittex, tmur wara ħaġa etc. biex takbad).

ROUTE (takra *rût*)—triek.

ROUTER—ċana tonda bhal bokxiex.

ROUTH—ħafna; katiħ; bosta.

ROUTINE—rutina (is-soltu); il mod chif bhas-soltu ; ix-xogħol stabilit ta ufficiu tas-soltu.

ROUX—butir mdewweb u tkiek li iħaltu mas-soppa jew mal grejvi biex igħakkdu biħ

ROVE—tiggiera, titmieraħ ; tkatta it-tajjâr ftietel ftietel (tfettel it-tajjâr) kabel ma tibda tagħżlu bir-raddiena.

ROVER — min jiggerra mat-torok, min jitmieraħ; bniedem li m'hux sod (li m'hux ħlief ibiddel il post jew il fehmiet).

ROVERY—serk ; sacchiġġ.

ROW—(akra *rou*)—sarbut, indana ; fila; filliera; takdef; lista (tal ismijiet etc.); ħbejża; ħobża żghira.

ROW (akra *raw*)—storbiu; frattarija; rvell; ħamba, ġlieda.

Rowdy—bniedem gellied, storbius, li dejjem bil frattarija fejn icun hu.

Rowdy dow—rvell (ħsejjes) li ma jakta xejn.

Rowdy dowdy—storbius, frattarius.

Rowel — circhett; ħolka żgħira; anell; ir-rota ta li xpruni; il ħadida ċatta tal brilja (ta ħalk iż-żiemel); ħajta, ħarira għal ħjata (xi pont) li icollhom bżonn jagħmlu fil gilda taż-żwiemel.

Rowen—għalka mħollija bil kasbija etc. m'hix maħruta fejn jirgħaw in-nghaġ etc; it-tieni wiċċ ħuxlief li tati għalka fli stess sena.

Rower—kaddief, barclor (min jakdef).

Rowl — gruwa żgħira abbord ta bastiment għat-tagħbija jew ħatt ta ħwejjeġ m'hux tkal wisk.

Row lock — furchetta jew dic il fetħa fil bardnell ta frejgatina etc. fejn jidħlu li mkadef.

Roy - re, sultan.

Royal—reali; ta re; ta sultan, nobbli; illustri; manjjficu, li ma hawnx għalih; waħda mil frieghi tal krun ta ras ic-cerv; l-ogħla biċċa kala ta bastiment; canun żgħir; *royal*, carta tad-disinn jew tal chitba ta 28 pulzier u nofs bi 12 il pulzier; *the Royals* jew *Royal Scotts*, hecc hu msejjaħ l-ewwel riġment fanterija tal Armata Inglisa; *Royal Academy*, is-società li kegħda biex tincoraggixxi u tmexxi il kuddiem l-arti tal pittura, scultura, u incisioni; *Royal antler*, it-tielet fergħa ta karn ta cerv; *royal arch*, grad fil mażunerija.

Royal bay—xorta ta rand.

Royal bounty—flus li jintgħataw, mil *fund*, għalecc magħmul, lin-nisa li icollhom żwieġhom ufficiali li imutulhom fil guerra jew fis-servizz.

Royal family—familja Reali.

Royal glass - ħgieġ pingut.

Royal mast — ir-raba biċċa arblu (l-arbulett).

Royal mines—minieri tad-deheb u tal fidda.

Royal oak—il balluta (siġra) t'Boscobel wood (l-Inghilterra) fejn ir-Re Charles II mar staħba wara il battalja ta Worcester.

Royal rich—għani ferm daks Suljew Re.

Royal standard—il bandiera reali tal Inghilterra.

Royalism — gibda (mħabba etc.) lejn il gvern tar-Re.

Royalist—realista, min iżomm ma (partitariu ta)l gvern monarchicu jew tar-Re; (partitariu tal Carlu I u Carlu II fil guerra civili li chien hemm l-Inghilterra); partitariu tal familja tal Borboni wara ir-Rivoluzioni ta Franza).

Royally—ta Re.

Royalty—li stat, jew condizioni ta Re; mgiba ta Re; il persuna tar-Re (meta tchelmu jew issemmih) f'loc *majesty*; ir-Re jew xi ħadd mil familja Reali; *Royalty was present*, chien hemm ucoll nies tal familja Reali; *royalty*, taxxa (ħaraġ jew daziu) li iħalsu proprietarji ta miniera jew lill gvern jew lill proprietariu tal art; *royalty*, flus li l-edituri jatu lill autur talli jerġgħu jistampau l-opra tiegħu.

Roynb — tgherrem, tgħiddem bi snienec.

Roynish—baxx, vili.

Rub—għarca; ħakka; mesħa; togħroc; tħokk; timsaħ; tħakkek; iggaħgaħ; tigbed il kuddiem chif tista; tfixchel; tisrom; *the Duke will not be rubbed or stopped*, (**Shakespear**, *Lear*), id-Duca ma iħallix min ifixclu u l-ankas min iwakkfu; *he can just manage to rub along*, chemm chemm jista igaħgaħ; *to rub down a horse*, tistrilja żiemel; *to rub out*, tħassar; tingassa; tobrox (chitba etc.); *to rub up*, tillostra; tborni; tkajjem; tkankal (bniedem etc. għax-xoghol); *that's the rub*, din hi issa id-difficultà (hawn hu il busillis); *we have met with some rub already*, ġa ltkajna ma ħafna difficultà (tgherfix etc.).

Rub—ħotob (fl-art) art mhattba; stoffi li iżommu li boċċa ma timxix (ma tiġrix sewwa).

Rub-a-dub — il ħoss tad-dakk ta tamburlin.

Digitized by Google

Rub iron—il ħadida ċatta tal cricc li iżżomm ma iddurx wisk rota finniżla etc.

Rubstone—ħaġra tal mola jew tal mejlak.

Rubber—raxcatur; imburnitur; xugaman (tal chirxa) li jusaw in-nies biex jixxuttaw meta jitilgħu mill banju; lima ħoxna jew raspa; ħaġra tal mola jew mejlak; biċċa għat-tnaddif tal pianci tar-ram, placchi etc; il-logħba (fil *whist*, manilja etc.) ta rewwixta jew żewġ logħbiet jew partiti, minn tlieta li bihom tiddecidi min jibka ir-rebbiħ; ħotba, stoff fl-art; difficultà; imbarazz; busillis; isem ta marda fin-ngħaġ (meta in-nagħġ iħossu tant ħrik u jatihom ħacc cbir); *india-rubber*, gomma elastica għattaħsir ta sinjali etc. bil-lapes tal carta; biċċa għodda tal veljeri li biha jillixxau (ichissru) il ħjatat fil kluħ.

Rubber cloth — folji tal gomma elastica jew tal lastcu.

Rubbing—ħacc; għerik; ix-xogħol tad-drittar tal filditerru għal-labar tal ħjata.

Rubbish—mazcal; terrapien; fdal; griefex; lakx; carfu; rmoxc; bluha; *that's all rubbish*, dic collha bluha jew ċajt; *rubbish walling*, ħajt tas-sejjiħ.

Rubbishy—li fih ir-*rubbish*; li ma jiswa xejn.

Rubble—sejjiħ (ħajt); *rubble wall*, ħajt tas-sejjiħ.

Rubbedinous -ħamrani.

Rubefacient—li iħammar.

Rubelet—rubin ċchejchen.

Rubelle—placca tal ħadid li fukha ifarcu il bcejjeċ tal metalli mħalltin chif jinkatgħu mil minieri biex jesaminawhom u jaraw x'metalli fihom.

Rubens—pittur famus ta Fiandra.

Rubeola (f'loc *measles*)—hożba.

Rubescent—li jaħmar; li isir aħmar.

Rubia—l-alliżżari (pianta).

Rubican—żiemel bajju jew iswed b'xi tebgħat (rkajja) bojjod jew li jatu fil griż li icollu fuk ingroptu.

Rubicative—li jati jew li jagħmel lewn aħmar; lewn ir-rubin.

Rubicel—ir-rubin tal Brażil.

Rubicund—li jati fl-aħmar; ħamrani.

Rubicundity—ħmura.

Rubify—tħammar; tagħmel aħmar.

Rubiginous—msaddad (bis-sadid).

Rubigo — is-sadid (marda) tal pianti.

Rubious—aħmar.

Ruble — rublu (munita Russa li tiswa dwar tmintax rbigħi).

Rubric—rubrica, chitba ħamra fil cotba tal cnisia, ritwal etc.; mictub aħmar; iżżejjen bl-aħmar.

Rubrical—mictub bl-aħmar.

Rubricate — ticteb (timmarca) bl-aħmar.

Rubricity—ħmura.

Rubus — pianti (sigar) taċ-ċawsli, tut etc.

Ruby—rubin; ħaġra preziusa ħamra; tipi ta li stampa żgħar (ta dana l-isem); ħaġa ħamra; carbunculu; musmar, ponta, jew coċċ biddemm; aħmar; tħammar; *with sanguine drops the walls are rubied round* (Pope, *Homer*, *Odyssey*), bi-ktar taddemm il ħitan iħammru collha.

Rucervine—tar-*Rucervus*.

Rucervus — xorta ta cerv ta dan l-isem fl-Indij ta Lvant.

Ruche—ruxx; ornament bħall frill għal muntar jew gvornimenti ta cpiepel etc tan-nisa.

Ruck — tchemmex; tgħattan; tokgħod fuk il bajt biex tfakksu; tokgħod krokka (fuk il bajd); tkiegħed krokka; chemxa; ticmixa; tagħtina; gozz; borġ jew munżell (għorma) gebel.

Ructation—tifwika.

Rud—aħmar; nogħra għal marcar tan-ngħaġ; isem ta ħuta tax-xmara; tħammar.

Rudder—tmun; għarbiel tal kamħ.

Rudder fish—il fanfru (ħuta).

Rudder stock—il pala jew l-usagħ biċċa tat-tmun.

Ruddiness—ħmura (fil gilda).

Ruddle — nogħra ħamra (għal marcar tan-nagħġ etc); tiżboħ (timmarca) bin-nogħra ħamra.

Ruddoc } li pettirross (għasfur).
Ruddock }

Ruddy—aħmar; ħamrani.



Digitized by Google

Rude—hoxni; aħrax; mkit; goff; *a rude winter*, xitwa harxa; *don't be rude*, la tcunx goff (pastas fli mgiba tiegħec); *how rude you are !*, chemm int ħoxni (goff jew pastas); *rude growing*, salvaġġ (ħaxix etc).

Rudely—goffament; bl-aħrax; bil ferm; bil kawwi; ta pastas; *you behaved rudely*, inti gibt ruħec ta pastas.

Rudeness—ħxuna; ħruxa; mkata (fli mgiba); guffaġni.

Rudenture—f'li scultura, għamla ta habel etc. fil colonni tal bini.

Ruderation—ċaugar t'art (mogħdija ta ġnien etc) biċ-ċagħk.

Rudesby—bniedem ohxon; goff; pastas.

Rudiment—l-ewwel tagħlim; bidu; tati (issabħaħ f) l-ewwel tagħlim.

Rudimental } tal bidu; tal ewwel
Rudimentary } tagħlim.

Rue—tejgel (ħaxixa); sogħba; ndiema; xogħfa; tisgħob bi; tixgħof; tindem minn; titħassar; *you will rue it*, inti għad jisgħobbic; *to rue a bargain*, tindem (jibdielec) minn partit (negoziu) li tcun għamilt; *rue oil*, żejt tal fejgel.

Rueful—sogħbien; niedem; xogħfien; mixgħuf; mhassar (iddispiaciut).

Ruelle—camra tar-riceviment; loc tal-lakgħa għad discussionijiet etc.

Ruff—frill (tal lbies għal għonk) ticmix; rvell (frattarija ta ferħ) ta festa; ħanec tond bħal holka f'macna; gherwiela jew caħlija; isem ta għasfur bħal venewwa; tittrionfa (tilgħab carta tat-trionf fil *whist* jew fil manilja); roll, dakk mgħaggel ta tamburlin; tkanfed (ir-rix etc) tħabbat b'idejc jew b'sakajc (tagħmel applaus).

Ruffian—kattiel; ħalliel; ragel ħażin, briccun, banavolja; ruffian; tisrak; tissaccheggia jew tati is-salt, bħal ma jagħmlu il furbani, il bastimenti fuk il baħar.

Ruffle—xabò; ticmixa; twegħira; taħwida; tgħerfixa; tfixchila; tgħerfex; twiegħer; tfixchel; tkankal wiċċ l-ilma u tagħmel il mewġ; *to ruffle one's feathers*, ittalla in-nervi lill; iġġagħal jincorla jew jiżbel lill; ittalla in-nervi; jitilgħulec.

Ruffler—wieħed li iħobb jiżżarġan; bùli; wieħed li iħobb jiggieled; jew ta kattagħni.

Rufous—aħmar; lewn il-laringa.

Ruft—tifwika.

Rufter hood—cappun tal gamiem etc. tal ġoga tal mansab.

Rug—tapit taċ-ċumnija; gverta ħoxna.

Rugæ—ticmix.

Rugate—mchemmex; magħmul bil canali.

Rugged—ħoxni; ahrax; mħatteb; goff; pastas; *rugged wind*, riħ ahrax (kawwi ferm).

Ruggedness—hxuna; ħruxa; tħattib.

Rugging—drapp tat-tapiti taċ-ċumnija jew tal gvieret ħoxnin.

Ruggy—mkanfed; mgieghed.

Rugine—raspa tat-tobba għal brix ta xi għadma marida jew mhassra; tobrox bir-*rugine*.

Rugose } mchemmex; bit-ticmix.
Rugous }

Rugolose—(werak) mchemmex rkiek rkiek.

Ruille—ħanec tat-tajn (bħal cint) fuk bejt għal l-ilma.

Ruin—rvina; ħerba; ħala; tgħarrik; tħarbat; taħli; tgharrak; tirvina; issir ħerba; tigi fil bżonn jew fil fakar.

Ruinate—tirvina; tharbat; tgħarrak; iggib fix-xejn jew tagħmel herba.

Ruination—rvina etc (ara *ruin*).

Ruiner—min jekred, jirvina, iħarbat jew igħarrak.

Ruinous—mharbat, li sar ħerba; rvinat; li iħarbat; li jaħli; ħâli; li igharrak jew jirvina.

Rulable—li tista taħcmu, tmixxih, jew tiggvernah; li jokgħod għal hacma jew għal dac li tgħejdlu.

Rule—kajsien; kies; regula; ligi; cartabun; squerra; riga; ħkim; tusija; cmand; mgiba; tkis; taħchem; tiggverna; issaltan; ticcmanda; *against all rules of nature* (**Shakespear**, *Othello*), contra il-ligijet collha tan-natura; *uncivil rule* (**Shakespear**, *Twelfth*

*night),* mgiba ħażina (goffa, ta bniedem pastas); *rules,* regulamenti; *rule of three,* il proporzioni (regula tal aritmetica); *prices ruled high,* il prezzijiet żammew rashom il fuk (bakgħu għalijin).

Ruler — kejjies; sultan; ħachem; min jiggverna jew jiccmanda; riga.

Ruling — ħkim; trigija; gvernar; rigar.

Rum—rum (xorb); kadim; antic.

Rumble — tgħergħer; iċċakċak; tħabbat; tagħmel ħoss; titgħerbeb; tgħergħir; ċakcik (bħal tas-sajjetti fil bogħod); ħoss; caxxa (post) wara f'carrozza; caxxa romblu (bħal incaljatur) fejn ikogħdu ħwejjeġ li icunu iridu jillixxawhom jew jittundiawhom bid-dawran u il hakk ma xulxin.

Rumbling—li igħergħer, li jagħmel ħoss jew ħsejjes bħal ragħad fil bogħod; li iċakċak (bħal carrettun meta jiġri fuk art bil ħotob).

Rumbo—xorb (ta abbord) li jeħdu in-nies meta icunu għajjenin.

Rumbow line.— luna, cimi etc ta abbord iccundannati (li m'humiex tajbin actar).

Rumbud—mnieħer aħmar bix-xorb.

Rumen—l-ewwel stonku tal kakra, mogħża etc (tal annimali li jixtarru).

Ruminant—li jixtarr.

Ruminate—tixtarr; tithasseb; ittalla u tniżżel bil ħsieb.

Ruminated—mtakkab collu (pianta jew werka).

Rumination - tluħ u nżul fuk ħaġa fil moħħ.

Ruminator—min jixtarr jew italla u iniżżel bil ħsieb.

Rummage—tkalleb; tgħerfex biex issib ħaġa; tifli (tesamina) rceħjjen collha biex issib ħaġa; tiftixa; tgħerfix (sa ċhemm jew biex issib ħaġa).

Rummager—min igħerfex biex isib.

Rummaging—tgħerfix.

Rummage sale — bejh; rcant tarrimasolji collha f'maħżen jew f'xi tarznar.

Rummer—tazza tax-xorb.

Rummy—xorta ta imbid Spanjol ta dana l-isem.

Rumour—għagħa; ħoss; xniegħa; vuci; toħroġ ix-xnigħa jew il vuci; *don't give credit to these idle rumours,* la tatix widen ta xniegħat boloħ (fergħin) bħal dawn; *it is rumoured that...* igħejdu li (hawn ix-xnigħa li).

Rump—wirc; ingroppa, (il patata, it-tint); *rump stake,* biċċa laħam (għal kali etc.) ta li ngroppa; *rump fed,* b'tintu ħoxna jew smin.

Rumple—ticmixa; ticmix; tcħemmex; tgħattan ħaġa (bizzilla jew żagarella) b'mod li ma tħallihiex sura actar.

Rumpless—bla demb.

Rumpus—għagħa; rvell; frattarija; storbiu.

Run—girja; tiġri; taħrab; ittir; tidħol fi (bħal meta jagħmel bastiment li jinvesti bil prua tiegħu bastiment ieħor); tmur minn post jew port għal l-ieħor; tivviaġġa jew tagħmel viaggi bħal vapuri etc. tgħaddi (takbeż) minn suggett għal l-ieħor; tigi fi (tagħmel); *to run into debt,* tigi fid-dejn (tagħmel id-dejn); tibka sejjer (bħal opra f'teatru); *the play ran for a hundred nights,* l-opra bakgħet sejra (għamluha jew saret) għall mitt lejla wara xulxin; timxi (fil kari); *the lines run smoothly,* il versi jimxu (jinkraw tajjeb); taka fuk; *the conversation then ran on another subject,* il cunversazioni (id-discors) waka fuk ħaġ'oħra mbagħad; iddum ma tagħlak cambiali; *the bill runs thirty days,* il cambiali bakgħala 30 ġurnata oħra biex tagħlak; *to run,* tinxtered (tiġri) bħal ma tagħmel illinca fuk il carta xuga; *ink runs on porous paper,* il-linca tinfirex (tiġri) fuk carta porusa (xuga etc.); *to run,* issaffi (tiscula materia etc.); *an ulcer runs,* gerħa issaffi (tiscula minnha il materia); *to run,* iddaħħal; *he ran a splinter in his thumb,* daħħal scalda f'sebgħu il cbir; ittakkab (tati dakka ta stallett); *I'll run him up to the hilts,* ( Shakespear ), indaħħallu li stallett sal manċu; *to run,* tħaddem (tmixxi); *we were unable to run the mill,* ma stajniex nħaddmu (immixxu) il mitħna; *to run,* tintroduci (iddaħħal jew tippresenta) u tgħaddi; *to run*

Digitized by Google

*a bill through congress*, tippresenta u tgħaddi ordinanza mill congress; *to run*, tgħaddi; *to run a rope through a block*, tgħaddi ħabel minn gew buzzell; *to run*, timmarca jew tgħaddi; *to run a line*, tħożż linja; *to run the risk*, tippericula (tcun fil periculu jew fit-tiġrif) tista; *if you go there you run the risk of losing your place*, jecc tmur hemm tista titlef il post; *to run a seam*, tħit (tagħmel ħjata) pont dritt; *to run after*, tfittex; *he is very much run after*, ifittxuh (jiġru warajh) wisk; *to run against*, taħbat (tolkot) ma; *to run away*, taħrab; *to run away with*, taħrab ma (tħarrab); *to run down*, tniżżel; tgħarrak (bastiment etc.); tibka tiġri wara cerv etc. sa chemm tgħajjih u takbdu; tiddisprezza (tcasbar jew tmakdar); *why do you run him down so much?*, għaliex kiegħed tiddisprezzah daks hecc? *to run down a coast*, ticcosteggia mal costa collha; *to run foul of*, tagħmel collisioni (taħbat ma jew tmur fuk bastiment jeħor); *to run hard*, tħabbatha fil giri ma; tiċċajta chiesah jew b'mod li lill dac li icun tinsultah jew taħkru iżżejjed; *to run in*, iddaħħal bniedem gewwa (tarresta); *to run in debt*, tagħmel id-dejn; *to run in the blood*, tcun (ħaġa) fid-demm jew ereditaria; *to run off*, taħrab titlak tiġri; *to run on*, tibka għaddej, tcompli (tgħaddi) linja etc; *to run on all fours*, tiġri jew timxi mbajja (fuk idejc u sakajc); *to run out*, taħli; tekred; tispiċċa (bħal ma jagħmel ir-ramel f'impulletta etc) *when will your lease run out?*, meta jispiċċalec (jagħlaklec) iż-żmien jew il cuntratt tal chera etc.; *to run over*, tgħaddi b'rota etc. minn fuk xi ħadd; *he was driving furiously and ran over a child*, chien isuk mitluf u għadda bil carrettun etc. minn fuk tarbija; *to run over*, tifli, tesamina sewwa.; *to run through*, tispiċċa (tberbak) malajr; *to run through a fortune*, tberbak malajr il ġid collu li icolloc; *to run to seed*, tagħmel iż-żerrigħa (tberchel jew issebbel); *to run together*, tħallat (iddewweb) flimchien jew ma xulxin; *to run up*, ittalla, tcabbar; *to run up a large account*, ittalla cont cbir; *to run up a store*, ittalla, twakkaf (tibni malajr) maħżen; *to run up the price*, ittalla il prezz, tgħolli; *to run up*, tħit fuk fuk (b'pont dritt), ixxellel fuk fuk; *in the long run*, sa fl-aħħar; fl-aħħar mill-aħħar; *the common run*, il generalità (il biċċa il cbira jew l-actar); *to get the run upon*, tgħaddi iż-żmien jew tippulcinellia bi; tiddieħec bi

Run — scartat, desertut; mdaħħal jew mniżżel b' contrabandu; *that sailor will be marked on the ship's books as run*, dac il baħri iniżżluh bħala desertut fil ctieb ta abbord; *run spirits*, spiriti (mdaħħlin jew imniżżlin) bil cuntrabandu.

Runagate — rinnegat; maħrub; apostata.

Runaway — maħrub; desertut.

Runcation — tnokkija tal ħaxix ħażin mir-raba etc.

Rund — ċmusa; ħaxia.

Rundel — circlu (dawra).

Rundle — scaluna ta sellum; dawra żgħira; rota jew ħolka ma dwar fus etc fejn jorbtu ħbula etc; l-anima ta argnu.

Rundlet — cartell żgħir għal licuri.

Rune — il carattru (ittri magħmulin sinjali u linji) tal Fenici etc.

Runns — carattru (ittri, chitba) goticu; rimar, rimi.

Rung — għakkies, ħatar; biċċa għuda (lasta) bħal bastun; scaluna ta sellum; magħżel ta rota tat-tmun; waħda mil lasti tal antinni ta mitħna tar-riħ; li njam (twavel) ta bastiment mal prim (jew iċ-ċan).

Runic — ta li Scandinavi, Goti u nazionijiet oħra antichi tal Europa.

Runlet — xmara żgħira tal ilma; chejl tal imbit, żejt etc, li jasa tmintax il gallun u nofs

Runman — baħri tal gwerra scartat jew desertut.

Runnel — xmara żgħira.

Runner — gerrej, min jiġri; kaddej; romblu (għal taħt il caxex tal mercanzija etc biex imixxu fuku); iċ-circu (ħadida) ta umbrella li maħha icunu mwaħħlin il balieni etc; xmara żgħi-

Digitized by Google

ra; il gebla (ħaġra) tonda ta fuk ta mitħna tal kamħ etc; ħabel oħxon f'buzzell; għasfur tal passa.

Runnet — tames (stoncu ta ħaruf għal ktar tal ħalib biex isir bakta).

Running — giri; tal giri; li jiscula; inixxi jew jinżel; *running rigging*, is-sarsi, cimi etc li jimxu (igħaddu jew jaħdmu minn ġo'l buzzelli); *running thrush*, marda f'sakajn iż-żwiemel; *running title*, l-isem (it-titlu) ta ctieb stampat fuk f'cul faċċata.

Running fire — sparar ta tiri wara xulxin mgħaġġlin.

Runnion — fkajjar; miserabbli; briccun mil l-agħar.

Runt — annimal (bakra etc) baxx jew kerkni; bakra żgħira tal Galles; għoġla.

Rupee — rupì; biċċa munita tal India tiswa ftit ankas minn *six pence*.

Rupestral - li jicber fuk il blat.

Rupture — fetħa; fetka; bażwa; tiftaħ; toftok; tinfetak; titbażwar.

